MALTA
NGĦIXU
S-SUĊĊESS

# IT-TWETTIQ TAL-BAĠIT 2019

UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI

# **IT-TWETTIQ TAL-BAĠIT** 2019

Ottubru 2019

Ippubblikat
mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
Il-Berġa ta' Kastilja
Il-Belt Valletta VLT 1061

Tel.: (+356) 2200 0000
Sit elettroniku: http://www.opm.gov.mt

***Cataloguing-in-Publication Data***
Malta. Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
It-Twettiq tal-Baġit, 2019
Valletta: Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, 2019

29.7, 21 cm

ISBN: 978-99957-1-589-2

Din il-pubblikazzjoni tista' tinxtara mid-
Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja
Il-Belt Valletta

Tel.: (+356) 2125 0550

Mitbugħ: Stamperija tal-Gvern
Prezz: €5.00

| | |
|---|---|
| OPM | Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| MFH | Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa |
| MEIB | Ministeru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji ż-Żgħar |
| MEDE | Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol |
| MEW | Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma |
| MEAE | Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza |
| MFIN | Ministeru għall-Finanzi |
| MOT | Ministeru għat-Turiżmu |
| MHAS | Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali |
| MJCL | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali |
| MESDC | Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima |
| MFTP | Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ |
| MTIP | Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali |
| MGOZ | Ministeru għal Għawdex |
| MFCS | Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali |

DAĦLA

Din il-pubblikazzjoni timmarka s-sitt sena minn meta s-Servizz Pubbliku beda jagħti rendikont tal-ħidma tiegħu fejn jidħol it-twettiq tal-miżuri tal-Baġit. Dan għaliex il-prassi kienet li, wara l-qari tad-diskors tal-Baġit, il-miżuri mħabbra kienu bħal jintilfu fis-sistemi interni u ma jħallux traċċa fejn persuna tista' tikseb tagħrif dwar fiex waslet l-implimentazzjoni tagħhom, għajr dawk li jkunu twettqu u ħallew effett fuq il-persuna b'mod dirett bħal xi żieda jew xi taxxa.

Din is-sensiela ta' pubblikazzjonijiet marbuta mal-ħidma tas-Servizz Pubbliku tikkontribwixxi għal żewġ għanijiet prinċipali. Tal-ewwel hija t-trasparenza fil-ħidma li tkun twettqet matul is-sena għall-benefiċċju tal-klijenti tagħna. It-tieni hija turija ta' kontabilità u governanza tajba; prinċipju ewlieni li fuqu hija bbażata l-ħidma tas-Servizz Pubbliku.

Il-ħidma fuq it-twettiq tal-miżuri tal-Baġit ma tispiċċax mat-tnedija ta' din il-pubblikazzjoni, iżda miżuri li jkunu għadhom fil-proċess ta' implimentazzjoni fis-sena tagħhom jibqgħu jiġu segwiti sakemm jitwettqu. Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn ir-rata ta' implimentazzjoni tal-miżuri tal-Baġit, din id-darba għall-2019, wieħed ikun jista' jinnota kif din baqgħet stabbli matul l-aħħar sitt snin hekk kif għal din is-sena r-rata ta' implimentazzjoni laħqet l-74%. Ma' dawn il-miżuri s-Servizz Pubbliku implimenta wkoll 54 miżura oħra minn baġits preċedenti, li baqgħu jiġu segwiti sakemm twettqu. Din hija turija oħra ta' ppjanar serju u twettiq.

Iżda l-ħidma tas-Servizz Pubbliku tmur lil hinn mit-twettiq tal-miżuri tal-Baġit. Matul l-2019 rajna l-ftuħ ta' tliet hubs oħra speċjalizzati ta' servizz.gov li jinkludu edu servizz.gov, Ċentru Servizz Familja servizz.gov u Taxpayer Service servizz.gov; daħlet ukoll fis-seħħ liġi ġdida dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; nedejna żewġ pubblikazzjonijiet oħra: waħda dwar it-twettiq ta' miżuri ta' simplifikazzjoni u oħra li tittratta t-tweġiba tal-Amministrazzjoni Pubblika għar-rapport tal-Awditur Ġenerali; nedejna t-tieni strateġija li tittratta d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi governattivi kif ukoll komplejna ninvestu fil-qasam tat-teknoloġija permezz tal-akbar investiment li qatt sar fl-Amministrazzjoni Pubblika. Dan kollu filwaqt li s-Servizz Pubbliku baqa' jirbaħ l-awards u jingħata diversi rikonoxximenti għall-ħidma tiegħu, fosthom għall-aqwa mobile app u l-użu tat-teknoloġija, is-servizz mogħti lill-klijenti, l-eċċellenza fejn jidħlu l-miri stabbiliti għall-iżvilupp sostenibbli, u rikonoxximent ieħor għall-miżuri mwettqa f'dawn l-aħħar ħames snin biex persuni fuq il-benefiċċji soċjali jidħlu fid-dinja tax-xogħol u joħorġu mill-faqar.

Din il-ħidma tkompli tagħtina l-enerġija biex inwettqu aktar għal Servizz Pubbliku li jżomm lill-klijenti tiegħu fiċ-ċentru ta' ħidmietu biex tabilħaqq nersqu Lejn Servizz ta' Eċċellenza.

**MARIO CUTAJAR**
Segretarju Permanenti Ewlieni

# L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 94 | Is-settur tas-Servizzi Finanzjarji: sabiex pajjiżna jibqa' kompetittiv, jeħtieġ li mhux biss insegwu mill-qrib dak li qed jiġri fuq livell internazzjonali imma li bħala Gvern ikollna channel miftuħ mal-industrija u mal-practitioners, permezz ta' Consultative Body. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (Servizzi Finanzjarji u Identità) | Inkitbu t-termini ta' referenza li jirregolaw il-Consultative Body u nbdew diskussjonijiet interni dwar il-ħidma tiegħu. | Komplew diskussjonijiet interni dwar it-twaqqif u l-ħidma tal-Consultative Body. | Ġew identifikati l-persuni li ser ikunu involuti fil-Consultative Body. | Mistenni li jitwaqqaf il-Consultative Body għas-servizzi finanzjarji. | Implimentata |
| 95 | L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji se jkollha unit speċjalizzat għall-Fintech. | Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) | Twaqqaf unit speċjalizzat għall-Fintech fi ħdan l-MFSA, li ser jieħu ħsieb l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni taħt il-Virtual Financial Assets (VFA) Act; is-superviżjoni ta' entitajiet awtorizzati taħt l-istess Att; u l-Istrateġija dwar il-Fintech, inkluż il-Fintech Sandbox u l-Fintech Hub kif ukoll l-implimentazzjoni tagħha. | Daħlet fis-seħħ il-Virtual Financial Assets Act, kif ukoll ġew ippubblikati l-VFA Regulations u l-VFA Rulebook. Bdew jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-reġistrazzjoni bħala VFA Agents.<br><br>L-applikazzjonijiet riċevuti għaddew minn proċess ta' verifikazzjoni u l-MFSA approvat l-ewwel grupp ta' VFA Agents. | Ġie pubblikat dokument dwar il-Fintech Sandbox għall-konsultazzjoni, li għalqet f'Awwissu 2019. Ġie evalwat il-feedback riċevut matul dan il-perjodu ta' konsultazzjoni. | Mistenni li jitnieda l-Fintech Innovation Hub. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Ġie ppubblikat dokument ta' konsultazzjoni dwar l-Istrateġija tal-Fintech, bil-perjodu ta' konsultazzjoni jagħlaq f'Marzu 2019. Inħolqot website ġdida li tinkludi paġna dwar il-Fintech - https://www.mfsa.com.mt/fintech/ | Saret analiżi tal-feedback riċevut matul il-konsultazzjoni. Ġie ppubblikat feedback statement u d-dokument finali rigward l-Istrateġija tal-Fintech. Beda x-xogħol fuq l-Istrateġija tal-Fintech li se jwassal għall-implimentazzjoni tal-Fintech Sandbox. | | | |
| 96 | Sejrin nippreżentaw abbozz ta' liġi li fih se nkunu qed nagħtu personalità legali lil ċerti aspetti tat-teknoloġija blockchain, filwaqt li se nkunu qed inniedu wkoll dokument li se jispjega kif qed nesploraw li noħolqu qafas regolatorju għal teknoloġiji meqjusa bħala disruptive bħall-Artificial Intelligence u Internet of Things li jikkumplimentaw il-blockchain. | Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali (MDIA) | Bdew konsultazzjonijiet bejn entitajiet governattivi u l-industrija biex jiġu identifikati każijiet prattiċi ta' Artificial Intelligence (AI) u Internet of Things (IoT) li jistgħu jiġu implimentati fis-settur pubbliku. Twaqqaf Task Force dwar l-AI, li stabbilixxa wkoll il-pedamenti għall-istrateġija dwar l-AI. Ġie ppubblikat High-Level Policy Document u sar ukoll workshop konsultattiv għall-pubbliku. | Bdiet konsultazzjoni pubblika dwar l-istrateġija dwar l-AI. Ġiet aġġornata l-istrateġija abbozzata, abbażi tal-feedback riċevut matul il-konsultazzjoni pubblika dwar l-AI. Beda t-tfassil ta' abbozz ta' liġi sabiex jagħti personalità legali lil ċerta aspetti tal-blockchain. | Tkompliet il-konsultazzjoni pubblika dwar l-istrateġija dwar l-AI. Ġiet aġġornata l-istrateġija abbozzata, abbażi tal-feedback riċevut matul il-konsultazzjoni pubblika dwar l-AI. Tkompla t-tfassil ta' abbozz ta' liġi sabiex jagħti personalità legali lil ċerta aspetti tal-blockchain. | Mistenni li tinkiseb l-approvazzjoni interna għall-abbozz ta' liġi propost rigward il-personalità legali lil ċerta aspetti tal-Blockchain u wara għandha tibda konsultazzjoni pubblika. Mistenni li tiġi pubblikata l-iStrateġija Nazzjonali finali dwar l-AI, inkluż l-IoT. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 97 | Fil-qasam tal-komunikazzjoni, is-sena d-dieħla, l-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni qed tniedi feasibility study sabiex jiġu identifikati interess u applikazzjonijiet fit-teknoloġija tal-5G. | Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA) | Sar Studju ta' Fattibilità dwar it-teknoloġija tal-5G, wara diskussjoni mal-entitajiet pubbliċi u ażjendi kummerċjali li jistgħu jibbenifikaw mill-applikazzjoni ta' servizzi diġitali sinonimi ma' din it-teknoloġija.<br><br>Saru diskussjonijiet individwali ma' numru ta' entitajiet sabiex l-MCA tkun tista' tevalwa l-feedback tal-istakeholders, li għandu jwassal għall-pubblikazzjoni tal-Expression of Interest għall-provi u esperimentazzjoni bit-teknoloġija 5G.<br><br>Saret ukoll riċerka dwar żviluppi reċenti f'numru ta' pajjiżi Ewropej fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-frekwenzi għall-5G. | Saret l-analiżi fuq livell nazzjonali dwar is-sigurtà Cyber tal-infrastruttura tal-5G, abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. L-Awtorità attendiet ukoll laqgħa indirizzata lir-regolaturi internazzjonali u esperti fuq is-sigurtà Cyber tal-infrastruttura tal-5G.<br><br>L-MCA ppubblikat l-istudju fuq il-fattibilità tal-5G. Dan l-istudju nieda diskussjoni sabiex jiġu identifikati l-oqsma u s-setturi fejn il-5G jista' jagħmel differenza.<br><br>Ġiet organizzata laqgħa tal-5G Think Tank bl-għan li jintefa' dawl fuq il-possibilitajiet tal-5G u kif din it-teknoloġija hi intenzjonata | L-Awtorità kompliet il-ħidma tagħha sabiex tiżviluppa ekosistema tal-5G b'saħħitha, permezz tal-inizjattivi regolatorji tagħha billi tassisti lill-entitajiet interessati li jistħarrġu t-teknoloġija u s-servizzi tal-5G. Għal dan il-għan l-Awtorità ppublikat stedina (Espressjoni għal Interess) għal provi u esperimentazzjoni b'użu ta' frekwenzi f'oqsma li huma relevanti għall-5G.<br><br>Ġiet pubblikata l-politika dwar ir-Radio Spectrum Policy Programme għall-konsultazzjoni pubblika.<br><br>L-Awtorità analizzat il-feedback kollu riċevut matul il-konsultazzjonijiet varji mwettqa. | Wara li tanalizza l-interess riċevut, l-Awtorità mistennija twettaq monitoraġġ tal-proġetti li qed isiru bi prova u esperimentazzjoni bl-uzu tal-5G.<br><br>L-Awtorità mistennija ssegwi wkoll l-iżviluppi tal-5G, kemm fil-qasam internazzjonali kif ukoll f'dak lokali b'mod speċjali biex jiġu indirizzati sfidi teknoloġiċi, ekonomiċi u soċjali. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | mhux biss għall-konsumatur tipiku, imma għal diversi industriji bħal turiżmu, trasport u loġistika.<br><br>Tfassal abbozz ta' politika dwar ir-Radio Spectrum Policy Programme li jiddefinixxi azzjonijiet li jippromovu l-innovazzjoni u investiment permezz ta' aktar flessibilità fl-użu tal-ispettru u l-ġestjoni effiċjenti tiegħu. | | | |
| 98 | Sal-lum il-ġurnata, hawn numru ta' fondazzjonijiet li kull waħda minnhom qed tagħmel il-promozzjoni tal-qasam tagħha. Sabiex inżidu l-promozzjoni ta' disruptive technologies, se nkunu qed inpoġġu taħt qafas wieħed il-fondazzjonijiet li jmissu mat-teknoloġija. Għalhekk se tkun qed titwaqqaf Tech.mt li se tkun qed taqdi dan ir-rwol. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (Servizzi Finanzjarji u Identità) | Ġie ffirmat l-istatut ta' Tech.mt u ġiet imwaqqfa uffiċjalment il-fondazzjoni. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 99 | Se nkunu wkoll qed naħdmu sabiex nattiraw kumpaniji ta' eSports li huwa settur li jipprometti. Nemmnu li bl-esperjenza li ksibna matul is-snin f'igaming u f'inizjattivi ġodda li ħadna fl-aħħar xhur, Malta tista' tkun ċentru ewlieni f'dan is-settur ukoll. | Gaming Malta | Ġiet ippreżentata u approvata memo interna rigward l-istrateġija tal-Video Gaming u eSports. Ġiet ippubblikata sejħa għall-organizzazzjonijiet tal-eSports biex jiġu sottomessi proposti mmirati li jappoġġaw l-iżvilupp tal-ekosistema tal-eSports ta' Malta u li jikkumplimentaw l-istrateġija tal-gvern f'dan il-qasam. | Għalqet is-sejħa u bdiet l-evalwazzjoni tal-proposti riċevuti mingħand l-organizzazzjonijiet tal-eSports. Gaming Malta pparteċipat f'diversi events internazzjonali sabiex tippromovi lil Malta u tattira aktar kumpaniji ta' eSports. Ġie ffirmat Memorandum of Understanding mal-akbar organizzazzjoni tal-esports - ESL. | Saru laqgħat ma' kumpaniji ġodda li wrew interess fl-eSports filwaqt li bdew il-preparamenti għal konferenza u expo ġdida b-isem ta' Playcon.<br><br>Malta pparteċipat ukoll f'Gamescom fil-Ġermanja li hi l-attività annwali dwar video games. | Mistenni li jsiru diskussjonijiet mal-iState Aid Monitoring Board u l-Kummissjoni Ewropea rigward it-tnedija ta video game tax relief (VGTR). Ser tiġi organizzata DELTA Summit Video Gaming & Expo kif ukoll l-event Playcon, fejn ser jitkellmu speakers lokali u barranin fis-settur ta' video gaming u eSports. Mistenni li ssir ukoll review tal-istrateġija Measure for Growth of the Video Gaming Sector. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 142 | Il-Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment, magħruf bħala IIP, se jkompli jissaħħaħ. | Aġenzija ta' Malta għall-Programm tal-Investitur Individwali (MIIPA) | Ġie ppubblikat rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-programm ta' ċittadinanza, fejn il-Kummissjoni Ewropea rrikonoxxiet li Malta tħaddan l-aktar proċess ta' due diligence rigoruż fis-settur, fost punti oħra. Fid-dawl ta' dan ir-rapport, l-Aġenzija bdiet timplimenta dak li ħareġ mill-konsultazzjoni pubblika li saret fl-2018 sabiex l-istess programm jibqa' l-aktar wieħed attreanti. | Wara li analizzat il-feedback riċevut kemm mill-konsultazzjoni pubblika kif ukoll mir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea, beda l-abbozzar tal-avviż legali dwar il-Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment. | Tlesta l-abbozzar u tressaq għall-approvazzjoni filwaqt li bdew il-preparamenti għall-pubblikazzjoni tal-avviż legali dwar il-programm ta' ċittadinanza b'investiment. | L-Aġenzija ser tkun qed tkompli taħdem sabiex il-programm jibqa' wieħed mill-aktar attraenti fl-industrija. Għaldaqstant ikomplu l-preparamenti għall-pubblikazzjoni tal-avviż legali dwar il-programm ta' ċittadinanza b'investiment. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 143 | Il-Malta Residency and Visa Programme se jkompli jiġġedded u jissaħħaħ sabiex nibqgħu kompetittivi ma' pajjiżi oħra li għandhom Programm ta' Residenza b'Investiment bħalu. | Aġenzija Maltija għar-Residenza u Visas (MRVA) | Beda jsir studju dwar il-programmi fl-industrija, kif ukoll laqgħat mal-konċessjonarji u l-aġenti tal-Malta Residence Visa Programme (MRVP) sabiex jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar il-programm u l-industrija.<br><br>Ġie mfassal ukoll programm ta' azzjoni sabiex jiġu mtejba l-proċessi interni tal-aġenzija biex tkun aktar effiċjenti. | Tlesta l-istudju dwar il-programmi fl-industrija. Tkomplew il-laqgħat mal-aġenti akkreditati u konċessjonarji, kif ukoll saret l-analiżi meħtieġa u beda l-abbozzar ta' rapport b'rakkomandazzjonijiet dwar kif il-programm jista' jiġi mtejjeb. | Ġie ppreżentat ir-rapport bir-rakkomandazzjonijiet lill-membri tal-bord tal-MRVA dwar titjib meħtieġ fil-proċeduri mħaddma.<br><br>Sar xogħol fuq it-tisħiħ tal-proċeduri interni, li wassal sabiex tittejjeb l-effiċjenza fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet.<br><br>Tkompliet ukoll il-promozzjoni tal-Programm fi swieq barranin u beda l-abbozzar tal-emendi fil-liġi li jirriflettu t-tibdil propost. | Mistenni li jitkompla x-xogħol ta' konsolidazzjoni tas-swieq li topera fihom l-Aġenzija, jiġi varat proġett ta' akkreditazzjoni ta' aġenti speċifikament għal dan il-Programm u jitlesta l-abbozzar tal-liġi għall-approvazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 144 | Filwaqt li ġie ssimplifikat il-proċess li bih jinħareġ il-permess ta' residenza u xogħol, fosthom bl-introduzzjoni tal-permess temporanju tax-xogħol, se jintbagħat sinjal ċar li r-regoli qegħdin hemm biex ikunu osservati minn kulħadd. Fid-dawl ta' dan, Identity Malta se twaqqaf unit ta' infurzar sabiex tara li r-regoli jkunu mħarsa. | Aġenzija Identity Malta (IMA) | Wara d-diskussjonijiet meħtieġa mal-istakeholders konċernati, tfassal protokoll li jipprovdi dettalji dwar kif ser ikun hemm kordinament aħjar ta' inizjattivi ta' infurzar.<br><br>Ġie approvat il-memorandum u l-avviż legali dwar it-twaqqif ta' unit ta' infurzar fi ħdan Identity Malta. | Ġie ppubblikat avviż legali li permezz tiegħu twaqqfet taqsima ta' infurzar u rappurtaġġ fi ħdan Identity Malta. | | | Implimentata |
| 145 | Identity Malta se tkun qed tintroduċi aktar faċilitajiet online. | Aġenzija Identity Malta (IMA) | Ġiet żviluppata sistema online li permezz tagħha ser ikun possibbli li jiġu sottomessi applikazzjonijiet għall-permessi tax-xogħol ta' individwi minn pajjiżi terzi waqt li jkunu barra minn Malta, u bdiet tiġi ppruvata (testing phase) ma' xi lukandi lokali. | Saru t-tibdiliet meħtieġa inkluż dawk relatati mas-sigurtà tal-pagamenti ta' din is-sistema. L-IMA introduċiet proġett pilota flimkien ma' żewġ stakeholders minn industriji kbar f'Malta li ser ikunu jistgħu jissottomettu applikazzjonijiet bis-sistema online għall-permessi tax-xogħol ta' individwi minn pajjiżi terzi, waqt li jkunu barra minn Malta. | Saru laqgħat ma' madwar 30 kumpanija li wrew l-interess li jużaw il-faċilità online. Dan bil-għan li s-servizz ikun gradwalment disponibbli għal oqsma oħra sal-aħħar tas-sena. | Mistennija jkomplu l-laqgħat mal-istakeholders sabiex tinfirex is-sistema online biex b'hekk sal-aħħar tas-sena tkun aċċessibbli għal kulħadd. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 146 | Identity Malta se tkun qed testendi aktar servizzi f'Għawdex. | Aġenzija Identity Malta (IMA) | Dan il-proġett qed jiġi implimentat b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex.<br><br>Saru laqgħat interni dwar is-servizzi l-ġodda li jistgħu jiġu estiżi f'Għawdex.<br><br>Ġiet ippubblikata sejħa biex jiġu sottomessi proposti għall-kirja tal-proprjetajiet f'Għawdex. | Tkomplew il-laqgħat bejn Identity Malta, il-Ministeru għal Għawdex u l-Management Efficiency Unit (MEU), sabiex jitfassal l-operat il-ġdid u l-użu ta' riżorsi umani.<br><br>Ħarġet sejħa u ġew ingaġġati ħaddiema ġodda u ngħataw it-taħriġ neċessarju biex jingħaqdu fid-Dipartiment tal-Espatrijati f'Għawdex.<br><br>Intgħażel il-bini minn fejn ser jopera dan is-servizz f'Għawdex. | Tfassal Service Level Agreement bejn il-Ministeru għal Għawdex u Identity Malta.<br><br>Ingħata t-taħriġ lill-impjegati fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex minn Identity Malta. | Mistenni li jibda x-xogħol fuq il-binja magħżula sabiex ikunu jistgħu jibdew jiġu offruti s-servizzi minnu. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 208 | L-2019 se tkun is-sena kruċjali li fiha, għall-ewwel darba, bħala pajjiż ikollna pjan nazzjonali kontra t-traffikar uman. Għall-ewwel darba, se jsir l-akbar investiment li qatt sar f'kampanja edukattiva b'saħħitha sabiex nagħtu aktar għarfien lill-pubbliku ta' kif jista' jagħraf każijiet potenzjali ta' traffikar uman. Se nuru tolleranza żero mal-kriminali. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (Servizzi Finanzjarji u Identità) | Beda jiġi abbozzat dokument dwar it-traffikar uman u l-prostituzzjoni, bi tħejjija għall-konsultazzjoni pubblika.<br><br>Beda xogħol fuq l-ippjanar u d-disinn tal-kampanja edukattiva dwar it-traffikar uman. | Kompla jiġi abbozzat dokument għall-konsultazzjoni pubblika dwar it-traffikar uman u l-prostituzzjoni.<br><br>Tkomplew it-tħejjijiet relatati mal-kampanja edukattiva dwar it-traffikar uman. | Id-dokument ta' konsultazzjoni ġie approvat u ppubblikat. Tnieda perjodu ta' konsultazzjoni pubblika.<br><br>Ġiet imnedija l-kampanja nazzjonali kontra t-traffikar uman – Uman Bħalek, kif ukoll is-sit elettroniku - trafficking.gov.mt - fost inizjattivi oħra. | Il-kampanja nazzjonali t'għarfien dwar it-traffikar uman mistennija tkompli sal-aħħar tas-sena u għandha tiġi ppreżentata wkoll l-Istrateġija Nazzjonali kontra t-Traffikar Uman. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 209 | Se nuru l-istess attitudni mat-traffikanti tad-droga. Il-parti li jmiss fir-riforma tal-kannabis hi li niżviluppaw strateġija nazzjonali fuq dan is-suġġett. Se noħolqu mudell imsejjes fuq il-prinċipju li wliedna jeċċellaw f'dixxiplini differenti. Irriduhom l-aħjar, l-aqwa u 'l bogħod minn kull sustanza. Għal dan il-għan se nkunu qed noħolqu numru ta' inċentivi li se jikkumplimentaw il-kampanja edukattiva. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (Servizzi Finanzjarji u Identità) | Beda t-tfassil tal-istrateġija, li tinkludi serje ta' inizjattivi kif ukoll riċerka.<br><br>Saru diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol dwar l-inizjattiva ta' inċentivi għall-iskejjel, kif ukoll dwar inizjattiva għall-għajnuna finanzjarja lill-istudenti.<br><br>Bdew tħejjijiet għall-kampanja edukattiva mmirata għall-istudenti, kif ukoll saru laqgħat mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni bl-intiża li jkun deċiż l-aħjar mod kif għandha tiġi mwettqa l-kampanja edukattiva. | Kompliet il-ħidma fuq it-tfassil tal-istrateġija. Ġie mwaqqaf il-Bord tal-Għażla dwar l-inizjattiva tal-inċentivi u beda l-ħidma tiegħu fir-rigward ta' analiżi ta' proġetti edukattivi.<br><br>Bdiet il-kampanja edukattiva permezz ta' proġett pilota fi skejjel privati u dawk immexxija mill-Knisja. | Ġie ffirmat MoU mal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) li jiġbor fih numru ta' inizjattivi għas-sentejn li ġejjin u li jinkludu programmi edukattivi (kampanja) li ssoktaw f'Settembru. | Mistennija jitkomplew id-diskussjonijiet interni, l-abbozzar tal-istrategija u jiġu magħżula l-proposti mill-Bord tal-Għażla. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 210 | Il-Gvern wera wkoll bil-fatti li huwa l-aktar wieħed femminista li qatt ra pajjiżna. U biex dan inkomplu nsaħħuh, qegħdin naħdmu fuq riforma li hija essenzjali biex dan il-Parlament ikun aktar rappreżentattiv tal-poplu Malti u Għawdxi. Ir-riforma għal Parlament aktar ugwali issa waslet f'fażi oħra. Wara li s-sena li għaddiet inħoloq kumitat tekniku li mexxa sensiela ta' laqgħat ma' stakeholders, fil-ġimgħat li ġejjin il-Gvern se jippubblika green paper bħala parti minn proċess ta' konsultazzjoni mal-pubbliku. Dan bi tħejjija għal numru ta' emendi legali li se jkunu qed jiġu ppreżentati fil-Parlament sabiex wara jiddaħħlu fil-Kostituzzjoni. Kif għandna mandat mill-poplu, se naraw li jkun hemm rappreżentanza aktar bilanċjata fil-Parlament. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (Servizzi Finanzjarji u Identità) | Ġie ppubblikat dokument - Gender Balance in Parliament Reform - għall-konsultazzjoni pubblika, li jinkludi fih sett ta' proposti dwar rappreżentanza aktar bilanċjata fil-Parlament. | Tlestiet il-konsultazzjoni pubblika u bdew jiġu analizzati l-kummenti riċevuti. | Wara li tlestiet l-analiżi tal-feedback riċevut matul il-perjodu ta' konsultazzjoni pubblika, il-Kumitat tekniku ffinalizza l-verżjoni finali tar-rapport li ħejja dwar il-proċess konsultattiv u ppreżentah għall-approvazzjoni. | Mistennija tinkiseb l-approvazzjoni interna u jsiru preparamenti għall-pubblikazzjoni. B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 225 | Tliet snin ilu konna daħħalna inċentiv għal persuni li jibqgħu jaħdmu minflok jirtiraw bil-pensjoni u b'hekk tiżdidilhom il-pensjoni tagħhom meta jagħlqu l-età ta' 65 sena. Din kienet miftuħa għas-settur privat. Mis-sena d-dieħla, dan l-inċentiv se jiġi estiż għal persuni li jibqgħu jaħdmu mas-settur pubbliku b'mod gradwali. Dan dejjem jekk ikun hemm talba mill-impjegat u l-kunsens ta' min iħaddem. | People & Standards Division | Saru l-preparamenti meħtieġa għat-twettiq ta' din il-miżura. Inħarġet ċirkolari li permezz tagħha uffiċjali pubbliċi kif ukoll impjegati tas-settur pubbliku bdew igawdu minn dan l-inċentiv. | | | | Implimentata |

UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU U
MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 178 | Investiment fi Klinika tas-Saħħa Mentali fit-Tramuntana ta’ Malta, kif ukoll Ċentru ta’ Matul il-Jum u hostels li jkunu qed jippermettu li pazjenti bi problemi minuri ta’ natura mentali jkunu jistgħu jibqgħu jgħixu fil-komunità u jibqgħu attivi kemm jistgħu. | Servizzi għas-Saħħa Mentali | Bdew id-diskussjonijiet li għandhom iwasslu għat-trasferiment ta' binja fit-Tramuntana ta' Malta biex l-investiment li jirrikjedi s-servizz ta' Klinika tas-Saħħa Mentali u Ċentru ta' Matul il-Jum jibdew jingħataw minnha. Beda l-proċess ta’ analiżi li jwassal għall-identifikazzjoni ta’ liema pazjenti fl-Isptar Monte Carmeli jistgħu jibdew jgħixu f'hostels fil-komunità. | Bdiet il-ħidma fuq it-trasferiment tal-binja fit-Tramuntana ta’ Malta biex tkun tista’ tintuża bħala Klinika tas-Saħħa Mentali u Ċentru ta’ Matul il-Jum.<br><br>Tkompla il-proċess ta’ analiżi li jwassal għall-indentifikazzjoni ta’ liema pazjenti fl-Isptar Monte Carmeli se jkunu jistgħu jibdew jgħixu f’hostels fil-komunità. | Komplew id-diskussjonijiet dwar it-trasferiment tal-binja sabiex jibdew jingħataw servizzi tas-saħħa mentali u Ċentru ta' Matul il-Jum. Tlesta l-proċess ta' analiżi li jwassal għall-identifikazzjoni ta' liema pazjenti fl-Isptar Monte Carmeli ser ikunu jistgħu jibdew jgħixu fil-komunità. | Mistenni li tiġi identifikata il-binja u jibdew isiru l-pjanijiet meħtieġa. Mistenni wkoll li jitlesta r-rapport bl-analiżi li jwassal għall-identifikazzjoni ta’ liema pazjenti fl-isptar Monte Carmeli ser ikunu jistgħu jibdew jgħixu fil-komunità u jibda l-abbozzar ta’ espressjoni ta’ interess għas-servizzi ta’ hostels fil-komunità. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 179 | Se nkunu qed inniedu investiment ieħor, b'risq it-tfal b'diffikultajiet li ma jippermettulhomx jipparteċipaw bis-sħiħ fis-sistema edukattiva tagħna, bħal pereżempju tfal affettwati mill-awtiżmu. Se tiġi żviluppata klinika speċjalizzata fl-Iskola Primarja tal-Marsa li se tkun qed tipprovdi Sensory Integration Therapy lil dawn it-tfal minn madwar il-gżejjer Maltin. | Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa | Ġew sottomessi l-pjanti meħtieġa lill-Awtorità tal-Ippjanar marbuta mal-iżvilupp ta' klinika speċjalizzata fl-Iskola Primarja tal-Marsa u nkiseb il-permess meħtieġ. Beda jitwettaq ix-xogħol strutturali meħtieġ inkluż rampa ġdida biex titjieb l-aċċessibilità. | Tkompla x-xogħol strutturali bi tħejjija għaċ-Ċentru tas-Sensory Integration. Tkompla taħriġ tat-terapisti fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa. Ġiet abbozzata sejħa għall-offerti għall-għamara. | Tkompla x-xogħol strutturali bħal xogħol ta' madum twaqqigħ tat-taraġ biex jinbena xaft għall-lifts, beda l-wiring tal-elettriku u tlesta xi xogħol ta' bini ta' ħitan. Ġiet pubblikata sejħa għall-offerti għat-tapiti tal-foam għall-art u għall-ħitan u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. Beda l-abbozzar tas-sejha ghall-offerti għall-għamara. Tkompla t-taħriġ tat-terapisti fis-Sensory Integration Therapy. Bdew il-preparamenti għat-taħriġ tal-psikoloġi. | Mistenni li jitkompla x-xogħol strutturali tat-tqegħid tal-madum u wiring tad-dawl, jibda t-tikħil tal-ħitan u jitkompla x-xogħol fuq il-bini tax-xaft tal-lifts. Mistenni wkoll li jibda t-taħriġ tat-tieni grupp ta' terapisti waqt li jitkompla t-taħrig tal-ewwel grupp fis-Sensory Integration Therapy, kif ukoll jibda t-taħriġ tal-psikologi fl-ADOS II. Mistenni li tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għall-għamara. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 180 | Iċ-Children and Young People Services (CYPS) li bħalissa qed jagħmel parti mill-Isptar San Luqa se jinstablu post alternattiv u aktar addattat. | Servizzi għas-Saħħa Mentali | Twaqqaf kumitat u bdiet konsultazzjoni mal-istakeholders involuti dwar l-istandards meħtieġa għaċ-Children and Young People Services (CYPS). Bdiet l-evalwazzjoni fuq il-bżonnijiet tas-servizzi tas-CYPS fuq skala nazzjonali. Beda wkoll l-abbozzar tad-dokument rigward l-istandards ta' terapija u trattament meħtieġ għas-CYPS. | Tlesta l-abbozzar tad-dokument tal-istandards ta' terapija u trattament filwaqt li kompliet l-evalwazzjoni tal-bżonnijiet tas-servizzi taċ-Children and Young People Services (CYPS) f'Malta. Bdiet il-ħidma biex jiġi identifikat il-bini li se jospita s-CYPS. | Kompliet il-ħidma biex tiġi identifikata l-binja li se tospita s-CYPS, filwaqt li bdiet tinkiteb l-espressjoni ta' interess għall-binja meħtieġa. | Mistennija tiġi pubblikata l-espressjoni għal interess għall-binja alternattiva l-ġdida u ssir l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 181 | Għaddejjin ukoll preparamenti għal sptar ġdid akut fil-viċinanzi ta' Mater Dei u li hemm il-ħsieb li jkun jinkludi Psychiatric Outpatients. | Servizzi għas-Saħħa Mentali | Twaqqaf kumitat li hu responsabbli għat-twettiq tal-pjanijiet għall-isptar psikjatriku ġdid. Ġie aġġornat il-medical brief, li hu dokument miktub wara konsultazzjoni wiesgħa mal-professjonisti li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa mentali, biex jassigura li l-isptar joffri l-infrastruttura neċessarja biex ikun jista' jingħata servizz ta' kwalità bl-iktar mod effiċjenti. Ġie identifikat is-sit u bdew diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Artijiet rigward it-trasferiment tal-art fejn se jinbena l-isptar. Saru diskussjonijiet interni dwar l-implimentazzjoni tal-proġett. | Tkomplew id-diskussjonijiet dwar it-trasferiment tal-art fejn se jinbena l-isptar psikjatriku ġdid. Bdiet analiżi dwar liema servizzi ser jiġu inkorporati ma' dawk tal-Isptar Mater Dei. | Tkomplew diskussjonijiet sabiex jiġu definiti parametri li fuqhom se jinbena l-isptar ġdid akut. Dan sabiex ikun jista' jsir l-ippjanar u d-disinn tal-isptar, is-sistema tat-traffiku u konnettività. mal-Isptar Mater Dei. Bdew ukoll diskussjonijiet interni dwar ir-reklutaġġ tar-riżorsi umani. | Mistennija li jkomplu d-diskussjonijiet interni dwar ir-reklutaġġ tar-riżorsi umani, kif ukoll mistenni li jibda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti biex isir Cost Benefit Analysis tal-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 182 | L-investiment fis-servizzi tal-Isptar Mater Dei se jibqa' jintensifika. Se jingħata bidu għall-bini ta' blokka ġdida għas-servizz tal-outpatients fl-Isptar Mater Dei, liema blokka se tkun attrezzata aħjar minn dik eżistenti, u li se tippermettilna nespandu s-servizzi inpatient fis-sezzjoni li llum tospita l-outpatients. Abbinat ma' dan il-proġett se jibda xogħol fuq carpark taħt l-art ta' madwar 500 spazju għall-parkeġġ. | Fondazzjoni għal Servizzi Mediċi (FMS) | Beda l-proċess ta' konsultazzjoni mal-Isptar Mater Dei u mal-entitajiet ikkonċernati, fosthom l-Enemalta, Transport Malta, l-Awtorità tal-Ippjanar, Malta Public Transport u l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi dwar il-bini tal-blokka l-ġdida tal-Outpatients u tal-parkeġġ taħt l-art. Beda wkoll il-proċess tat-trasferiment tal-art faċċata tad-daħla tal-Isptar Mater Dei. Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għar-rilokazzjoni tas-servizzi. | Saret analiżi dwar l-impatt fuq it-traffiku, permezz tas-Simplified Traffic Statement. Intemm il-proċess ta' konsultazzjoni mal-Isptar Mater Dei dwar il-bini tal-blokka l-ġdida tal-Outpatients u tal-parkeġġ taħt l-art. Tkompla l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għar-rilokazzjoni tas-servizzi. Beda l-abbozzar tas-sejħa tal-offerti għax-xogħlijiet fuq il-parkeġġ temporanju. Tlestew il-pjanti tal-bini ta' kull livell tal-blokka l-ġdida tal-Outpatients u tal-parkeġġ taħt l-art. Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti tal-geotechnical survey. | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-permess għall-parkeġġ temporanju u l-bini tal-blokka l-ġdida. Tkompla l-proċess tat-trasferiment tal-art għal parkeġġ temporanju. Tkompla l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għar-rilokazzjoni tas-servizzi. Tlesta l-abbozzar għas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet tal-parkeġġ temporanju. Beda abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-iskavar tal-parkeġġ ta' taħt l-art. Intgħażel il-kuntrattur sabiex jagħmel il-geotechnical survey. Sar cost benefit analysis dwar il-proġett. | Mistenni li jintgħażel il-kuntrattur li se jagħmel ix-xogħlijiet relatati mal-parkeġġ temporanju, kif ukoll mistenni li jitlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-iskavar tal-parkeġġ ta' taħt l-art.<br><br>Mistenni li jibda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għad-design and build għal blokka tal-outpatients il-ġdida. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 183 | Investiment f'servizzi oħra ġodda; Robotic Surgery. | Sptar Mater Dei (MDH) | Ġiet ippubblikata talba għall-informazzjoni dwar x'sistemi ta' robotic surgery hemm fis-suq internazzjonali u bdiet l-evalwazzjoni tal-informazzjoni riċevuta. | Tlestiet l-evalwazzjoni tal-informazzjoni riċevuti dwar ir-robotic surgery. | Bdew diskussjonijiet mal-kuntrattur biex tinxtara u tiġi nstallata sistema tar-robotic surgery. | Mistenni li ssir l-ordni għat-tagħmir ta' sistema ta' robotic surgery.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 184 | Investiment f'servizzi oħra ġodda; It-tisħiħ ta' servizzi eżistenti bħal dak tal-IVF. | Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa | Tlesta x-xogħol strutturali fil-faċilità tal-Assisted Reproductive Technology (ART), li kien beda fl-2018. Ġew installati u validati żewġ inkubaturi ġodda. Bdew id-diskussjonijiet ma' ċentri barranin li se jkunu qed jissupplixxu l-gameti għall-użu ta' donazzjonijiet minn terzi persuni. Inħarġet espressjoni ta' interess biex jitwettaq xogħol ta' Infertility Counsellors fl-Assisted Reproductive Technology (ART) Clinic. | Tkompla x-xogħol fuq ir-reklutaġġ tal-Infertility Counsellors fl-Assisted Reproductive Technology (ART) Clinic. Tkomplew ukoll id-diskussjonijiet maċ-ċentri barranin li se jkunu qed jissupplixxu l-gameti għall-użu ta' donazzjonijiet ta' terzi persuni. | Beda jingħata s-servizz ta' Intra Uterine Inseminations (IUI) permezz ta' gameti tal-koppja stess. Saru diversi laqgħat dwar il-kuntratt eżistenti tal-IVF sabiex ikopri wkoll servizzi ġodda. Tkomplew ukoll id-diskussjonijiet ma' banek tal-gameti barranin li se jkunu qed jipprovdu l-gameti għall-użu tad-donazzjoni minn terzi persuni. Saret ħidma sabiex jinstabu siti fejn jistgħu jiġu mħarrġa professjonisti Maltin bħala embrijoloġisti. | Huwa mistenni li jiġi konkluż in-negozjar u l-kuntratt ta' Public Private Partnership li jkopri s-servizzi kollha tal-IVF. Mistenni wkoll li jiġu ffirmati t-third party agreements ma' erba' banek tal-gameti rispettivi li ser jipprovdu l-gameti, kif ukoll jitlesta l-proċess mill-ART Clinic ta' tfassil ta' Standard Operating Procedures u donor agreement fil-każ ta' donazzjoni diretta minn terzi persuni sabiex dan is-servizz ikun jista' jibda jingħata wara li tinkiseb il-liċenzja mir-Regolatur. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Tkompla x-xogħol fuq ir-reklutaġġ tal-Infertility Counsellors fl-Assisted Reproductive Technology (ART) Clinic. Ġie ffirmat service agreement bejn id-Dipartiment tas-Saħħa u l-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali sabiex wara t-taħriġ meħtieġ jibda jingħata s-servizz ta' Infertility Counselling. | | |
| 185 | Investiment f'servizzi oħra ġodda; Tqegħid ta' apparat ġdid inkluż l-MRI f'Mater Dei. | Sptar Mater Dei (MDH) | Wara li s-sejħa għall-offerti għalqet f'Diċembru 2018, tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejha ghall-offerti għall-MRI u ġie magħżul il-kuntrattur. Ġiet abbozzata sejħa għall-offerti għall-Gastroscopes, Colonscopes u Bronchoscopes. | Ġie ffirmat il-kuntratt għall-MRI. Bdew it-taħditiet dwar ix-xogħlijiet meħtieġa fis-sit fejn ser tiġi installata l-MRI. Tkompla l-vetting mid-Dipartiment tal-Kuntratt tas-sejħa għall-offerti għall-Gastroscopes, Colonscopes u Bronchoscopes. | Bdew ix-xogħlijiet meħtiega fis-sit fejn ser tiġi installata l-MRI. Ġiet pubblikata s-sejħa għall-offerti għall-Gastroscopes, Colonscopes u Bronchoscopes u tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti u r-rapport tal-evalwazzjoni intbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti. | Mistennija tasal l-MRI fl-Isptar Mater Dei. Mistenni wkoll li l-kuntratt tal-Gastroscopes, Colonscopes u Bronchoscopes jiġi ffirmat sabiex l-apparat jiġi installat fl-Isptar Mater Dei sal-aħħar ta' din is-sena. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 186 | Se jkompli x-xogħol fit-tisbiħ u modernizzar tal-bereġ fl-ibliet u rħula ta' Malta u Għawdex, kif ukoll se jkompli l-programm estensiv ta' rinnovar b'installazzjoni ta' apparat modern fiċ-ċentri kollha tas-saħħa f'Malta. | Dipartiment għall-Kura Primarja | Beda u tlesta t-tisbiħ u modernizzar fil-berġa f'Tal-Pietà. Ġie deċiż liema hu l-apparat mediku l-aktar meħtieg għaċ-ċentri tas-saħħa f'pajjiżna. Sar l-abbozzar ta' sejħiet għall-offerti għall-apparat meħtieġ. | Tlesta x-xogħol ta' tisbiħ fil-bereġ ta' Ħ'Attard, fiż-Żurrieq u f'Tas-Sliema. Beda x-xogħol fuq żewġ bereġ oħra li huma taż-Żejtun u ta' Ħaż-Żabbar. Ġew ippubblikati u evalwati wħud mit-tenders għall-apparat li ser jinxtara matul l-2019 u nxtara xi apparat modern biex jiġi installat u użat fil-bereġ u ċentri tas-saħħa. | Tlesta x-xogħol fil-berġa ta' Ħaż-Żabbar u nfetħet għall-pubbliku f'Awwissu. Tkompla x-xogħol fil-berġa taż-Żejtun. Inxtara aktar apparat mediku għall-bereġ, u beda l-proċess tas-sejħiet għall-offerti għal iżjed apparat mediku. | Mistennija titlesta l-berġa taż-Żejtun u tiftaħ għall-pubbliku, kif ukoll ikompli l-proċess sabiex jiġu ppubblikati iżjed sejħiet għall-offerti għal aktar apparat mediku. Ikompli jinxtara iżjed apparat li jiġi installat u użat fil-bereġ u fiċ-ċentri tas-saħħa. | Implimentata |
| 187 | F'Għawdex se jinfetaħ Ċentru tas-Saħħa ġdid u modern fir-Rabat. | Dipartiment għall-Kura Primarja | Bdew ix-xogħlijiet ta' modifiki strutturali, alterazzjonijiet ta' bibien, muntaġġ ta' ħitan u xogħol ieħor. Sar l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għall-għamara u apparat mediku. Din il-miżura qed titwettaq b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex fid-dawl tal-proġett ta' tisbiħ ta' Pjazza San Franġisk. | Tkomplew ix-xogħlijiet ta' modifiki strutturali, interni u esterni. Tkompla l-vetting tas-sejħiet għall-offerti tal-għamara u apparat mid-Dipartiment tal-Kuntratti. | Beda x-xogħol fuq is-sejħa għall-offerti tal-interior finishings. Is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' mekkanika u inġinerija intbgħatet lid-dipartiment tal-kuntratti għall-vetting meħtieġ. | Mistenni li ikompli x-xogħol fuq is-sejħa għall-offerti għall-interior finishings. Mistenni li tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' mek-knika u inġinerija. Mistenni li jagħlqu s-sejħiet għall-offerti u ssir l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 188 | Titlesta u tibda tintuża l-Medical School il-ġdida ta' Barts f'Għawdex. | Special Projects | Tlestiet il-kostruzzjoni tal-binja f'forma ta' ġebel u saqaf, wara li nbdiet fl-2018. Komplew u ġew definiti d-disinn tal-istruttura minn ġewwa kif ukoll l-infrastruttura mekkanika, elettrika, plumbing u drenaġġ. | Tlesta l-bini tal-ħitan interni u x-xogħol tal-elettriku, fire detection u alarms, CCTVs, drenaġġ u lifts, filwaqt li bdiet l-installazzjoni tal-Main Plant u s-sub-station. | Tlesta x-xogħol tal-Mechanical and Engineering u plumbing f'kull sular. Tlesta x-xogħol fuq il-Main Plant u s-substation. Beda l-finishing fuq il-ħitan esterni; twaħħal il-madum u sar PVC flooring filwaqt li beda xogħol ta' tikħil, kisi u żebgħa. | Mistenni li jispiċċa x-xogħol tal-external u l-internal finishing kif ukoll jintemm ix-xogħol tal-Mechnical and Engineering u jiġi ttestjat. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 189 | Bl-investiment f'infrastruttura ġdida tal-informatika fil-Ministeru għas-Saħħa, se jkunu estiżi s-sistemi eżistenti f'setturi ġodda. | Information Management Unit (IMU) | Beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti tas-sistema tan-network equipment li se jservi bħala investiment infrastrutturali ġdid. | Kompla x-xogħol fuq l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti. | Tlesta l-vetting tas-sejħa għall-offerti mid-Dipartiment tal-Kuntratti u ġiet ippubblikata. Intlaqgħu l-offerti u bdiet l-evalwazzjoni tagħhom. | Mistenni li titlesta l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti, sabiex ikun jista' jintgħażel il-kuntrattur rebbieħ. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 190 | Il-Gvern hu kommess li jkompli jsostni s-servizzi ġodda indirizzati lil persuni trans b'tim multidixxiplinarju kif ukoll b'mediċini u proċeduri ġodda. | Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa | Komplew id-diskussjonijiet fost il-membri ta' tim multidixxiplinarju biex jiġu formalizzati l-clinical pathways u treatment protocols. Beda l-abbozzar tal-Memorandum of Understanding (MOU) ma' Identity Malta sabiex is-sistemi tal-IT jiġu aġġornati meta jkun hemm bidla fil-ġeneru. Beda l-monitoraġġ tal-konsum tal-mediċini preskritti sabiex tkun tista' tiġi żgurata provvista adegwata għall-klijenti tal-klinika. Ġew identifikati l-oqsma fejn it-tim multidixxiplinarju jeħtieġ iktar taħriġ. | Sar kuntatt ma' ċentri speċjalizzati barranin u ġie organizzat perjodu ta' job shadowing u aktar taħriġ għal diversi membri tat-tim. Tkompla l-abbozzar tal-Memorandum of Understanding (MoU) ma' Identity Malta. | Tkompla l-proċess ta' evalwazzjoni tas-servizz mogħti mill-Gender Wellbeing Clinic. Tkompla l-monitoraġġ tal-konsum tal-mediċini preskritti sabiex tkun tista' tiġi żgurata provvista adegwata għall-klijenti tal-klinika. Sar komunikat ma' ċentri barranin sabiex jiġu esplorati proċeduri relatati ma' Gender Reassignment Surgeries. | Mistenni li jitlesta l-MOU ma' Identity Malta u jkomplu l-laqgħat tat-tim multidixxiplinarju għall-implimentazzjoni tal-politika dwar is-saħħa tal-persuni trans. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 191 | B'inizjattiva bejn il-Gvern u l-Hospice Movement u l-Knisja ta' Malta, il-Gvern se jappoġġa t-twaqqif ta' Ċentru ġdid San Mikiel li se jkun qed jipprovdi għajnuna paljattiva professjonali lill-pazjenti fl-aktar mumenti kritiċi ta' ħajjithom. Dan se jkun ukoll qed jipprovdi respite lill-qraba li wkoll ikunu qed jgħaddu minn dawn il-mumenti diffiċli. | Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa | Tkompla x-xogħol fuq l-applikazzjoni għall-iżvilupp mal-Awtorità tal-Ippjanar. Bdiet titħejja s-sejħa għall-offerti għat-tħaffir u l-bini taċ-ċentru l-ġdid. | Kompla l-proċess tal-applikazzjoni għall-iżvilupp mal-Awtorità tal-Ippjanar. Ġiet pubblikata s-sejħa għall-offerti għat-tħaffir, twaqqigħ u bini taċ-ċentru l-ġdid. | Inkiseb il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. Għalqet u tlestiet l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti għat-tħaffir, twaqqieħ u bini. | Mistenni li jintgħażel il-kuntrattur rebbieħ tas-sejħa għall-offerti u jibda xogħol ta' tħaffir, twaqqieħ u bini. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 192 | Se nkunu qed naġġornaw is-servizzi tal-Bank Nazzjonali tad-Demm permezz ta' xiri ta' makkinarju ġdid. | Ċentru Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm (NBTS) | Beda u tlesta x-xogħol strutturali tal-installazzjoni tal-ilma u l-elettriku, xogħol ta' manutenzjoni u tiswijiet ġenerali fil-kmamar fejn ser jiġi installat il-makkinarju l-ġdid. | Ġie installat il-makkinarju li nxtara u beda ezercizzju ta' validazzjoni tas-sistema u ttestjar. | Tlesta l-eżerċizzju għall-validazzjoni tas-sistema. Il-makkinarju għall-analiżi tad-demm beda jintuża. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 193 | Il-Gvern se jkompli jinvesti f'aktar mediċini biex jassigura l-kura ta' aktar pazjenti Maltin u Għawdxin, u jkompli jtejjeb l-aċċess għall-aħjar kura li għandhom il-persuni l-aktar vulnerabbli f'pajjiżna. Dan se nagħmluh billi nżidu aktar trattamenti innovattivi tal-kanċer. | Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa | Wara li tlestew il-Health Technology Assessments, li jgħinu fit-teħid tad-deċiżjoni biex mediċini ġodda jidħlu fil-formolarju tal-Gvern, il-mediċini tal-onkoloġija ġew approvati mill-Government Formulary List Advisory Committee (GFLAC), li hu kumitat tekniku li jagħti pariri tekniċi lill-Ministeru. | Ġew approvati l-mediċini tal-onkoloġija mill-Advisory Committee on Healthcare Benefits (ACHCB). Dan il-kumitat jagħti pariri mill-aspett finanzjarju. | Ġew abbozzati l-ispeċifikazzjonijiet tal-mediċini ġodda tal-onkoloġija u beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri tagħhom. | Mistenni li jitlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-mediċini l-ġodda sabiex jintbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-vetting meħtieġ.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 194 | Għal dan l-għan ġie mwaqqaf kumitat li se jkun qed jikkunsidra talbiet għal mediċini għal mard jew kumplikazzjonijiet rari, liema trattament ma jkunx diġà fuq il-formolarju tal-Gvern għal dik il-kundizzjoni, u li ħafna drabi jiswa eluf ta' ewro kull pazjent. Għaldaqstant, il-Gvern se jivvota somma sostanzjali ta' flus biex tibda titwettaq din il-miżura. | Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa | Il-kumitat twaqqaf fl-2018 u kompla jilqa' s-sottomissjonijiet għall-mediċini, għall-mard u għal kumplikazzjonijiet rari. Dan il-kumitat jiltaqa' regolarment skont il-ħtieġa. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 195 | Se nkunu qed ninvestu aktar fil-kura ta' mard infettiv bħall-Epatite Ċ u l-HIV bil-ħsieb li neliminaw din il-marda mill-gżejjer Maltin. | Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa | Ġiet identifikata persuna professjonista permezz ta' espressjoni ta' interess biex taħdem fil-qasam tas-saħħa sesswali inkluż Epatite Ċ. Ħarġet sejħa għall-offerti għax-xiri tal-mediċini ġodda tal-HIV. | Bdew isiru preparamenti għal kampanja edukattiva fuq il-medja soċjali permezz ta' messaġġi animati rigward l-effetti tal-Epatite Ċ kif ukoll preparamenti loġistiċi sabiex jiġu organizzati laqgħat ma' professjonisti dwar l-Epatite Ċ. Għalqet is-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-mediċini ġodda tal-HIV u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. | Tkomplew il-preparamenti biex jiġu organizzati laqgħat ma' professjonisti tas-saħħa dwar l-Epatite Ċ u kampanja edukattiva. Saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għal mediċini ġodda. | Mistenni li jiġu organizzati l-laqgħat ma' professjonisti tas-saħħa u ssir il-kampanja edukattiva dwar l-Epatite Ċ, kif ukoll mistenni li jintgħażel l-offerent preferut għas-sejħa għall-offerti għal mediċini ġodda. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 196 | Matul is-sena d-dieħla wkoll il-mediċini tal-prostata ser jiżdiedu fuq il-formolarju tal-Gvern. | Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa | Bdiet u tlestiet analiżi teknika, il-Health Technology Assessment, rigward il-mediċini li jaffettwaw it-tkabbir tal-prostata beninja u ġew identifikati numru ta' mediċini li huma effettivi għat-trattament ta' din il-kundizzjoni biex dawn eventwalment jidħlu fil-formolarju tal-Gvern. | Il-mediċini identifikati flimkien mal-użu tagħhom ġew ippreżentati lill-Kumitat Konsultattiv għall-Formolarju tal-Gvern (il-Government Formulary List Advisory Committee - GFLAC, li hu kumitat tekniku li jagħti pariri tekniċi lill-Ministeru) u approvati. Saret ukoll valutazzjoni tal-impatt li dawn il-mediċini mistenni jkollhom. | Il-mediċini rakkomandati ġew approvati mill-Kumitat Konsultattiv għall-Benefiċċji tas-Saħħa, (l-Advisory Committee on Healthcare Benefits - ACHCB). Sadanittant beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-mediċini tat-tkabbir tal-prostata beninja u ġiet ipprezentata u approvata memo għall-approvazzjoni rigward din il-kundizzjoni. Daħal fis-seħħ l-avviż legali li bih ġiet inkluza din il-kundizzjoni ġdida fl-iskeda V. | | Implimentata |
| 197 | Fir-rigward tad-dijabete, wara illi din is-sena daħħal l-isticks għall-monitoraġġ taz-zokkor mingħajr ħlas għall-pazjenti kollha bid-dijabete, dan il-Gvern se jespandi s-servizzi f'dan is-settur matul l-2019. | Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa | Wara li sar il-health technology assessment tal-mediċini l-ġodda tad-dijabete, dawn il-mediċini ġew diskussi fil-Government Formulary List Advisory Committee (GFLAC). | Komplew diskussjonijiet fil-GFLAC dwar din il-klassi ta' mediċini fid-dawl ta' żviluppi fil-linji gwida internazzjonali fit-trattament tad-dijabete. Il-GFLAC approva dawn il-mediċini. | Il-mediċini l-ġodda għall-kura tad-dijabete ġew approvati mill-Advisory Committee on Healthcare Benefits (ACHCB). Ġew abbozzati l-ispeċifikazzjonijiet għal dawn il-mediċini u beda wkoll l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-medicini il-ġodda. | Mistenni li jitkompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-mediċini l-ġodda għall-kura tad-dijabete. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 198 | Tajjeb inżidu li se nkunu qed nibdew investiment f'sistema ġdida awtomatika li ser tgħin fil-preparazzjoni u l-ippakkjar tal-mediċini li jitqassmu lill-persuni fil-komunità. L-għan hu li tiżdied l-effiċjenza u s-sigurtà f'dan il-proċess. | Spiżerija tal-Għażla Tiegħek (POYC) | Bdiet tinġabar l-informazzjoni u ssir riċerka li ser isservi bħala bażi għall-istudju ta' fattibilità li jrid isir biex jiġu stabbiliti l-mudelli varji li jistgħu jintużaw biex titwettaq din il-miżura. | Kompliet tinġabar l-informazzjoni u tkompli r-riċerka filwaqt li bdew l-ewwel diskussjonijiet mal-istakeholders. | Kompliet tinġabar l-informazzjoni u ssir ir-riċerka filwaqt li bdew l-ewwel diskussjonijiet mal-istakeholders. | Mistenni li tkompli tinġabar l-informazzjoni u tkompli r-riċerka kif ukoll id-diskussjonijiet mal-istakeholders. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 199 | Il-Gvern jifhem li, f'settur vast bħas-saħħa, hemm bżonn ta' pjan strateġiku fit-tul sabiex nassiguraw li, bl-investiment tagħna, nolqtu firxa wiesgħa ta' nies u nieħdu ħsieb li ħadd ma jibqa' lura. Għal dan l-għan se jitwettaq pjan strateġiku ġdid għas-snin 2020-2030. | Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa | Tlesta r-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija preċedenti 2014-2020. Tlesta wkoll il-Health Systems Performance Assessment, li hu rapport li jevalwa s-sistema tas-saħħa abbażi ta' ċerti kriterji matul iż-żmien, filwaqt li jqabbel ir-riżultat ma' pajjiżi Ewropej. Tfasslu wkoll il-prijoritajiet għall-istrateġija 2020-2030, wara li saret konsultazzjoni interna. | Bdiet tinkiteb l-istrateġija u tlestew il-punti ewlenin tal-kapitli rispettivi ta' din l-istrateġija 2020-2030. | Tkompliet tinkiteb l-istrateġija permezz ta' riċerka u laqgħat mal-istakeholders. Ġie varat l-ewwel dokument tematiku (fi ħdan l-istrateġija nazzjonali) li hu dwar is-saħħa mentali. | Mistenni li jkomplu jinkitbu d-dokumenti tematiċi varji u jsiru l-preparamenti sabiex jiġu varati għall-konsultazzjoni pubblika.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INVESTIMENT U N-NEGOZJI Ż-ŻGĦAR

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 65 | Sejrin ukoll nibdew ninvestu fi proġetti ta' tisbiħ ambjentali fiż-żoni industrijali li hawn fil-pajjiż. | Malta Industrial Parks | Kompliet il-ħidma ta' manutenzjoni u tindif fiż-żoni industrijali ta' Ħ'Attard, Bulebel, Ħal Far, Kordin, Ħal Luqa u l-Marsa. Sar xogħol intensiv dwar disinn u proposti fuq toroq, servizzi u illuminazzjoni tat-toroq fiż-żoni kollha. Beda xogħol ta' manutenzjoni fuq fire hydrants fiż-żoni ta' Bulebel, Ħal Far u Kordin. Beda l-bini ta' substations fiż-żona industrijali ta' Ħal Far. Bdew jitfasslu wkoll proposti għall-bini ta' faċilitajiet industrijali u oħrajn anċillari fl-istess żona. | Kompla għaddej ix-xogħol ta' manutenzjoni u tindif fiż-żoni industrijali indikati. Ġie stabbilit il-mod ta' kif ser isiru x-xogħlijiet ta' toroq, servizzi u illuminazzjoni fiż-żoni kollha. Kompla għaddej ix-xogħol fuq il-bini ta' substations fiż-żona ta' Ħal Far. Tkompla x-xogħol ta' manutenzjoni fuq fire hydrants fiż-żoni ta' Bulebel, Ħal Far u Kordin. | Tkompla x-xogħol ta' manutenzjoni u tindif fiż-żoni industrijali indikati, ix-xogħol fuq is-substations fiż-żona ta' Ħal Far filwaqt li ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-permessi meħtieġa għall-bini ta' faċilitajiet varji f'Ħal Far. | Huwa mistenni li jitkompla x-xogħol ta' manutenzjoni u tindif fiż-żoni industrijali indikati marbuta ma' proġetti ta' tisbiħ ambjentali, jitlestew ix-xogħlijiet fuq is-substations f'Ħal Far u jinħarġu s-sejħiet għall-offerti għall-bini ta' faċilitajiet varji f'Ħal Far.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 102 | Filwaqt li tul din is-sena kompliet il-ħidma tal-Malta UK Business Promotion Task Force, matul is-sena d-dieħla l-Malta Enterprise mistennija tniedi skema li toffri għajnuna fuq servizzi ta' business advisory intenzjonat li jgħin SMEs lokali li l-kummerċ tagħhom jiddependi l-aktar mis-suq fir-Renju Unit. | Malta Enterprise | Tlestew il-preparamenti meħtieġa għat-tnedija tal-iskema Get Ready u ġiet approvata. L-iskema ġiet imnedija fl-aħħar tal-2018 b'estensjoni sal-aħħar ta' Frar 2019. | | | | Implimentata |
| 103 | Qed isiru diversi laqgħat sabiex jiġi attirat investiment lejn pajjiżna meta jseħħ il-Brexit. | Malta Enterprise | Saru diversi laqgħat ma' kumpaniji f'setturi differenti li wrew interess li jirrilokaw f'Malta. Il-Bord tal-Malta Enterprise approva l-applikazzjoni ta' kumpanija biex tingħata spazju industrijali.<br><br>Minkejja li l-Brexit ma seħħx, it-task force ser tibqa' għaddejja bil-ħidma tagħha skont l-iżviluppi u ċ-ċirkustanzi li jirriżultaw. | | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 104 | Matul din is-sena tkompliet ħidma fuq liġi ġdida dwar il-kummerċ ħieles, bl-għan li jitwaqqfu żoni ġodda bħal tal-Freeport, skont il-ħtieġa. Dan l-Att mistenni jiffaċilita investiment ġdid fis-servizzi tal-loġistika internazzjonali. Dan mhux biss joħloq impjiegi ġodda imma jkun ta' għajnuna għal kumpaniji eżistenti billi jwassal għal żieda u titjib fis-servizzi bl-ajru u bil-baħar. | Malta Enterprise | L-abbozz ta' liġi dwar il-kummerċ ħieles għadda mit-Tieni Qari (plenarja) fil-Parlament u għadda għad-diskussjoni fil-Kumitat għall-Kunsiderazzjoni tal-Abbozzi. | Il-liġi ġiet ippubblikata wara li għaddiet mit-Tielet Qari fil-Parlament. Sadanittant bdew il-preparamenti biex jitwaqqfu l-istrutturi meħtieġa biex il-liġi tibda titwettaq. | Kompliet il-ħidma fuq it-twaqqif ta' strutturi interni u tnediet l-awtorità responsabbli għall-aspett ekonomiku taż-żoni ħielsa. | Mistenni li titkompla l-ħidma billi jiġi identifikat sit fejn se jkun hemm Customs Free Zone. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 105 | Sabiex inkomplu nkattru l-intraprenditorjat f'pajjiżna, se niffokaw fuq pjan ta' azzjoni li jgħin lil start-ups jikbru. F'dan ir-rigward, se tkompli tiġi promossa l-iskema Seed Investment. | MIMCOL | Tħejjiet proposta dwar l-estensjoni tal-iskema Seed Investment u bdiet kampanja promozzjonali fuq il-mezzi soċjali biex tirreklama din l-istess skema. Intant sar pjan biex jitwettaq il-proġett Early Stage Investment Launch (ESIL). | L-estensjoni tal-iskema Seed Investment ġiet approvata filwaqt li kompliet il-kampanja fuq il-mezzi soċjali dwar l-iskema. Ġie deċiż li jiġu organizzati numru ta' attivitatijet fosthom ESIL Open Day, magħrufa aħjar bħala Investor Connect, u parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' profil għoli għall-benefiċċju ta' start-ups. | Saru l-preparamenti biex tkun organizzata Master Pitching Class b'mod konġunt mal-iskema Seed Investment filwaqt li kompliet il-kampanja promozzjonali dwar l-iskema Seed Investment fuq il-midja soċjali. | Mistennija li tkompli l-kampanja promozzjonali dwar l-iskema Seed Investment fuq il-midja soċjali.<br><br>Bħala parti mill-operat ta' din l-iskema, se jkun hemm Master Pitching Classes minn żmien għal żmien u parteċipazzjoni f'attivitajiet bħal Malta Innovation Summit, l-EY Attractiveness Survey u l-SME Week biex tkompli tiġi promossa l-iskema Seed Investment. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 106 | Barra minn hekk, huwa maħsub li noħolqu ekosistema li tgħin lil start-ups jikbru, u għalhekk se nkunu qed nintroduċu skema ta' start-up visa bil-ħsieb li niffaċilitaw il-proċess biex aktar start-ups barranin jagħżlu li jistabbilixxu ruħhom hawn Malta. Bil-ħolqien ta' co-working space, matul din is-sena, se nniedu accelerator programme bi sħubija ma' entità internazzjonali. | MIMCOL | Saru l-preparamenti u ġie approvat it-twaqqif ta' Start-up Malta Foundation li tgħaqqad l-inizjattivi għall-istart-ups taħt kappa waħda. Bdew jitfasslu l-parametri għall-iStart-up Visa. Bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti li ħarġet fl-2018 biex jintgħażel operatur ta' Accelerator. | Tlesta d-dokument dwar il-parametri ta' Start-up Visa għall-approvazzjoni interna. Twaqqfet uffiċjalment l-iStart-up Malta Foundation. Tkompliet l-evalwazzjoni tal-offerti għall-operatur ta' Accelerator. | Bdiet il-ħidma mill-Fondazzjoni Start-up Malta. | Mistennija tibda titwettaq l-istrateġija ta' marketing għall-Programm Start-up Visa filwaqt li titlesta l-evalwazzjoni tal-offerti għall-operatur ta' Accelerator. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Għas-sena d-dieħla ż-żieda se tkun ta' €2.33 fil-ġimgħa. L-istudenti se jkun qed jingħatalhom il-kumpens prorata, biex b'hekk jerġgħu jogħlew l-istipendji. | Students Maintenance Grants Board (SMGB) | Twettqet il-ħidma mill-iStudents Maintenance Grants Board biex l-istudenti issa qed jibbenefikaw minn żieda pro rata fl-istipendji. | | | | Implimentata |
| 166 | Issa sejrin nimxu fuq it-tielet fażi tal-pjan imsejjaħ "Il-Vjaġġ Tiegħi – Nasal minn Toroq Differenti", fażi fejn l-istudenti se jkollhom l-opportunità jagħżlu programmi ta' tagħlim aktar rilevanti għalihom u għall-ġejjieni tagħhom u ta' pajjiżna skont l-abilitajiet tal-istudenti nfushom. Din ir-riforma hija msejsa mill-valuri tal-inklużjoni, ġustizzja soċjali, ekwità u diversità. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, MEDE | Tnieda web portal dwar Il-Vjaġġ Tiegħi u saru sessjonijiet għat-tfal u ġenituri dwar l-użu ta' dan il-portal. Flimkien mal-bini tal-laboratorji fl-iskejjel, beda l-iżvilupp tas-sillabi u ċ-ċertifikazzjonijiet tas-suġġetti vokazzjonali u applikati sabiex is-suġġetti inkwistjoni jkunu fuq l-istess livell ta' dawk tradizzjonali. Ġie pubblikat ktejjeb dwar l-għażla tas-suġġetti u saru laqgħat mal-ġenituri u t-tfal dwar l-għażla tat-toroq il-ġodda. | Wara konsultazzjoni mal-għalliema, tlesta l-iżvilupp tas-sillabi. Ingħatat gwida lill-istudenti, skont il-ħtieġa, mill-Career Advisors tal-Kulleġġi. B'segwitu ta' dan, l-istudenti għamlu l-għażliet tagħhom mis-suġġetti vokazzjonali u applikati u ġiet ikkompilata statistika dwar l-għażliet inkwistjoni għas-sena akkademika 2019/2020. Sar l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet riċevuti mingħand l-istudenti bl-għażla tas-suġġetti. | Qabel il-bidu tas-sena skolastika 2019/20, twettaq ix-xogħol amministrattiv meħtieġ. Minn Settembru 2019, 59% tal-istudenti tal-Year 9 fl-iskejjel tal-Istat għażlu li jistudjaw tal-inqas suġġett applikat. L-għan wara r-riforma tal-Vjaġġ Tiegħi huwa li nirrispondu għall-bżonnijiet differenti fl-edukazzjoni kif ukoll nagħtu parità ta' stima lil suġġetti ġenerali, vokazzjonali u applikati. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 167 | Se nkunu qed niftħu korsijiet ġodda u nintroduċu metodi ġodda ta' tagħlim. B'hekk l-edukaturi, kemm ġodda kif ukoll dawk fis-servizz, jingħataw taħriġ biex isaħħu l-pedagoġija u jkomplu jaġġornaw ruħhom ma' metodi ġodda ta' tagħlim b'mezzi moderni, bħalma huma korsijiet online, biex ikunu jistgħu joffru kwalità ogħla ta' tagħlim. | L-Istitut għall-Edukazzjoni | L-Istitut għall-Edukazzjoni wettaq il-preparamenti għall-korsijiet inkluż ħidma fuq il-prospectus. Il-korsijiet li fuqhom saret ħidma jinkludu Baċellerat u Masters fl-Edukazzjoni għal suġġetti bħall-Ospitalità, Studji Umanistiċi, Primarja u Xjenza, fost l-oħrajn. | Fetħu l-applikazzjonijiet għall-korsijiet ġodda u ntgħażlu l-applikanti, li jammontaw għal 105, li attendew korsijiet ta' livell 6 jew 7. Bdew jattendu 47 supply teacher għal korsijiet biex isiru għalliema regolari. | Il-proċess tal-applikazzjoni u verifika ġie konkluż. L-iskeda u l-kontenut tal-programm huma disponibbli online għall-istudenti. | Mistennija jibdew il-korsijiet li għandhom l-għan li jattiraw aktar persuni lejn il-professjoni tat-tagħlim u l-iżvilupp professjonali ta' dawk li diġà jiffurmaw parti mill-gradi tal-edukaturi. | Implimentata |
| 168 | L-Istitut għall-Edukazzjoni se jiżviluppa korsijiet biex jagħti l-opportunità lill-għalliema supply f'livelli differenti biex wara li jtemmu l-korsijiet meħtieġa b'suċċess, isiru eliġibbli għall-pożizzjoni ta' għalliema regolari. Se jkun hemm ukoll il-possibilità li professjonisti li jridu jbiddlu l-karriera tagħhom u jsiru għalliema jagħmlu l-kors meħtieġ għal dan l-għan. | L-Istitut għall-Edukazzjoni | Saret ħidma amministrattiva sabiex korsijiet bħall-Baċellerat u Masters fl-Edukazzjoni għal suġġetti bħall-Ospitalità, Studji Umanistiċi, Primarja u Xjenza, fost l-oħrajn, jiġu mogħtija s-sena d-dieħla. Dan kien jinkludi ħidma fuq il-prospectus. | Fetħu l-applikazzjonijiet għall-korsijiet ġodda u ntgħażlu l-applikanti. | Tlesta x-xogħol amministrattiv relatat mal-proċess tal-applikazzjoni u l-iskeda tal-programm. | Mistennija jibdew il-korsijiet li jagħtu l-opportunità lill-għalliema supply f'livelli differenti biex wara li jtemmu l-korsijiet meħtieġa b'suċċess, isiru eliġibbli għall-pożizzjoni ta' għalliema regolari. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 169 | Fejn tidħol infrastruttura, sejrin inkomplu bl-immodernizzar tal-iskejjel tagħna, u s-sena d-dieħla sejrin niffukaw fuq l-iskola li tinsab ġewwa Ħal Qormi. | Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS) | Bdiet il-ħidma amministrattiva u studji infrastrutturali għall-immodernizzar tal-iskola primarja ta' San Ġorġ, f'Ħal Qormi. Dan kien jinkludi s-site survey fost oħrajn. | Kompliet il-ħidma amministrattiva u l-istudji infrastrutturali. Tlesta s-site survey. Bdew jiġu preparati l-pjanti. Bdiet kollaborazzjoni mal-MTIP fuq numru ta' xogħlijiet partikolari relatati ma' din l-iskola. | Tlesta x-xogħol fuq il-pjanti. Wara sar l-istħarriġ fuq il-faċċata, tlestew il-pjanijiet kemm għar-restawr tal-faċċata kif ukoll għall-immodernizzar tal-iskola, inkluż tranġar tas-soqfa. Saret l-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp tal-proġett lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Mistenni jitkompla l-ipproċessar tal-permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar għax-xogħol ta' restawr u kostruzzjoni. Barra minn hekk, mistenni li jibda l-abbozzar tal-offerti għall-kostruzzjoni, xogħlijiet elettriċi u mekkaniċi u finituri. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 170 | Se nkomplu nsaħħu t-tagħlim ta' ilsna differenti biex iżjed studenti jiksbu l-ħiliet li jħaddmu tajjeb ilsna differenti barra l-Malti u l-Ingliż. | Direttorat għall-Kurrikulu, it-Tagħlim Matul il-Ħajja u l-Impjegabilità | Saru numru ta' laqgħat mal-edukaturi sabiex jibdew jiġu żviluppati l-learning outcomes tal-lingwi barranin. | Ġew imwettqa numru ta' attivitajiet, fosthom il-Francofete u l-PASCH, marbuta mal-lingwi barranin fl-iskejjel sabiex jiġu promossi l-ilsna differenti. Tkomplew il-laqgħat mal-edukaturi u, b'riżultat ta' dan, ġew żviluppati s-sillabi l-ġodda flimkien mal-Learning Outcomes. | Bi tħejjija għas-sena skolastika 2019/20, ingħata taħriġ lill-edukaturi fil-kontenut tas-sillabi tad-9 sena. Saru wkoll l-aġġornamenti tal-karti tal-eżami biex jiġu żgurati l-istandards fost l-iskejjel kollha. Il-Jum Ewropew tal-Lingwi ġie ċċelebrat fis-26 ta' Settembru b'numru ta' avvenimenti minn skejjel u istituzzjonijiet differenti biex jinħoloq aktar għarfien dwar l-importanza tat-tagħlim ta' lingwi barranin. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 171 | Se naħdmu wkoll biex iżjed studenti jagħżlu suġġetti mill-oqsma tax-xjenza, teknoloġija u l-matematika. Se nsaħħu r-rabtiet bejn l-edukazzjoni sekondarja u l-qasam postsekondarju (bħall-MCAST, Junior College, Sixth Forms u ITS) biex iżjed żgħażagħ ikomplu u jtemmu programmi edukattivi rilevanti wara li jagħlqu s-16-il sena. | Direttorat għall-Kurrikulu, it-Tagħlim Matul il-Ħajja u l-Impjegabilità | Bdiet ħidma ma' istituzzjonijiet bħall-MCAST, l-ITS u l-Junior College fuq abbozzar ta' sillabi ġodda u ċertifikazzjonijiet għas-suġġetti marbuta max-xjenza, teknoloġija u matematika. Bħala parti minn din il-ħidma saru diversi laqgħat ma' edukaturi. Saret it-Teens Science Cafe. | Saru aktar taħditiet mal-edukaturi dwar is-sillabi l-ġodda u tnedew internships għall-għalliema u l-istudenti sabiex ikar studenti jagħżlu s-suġġetti tax-xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika (STEM). Bdew jiġu mwettqa attivitajiet bħal Code GEM u clubs tal-inġinerija, it-TSC Girls u l-GO4Research. B'hekk aktar studenti fit-tielet sena sekondarja għażlu x-xjenzi. | Kompla u ġie fi tmiemu t-taħriġ tal-għalliema u x-xiri tal-apparat għat-tagħlim tas-Suġġetti Applikati. Saru aktar attivitajiet fosthom Science Safari, X'Hemm? u Maths Olympiad. | Mistennija ssir attività b'kollaborazzjoni mal-MCAST u l-ITS tal-VET Week fost l-istudenti tas-sekondarja kif ukoll numru ta' attivitajiet oħra mal-Fakultajiet tal-Università, sabiex ngħinu fit-tħejjija tal-għalliema futuri. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 172 | L-istrateġija tal-Gvern hi li nkomplu nneħħu l-istress minn fuq l-istudenti u ninvestu fil-wellbeing ħolistiku tal-istudent. Gradwalment, se jkunu qed jiġu mneħħija l-eżamijiet ta' nofs is-sena u minflokhom tiġi introdotta s-sistema ta' assessjar kontinwu. | Direttorat għall-Kurrikulu, it-Tagħlim Matul il-Ħajja u l-Impjegabilità | Bdew laqgħat dwar learning outcomes ġodda mal-edukaturi maħsubin biex jitnaqqas l-istress. Bħala parti mill-pjan ħolistiku, saret ħidma sabiex tiżdied il-preżenza tal-isport fl-iskejjel u b'hekk jitnaqqas iktar l-istress u jiġi ssalvagwardjat il-benesseri tal-istudenti. | B'segwitu għat-tneħħija tal-eżamijiet u l-introduzzjoni tal-assessjar kontinwu, komplew it-taħditiet biex tittejjeb is-sistema. Dawn il-laqgħat saru kemm mal-edukaturi kif ukoll ma' ġenituri. It-tnaqqis tal-istress u s-salvagwardjar tal-benesseri tal-istudent wasslu għal titjib fil-prestazzjoni tal-istudenti fis-SEC 2019. Ġew ippreżentati wkoll 25 rakkomandazzjoni biex ikun rivedut il-Year 6 Benchmark Examination. | Saru tħejjijiet sabiex fis-sena skolastika li bdiet f'Settembru, ma jkunx hemm eżamijiet ta' nofs is-sena fil-Year 9 u beda l-assessjar kontinwu. | Mistenni jibda l-learning outcomes fis-suġġetti kollha fil-Year 8, bl-assessjar kontinwu. Barra minn hekk, isiru numru ta' laqgħat minn uffiċjali tal-edukazzjoni ma' edukaturi biex jiddiskutu u jirċievu feedback. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 173 | Se nniedu wkoll kampanja edukattiva fuq l-importanza ta' dieta bilanċjata u nutrittiva. | Direttorat għas-Servizzi Edukattivi (DES) | Twaqqaf grupp ta' ħidma sabiex jidentifika prattiki u attivitajiet għall-promozzjoni ta' dieta bilanċjata u nutrittiva fost it-tfal. Il-grupp beda jiltaqa' mal-partijiet interessati sabiex jistabbilixxu approċċ ħolistiku favur trawwim ta' ħajja sana u attiva. | Tlesta l-proċess ta' ppjanar ta' programm edukattiv u nħolqu linji gwida dwar l-aħjar dieti. Din il-kampanja edukattiva kienet it-tema fi Skolasajf u f'attivitajiet oħra bħall-European School Sports Day. | Saru diversi attivitajiet marbuta ma' drawwiet ta' ikel tajjeb għas-saħħa. B'kollaborazzjoni mal-kunsilli lokali u l-Ministeru għas-Saħħa, saru numru ta' taħditiet għall-komunità dwar il-benesseri tat-tfal. Barra minn hekk, l-esperti intervenew waqt laqgħat organizzati minn kulleġġi biex jiġu mħeġġa drawwiet ta' ikel tajjeb għas-saħħa. Dawn l-avvenimenti u materjal edukattiv ieħor ġew promossi fil-midja soċjali. | | Implimentata |
| 174 | Se jitneħħa kompletament il-ħlas minn fuq l-eżamijiet tal-MATSEC u tas-SEC. | Direttorat għall-Istrateġija u Sapport | Il-ħidma tad-Direttorat inkwistjoni wasslet għat-tneħħija totali tal-ħlas tal-eżamijiet tal-MATSEC u s-SEC u b'hekk bdew jibbenefikaw minnha madwar 6,000 student. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 175 | Bħala parti mill-impenn tal-Gvern sabiex nassiguraw li nkomplu ntejbu l-apprendistat u kull xorta ta' esperjenza li studenti jkollhom fuq il-post tax-xogħol, work-based learning, se jiġi ddisinjat u implimentat qafas ta' assigurazzjoni tal-kwalità. Dan se jkompli jiżgura li kull min jagħmel parti minn programmi ta' taħriġ ikun iktar lest biex jintegra ruħu fid-dinja tax-xogħol. | Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet | Il-Kunsill nieda proġett li permezz tiegħu l-korsijiet edukattivi li joffru perjodu ta' apprendistat jiġu analizzati. Għal dan l-għan, saru numru ta' laqgħat ma' rappreżentanti mill-industrija. Din il-ħidma hija waħda koordinata bejn il-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet, il-Malta Enterprise, Jobsplus u l-MCAST. | Sar l-abbozzar tal-learning outcomes u ċ-ċertifikazzjoni għall-apprendistat. Dan sabiex titjieb il-kwalità tal-apprendistat, filwaqt li jkunu rikonoxxuti bħala esperjenza valida għat-tfittxija tax-xogħol. Saret ukoll riċerka li ser tkun utilizzata sabiex jiġu żviluppati learning outcomes li ser jintużaw f'ċerti korsijiet. | Il-ħidma tal-abbozzar tal-learning outcomes u ċ-ċertifikazzjoni għall-apprendistat kompliet. | Il-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet mistenni jkompli bil-ħidma tiegħu biex jiżgura li Malta tkun konformi mal-qafas ta' kwalità Ewropew għall-apprendistati. L-għan huwa li tinħoloq sistema li tiffoka fuq tliet oqsma ewlenin: ħiliet tal-valutazzjoni, ħiliet fl-iżvilupp u t-tnedija ta' Educational Industrial Hub.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 176 | Se ssir reviżjoni tal-klassifikazzjoni tal-korsijiet offruti mill-Università ta' Malta, l-MCAST u istituti edukattivi oħra liċenzjati. Din ir-reviżjoni tal-korsijiet se tinċentiva aktar studenti jagħżlu korsijiet li l-industrija għandha bżonn. | Students Maintenance Grants Board (SMGB) | Bdiet konsultazzjoni mill-iStudent Maintenance Grants Board ma' rappreżentanti mill-industrija u mis-settur edukattiv biex jiġu identifikati l-bżonnijiet tal-industrija u jiġu modifikati jew maħluqa korsijiet kif inhu meħtieġ. | Ġew maħluqa korsijiet ġodda bl-għan li jkunu iktar allinjati mal-industrija. Dawn jinkludu kors tal-Lufthansa, kors fl-industrija marittima u, fost oħrajn, kors fuq l-istampar. | Ġiet pubblikata l-lista riveduta ta' klassifikazzjoni tal-korsijiet u twettaq ix-xogħol amministrattiv biex jirrifletti l-bidliet fil-ħlasijiet lill-istudenti. | Mistennija jitħallsu r-rati l-ġodda lil studenti skont il-klassifikazzjonijiet tal-kors rivedut. L-għan wara din ir-reviżjoni huwa li l-istudenti jitħeġġu jieħdu ċerti oqsma ta' studju biex jiġu indirizzati nuqqasijiet tal-ħiliet u l-ħtiġijiet industrijali futuri. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 177 | Se niżviluppaw servizz ta' youth work reġjonali billi dan is-servizz jipprovdi proġetti ta' edukazzjoni informali ġewwa l-iskejjel u wara l-ħin tat-tagħlim formali. | Aġenzija Żgħażagħ | Ġie identifikat sit minn fejn ser jingħata s-servizz. | Tlestew ix-xogħlijiet fis-sit allokat għall-programm fejn ser tibda tiġi mwassla forma ta' edukazzjoni informali lil firxa wiesgħa ta' żgħażagħ. | Ġie impjegat il-Youth Worker li ser ikun qed imexxi dan is-servizz u ngħata t-taħriġ meħtieġ. Beda jingħata s-servizz ta' youth work reġjonali fil-kulleġġi f'Malta u Għawdex wara l-ħin tat-tagħlim formali. | | Implimentata |
| 200 | Se jissoktaw it-tħejjijiet b'rabta max-xogħol fuq il-pixxina ta' ġewwa fil-Kumpless tal-Isport tal-Kottonera sabiex l-isport akkwatiku jieħu l-ispinta li jeħtieġ sabiex ikompli jżid mas-suċċessi ta' dawn l-aħħar snin. | Sportmalta | Ġie ffirmat il-kuntratt għat-twaqqigħ ta' binja (il-Boċċi Dromo) fit-sit indikat. Beda x-xogħol ta' kostruzzjoni fil-periferiji tas-sit u s-sit innifsu. | Tkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni fil-periferiji tas-sit u s-sit innifsu. Ġew ippubblikati wkoll sejħiet għall-kostruzzjoni tal-pixxina nnifisha u l-finituri. | Kompla ż-żarmar u t-twaqqigħ tal-Boċċi Dromo. Barra minn hekk, bdiet l-evalwazzjoni tas-sejħiet għall-kostruzzjoni tal-pixxina nnifisha u l-finituri. | Wara l-iffirmar tal-kuntratt mal-offerent magħżul, mistennija jibdew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-pixxina indoor fuq skala internazzjonali. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 201 | Sportmalta identifikat 18-il post simili fi 15-il lokalità madwar Malta u Għawdex. Il-Gvern se jimbarka fuq programm ta' sentejn li matulhom dawn l-open spaces u pitches se jsiru mill-ġdid b'investiment ta' €600,000. | Sportmalta | Bdiet analiżi tas-siti fejn ser jiġu żviluppati jew modernizzati l-ispazji ta' rikreazzjoni għall-benefiċċju tal-komunitajiet tal-madwar. Beda wkoll ix-xogħol tal-analiżi fuq dawn is-siti. | Kompla x-xogħol tas-surveying fuq dawn is-siti u beda wkoll l-ippjanar iktar dettaljat tax-xogħlijiet meħtieġa fuq is-siti identifikati. | Beda x-xogħol fuq l-ewwel 5 siti u l-ippjanar ta' 6 siti oħra. | Mistenni jiġi konkluż ix-xogħol fuq l-ewwel u t-tieni lott ta' siti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 202 | Il-Gvern se jkompli jħarrax il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-isport. Wara li daħlet il-liġi kontra l-korruzzjoni fl-isport, issa l-Gvern se jwaqqaf il-Korp għall-Integrità tal-Isport. Din għandha taħdem id f'id mal-assoċjazzjonijiet sportivi nazzjonali, mal-Pulizija u mal-Awtorità Maltija għal-Logħob, sabiex ikompli jkollna l-isport Malti nadif mill-qerq kif ukoll jeduka lit-tfal biex jikbru f'ambjent ta' sport nadif u integru. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, MEDE | Bdiet ħidma amministrattiva u parteċipazzjoni f'fora internazzjonali sabiex Malta tikseb l-aħjar prattiki u tiżviluppa l-aħjar għodda kontra l-korruzzjoni fl-isport. Twaqqfet Taskforce li mexxiet laqgħat regolari ma' stakeholders sabiex titwettaq din il-ħidma. Beda l-abbozzar ta' avviz legali dwar l-integrita sportiva. | Kompliet il-ħidma amministrattiva flimkien mal-infurzar tal-liġi kontra l-korruzzjoni fl-isport id f'id mal-assoċjazzjonijiet tal-isport. | Tkompla l-abbozzar tal-avviz legali u nħoloq bord biex jiżgura l-Integrità Sportiva. | Mistenni li jitkompla l-abbozzar tal-avviż legali. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 203 | Flimkien mal-Maltese Olympic Committee ser tkun qed tiġi mfassla strateġija nazzjonali għall-isport għall-għaxar snin li ġejjin. Nemmnu bis-sħiħ illi r-riżultati li l-atleti tagħna ġabu f'dawn l-aħħar snin jistgħu u għandhom jitjiebu u għalhekk din l-istrateġija mhux ser tkun immirata biss lejn it-tkattir ta' parteċipanti fl-isport iżda l-kisba ta' rebħ u medalji f'kull dixxiplina sportiva possibbli fil-manifestazzjonijiet sportivi internazzjonali l-kbar. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, MEDE | Tlestew l-istudji sabiex tibda tiġi abbozzata l-istrateġija tal-isport. Dawn l-istudji involvew ukoll proċess ta' konsultazzjoni sabiex jinġabar kontribut minn kull assoċjazzjoni sportiva. Beda l-abbozzar tal-istrateġija nazzjonali tal-isport. | Intemmet il-konsultazzjoni mal-istakeholders u ġiet imnedija l-istrateġija tal-isport. Din ser iżżid l-investiment f'dixxiplini sportivi differenti u t-taħriġ tal-atleti. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 211 | Se nkunu qegħdin nippubblikaw u nippromovu l-istrateġija nazzjonali għall-qasam tal-volontarjat. | Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) | Ġiet abbozzata strateġija ġdida għall-qasam tal-volontarjat. L-istrateġija tistabbilixxi parametri ġodda dwar l-operat għall-organizzazzjonijiet volontarji u hija għodda effettiva għaż-żieda fit-trasparenza fl-użu tal-fondi. Barra minn hekk sar xogħol ta' promozzjoni fuq ir-radju dwar l-istrateġija. | Seħħew l-aħħar preparamenti għat-tnedija tal-istrateġija tal-volontarjat. | L-istrateġija tal-volontarjat tnediet f'Lulju. Din tiffoka fuq il-kordinazzjoni tar-riċerka, il-konsultazzjoni mas-settur u l-implimentazzjoni tar-riformi biex tappoġġja l-organizzazzjoni u l-livell individwali. | | Implimentata |
| 221 | Wara li tajna l-vot liż-żgħażagħ ta' 16-il sena, il-Gvern se jsaħħaħ il-Parlament taż-Żgħażagħ billi se nħeġġu aktar żgħażagħ jipparteċipaw u ngħinu liż-żgħażagħ jiksbu l-ħiliet neċessarji sabiex dawn ikunu kapaċi jieħdu deċiżjonijiet responsabbli filwaqt li jagħrfu l-importanza tas-sehem tagħhom fis-soċjetà. | Aġenzija Żgħażagħ | Saret evalwazzjoni tal-ħidma mwettqa s'issa fejn jidħol il-Parlament taż-Żgħażagħ. L-Aġenzija Żgħażagħ iffokat fuq l-abbozzar ta' kurrikulu sabiex iż-żgħażagħ jirċievu t-tagħlim neċessarju għall-ħidma tal-Parlament. Saret konsultazzjoni mal-istakeholders konċernati. | Beda l-proċess għall-impjieg ta' youth workers li ser ikunu responsabbli sabiex ikomplu jrawmu spirtu ta' demokrazija u responsabilità fost iż-żgħażagħ. Il-programm huwa mmirat għal studenti bejn it-13 u s-16-il sena u jwassal għal għarfien dwar sistemi politiċi, proċessi ta' politika, taħdit fil-pubbliku, negozjar u kif tiddibatti. | Ġie impjegat il-Youth Worker u ngħata t-taħriġ meħtieġ. Bħala parti mill-Programm ta' Edukazzjoni Ċivika, l-Aġenzija Żgħażagħ nediet il-Programm tal-Parlament taż-Żgħażagħ, permezz tas-Servizzi Reġjonali tagħha għaż-Żgħażagħ fl-iskejjel mis-sena skolastika 2019/20. Il-programm hu mmirat għal studenti interessati fis-Snin 9, 10 u 11. | | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA
U L-IMMANIĠĠJAR TAL-ILMA

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 73 | Matul l-2019, l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma se tkompli taħdem fuq il-Pjan Nazzjonali tal-Enerġija u l-Klima għall-perjodu 2020-2030 biex jiġu identifikati numru ta' azzjonijiet li se jittieħdu sabiex jintlaħqu l-miri Ewropej. | Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma (EWA) | Tlesta l-abbozz tal-Pjan Nazzjonali u tressaq għall-approvazzjoni interna. Ġie approvat u sottomess lill-Kummissjoni Ewropea. Tlestew it-terms of reference tal-iStrategic Environmental Assessment (SEA) u ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għall-istess rapport. | Għalqet is-sejħa għall-offerti għall-SEA, bdiet u tlestiet l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet milqugħa. Saret konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-pjan nazzjonali. | Ġie ffirmat il-kuntratt li jikkonċerna l-SEA u bdew diskussjonijiet interni dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea. | Mistennija jitlestew id-diskussjonijiet, jiġi emendat il-pjan u jitressaq għall-approvazzjoni interna u dik tal-Kummissjoni Ewropea.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 74 | Il-Gvern se jibqa' jikkommetti ruħu sabiex jippromovi l-enerġija rinnovabbli u l-użu effiċjenti ta' sorsi ta' enerġija, permezz ta' diversi skemi. | Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) | Inħarġu l-applikazzjonijiet għas-sejħiet il-ġodda relatati mal-iskema għax-xiri u installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi u l-iskema għax-xiri ta' prodotti għal roof thermal insulation u double glazing ta' aperturi għal użu domestiku. Ġew proċessati l-applikazzjonijiet u ngħata s-sussidju lill-applikanti eliġibbli. | | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 75 | Il-Gvern se jibqa' jikkommetti ruħu sabiex jinkoraġġixxi l-konservazzjoni tal-ilma fis-settur domestiku, permezz ta' diversi skemi. | Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) | Inħarġu l-applikazzjonijiet għas-sejħiet il-ġodda relatati mal-iskema għax-xiri u installazzjoni ta' solar water heaters u l-iskema għax-xiri u installazzjoni ta' heat pump water heaters. Ġew proċessati l-applikazzjonijiet u ngħata s-sussidju lill-applikanti eliġibbli. | | | | Implimentata |
| 76 | L-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma se tkompli tagħti energy audits lil dawk il-familji u l-intrapriżi filwaqt li tkompli l-assistenza lil individwi vulnerabbli fit-tnaqqis tal-konsum tagħhom billi jinbidlulhom l-appliances il-qodma tagħhom ma' dawk ġodda. | Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma (EWA) | Ġew varati l-iskemi tal-energy audits għall-familji u l-industriji. Wara li ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti fl-2018, bdiet l-aġġudikazzjoni għas-sejħa għall-offerti għal bdil ta' appliances qodma. Bdiet kampanja ta' għarfien sabiex il-pubbliku inġenerali jiġi mgħarraf b'dawn l-iskemi. | Tlestiet l-aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti għall-bdil ta' appliances qodma u ġie ffirmat il-kuntratt. | Beda t-tqassim u l-bdil tal-appliances lil familji vulnerabbli. | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 77 | L-Enemalta se tkompli ssaħħaħ id-distribuzzjoni tal-elettriku bl-estensjoni u x-xogħol f'diversi ċentri ta' distribuzzjoni fosthom dak f'Paceville, f'Marsaskala u fil-Kappara biex tintlaħaq aħjar id-domanda tal-elettriku f'dawk il-lokalitajiet. | Enemalta | Ħarġet is-sejħa għall-offerti fuq iċ-ċentri ta' distribuzzjoni ta' Marsaskala u Paceville u tlestiet l-aġġudikazzjoni. Ġie ffirmat il-kuntratt relatat mal-apparat taċ-ċentru ta' Marsaskala.<br><br>Fl-aħħar tal-2018 sar l-ikkummisjonar taċ-ċentru ta' distribuzzjoni tal-Kappara. | Ġie ffirmat il-kuntratt għal xogħlijiet u xiri ta' apparat għaċ-ċentru ta' distribuzzjoni ta' Paceville u dak relatat max-xogħlijiet f'Marsaskala. Bdew ix-xogħlijiet flimkien mal-installazzjoni tal-apparat. | Komplew ix-xogħlijiet fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni ta' Paceville u Marsaskala. Kompla wkoll jiġi manifatturat l-apparat. | Mistennija jkomplu x-xogħlijiet fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni ta' Paceville u Marsaskala filwaqt li tkompli l-manifattura tal-apparat.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 78 | Se jinbidlu transformers fiċ-ċentru tad-distribuzzjoni f'Ħal Tarxien. | Enemalta | Tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri u l-installazzjoni ta' transformers fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni f'Ħal Tarxien u tressaq għall-pubblikazzjoni għand id-Dipartiment tal-Kuntratti. | Kompla l-vetting bi tħejjija għall-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xiri u installazzjoni ta' transformers fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni f'Ħal Tarxien. | Mistenni li tagħlaq is-sejħa għall-offerti għax-xiri u installazzjoni ta' transformers fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni f'Ħal Tarxien u titlesta l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 79 | Se jkompli wkoll ix-xogħol t'automation ta' numru ieħor ta' substations. | Enemalta | Bdew u tlestew l-istudji sabiex l-Enemalta tindika s-substations (madwar 100) li fuqhom jeħtieġ li jsir intervent matul l-2019. Ħarġet is-sejħa għall-offerti għall-mudelli tal-automation units meħtieġa u ġiet evalwata s-sejħa għall-offerti. | Kompla x-xogħol fis-substations ta' twaħħil tal-units u ta' linji ta' komunikazzjoni. Kompliet il-provvista tal-materjal u iżjed substations ġew armati bl-apparat neċessarju | Kompliet il-provvista tal-materjal u kompla t-twaħħil ta' iżjed units filwaqt li sar l-ittestjar u l-ikkummissjonar ta' numru ta' substations. | Mistenni li jkompli t-twaħħil u l-ittestjar tal-apparat fis-substations u jiġi konkluż il-proġett ta' aktar substations armati bl-apparat neċessarju. | Implimentata |
| 80 | Se tkompli l-ħidma biex jittejjeb il-call centre tal-ARMS, waqt li se jsir upgrade fl-iSmart Utilities Portal u mobile app ġdida fejn il-klijenti kollha tal-ARMS se jkollhom aċċess iktar faċli għall-informazzjoni fuq il-konsum u l-kontijiet tagħhom. | ARMS | Tlesta l-upgrade tal-iSmart Utilities Portal u tnediet ukoll il-mobile app il-ġdida.<br><br>Fl-2018 ġie ffirmat il-kuntratt għax-xiri u installazzjoni tal-apparat għall-call centre. Kompliet il-ħidma fuq l-installazzjoni tal-apparat ġdid fil-call centre tal-ARMS.<br><br>Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders dwar l-implimentazzjoni tal-istandards ta' kwalità li għandhom jitħaddnu fl-għoti tas-servizz mill-ARMS. | Tkompliet l-installazzjoni tal-apparat għall-call centre tal-ARMS.<br><br>Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders dwar l-implimentazzjoni tal-istandards ta' kwalità li għandhom jitħaddnu fl-għoti tas-servizz mill-ARMS. Ġew stabbiliti l-kriterji minimi ta' standards ta' kwalità. | Tlestiet l-installazzjoni għall-call centre tal-ARMS u beda jintuża l-apparat.<br><br>Saret comparative analysis sabiex jiġi konkluż gap analysis bejn is-servizz mogħti kurrentement mill-ARMS u l-istandards minimi kif determinati. | Mistennija tibda l-implimentazzjoni mill-ARMS sabiex jintlaħqu l-istandards minimi ta' kwalità u joħroġ ukoll rapport b'indikazzjoni dwar il-livell milħuq.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | Il-kumpanija Enemed se timmodernizza l-impjant ta' ħażna f'Ħas-Saptan u tiżviluppa filling station ġdid u jiġu mmodernizzati l-faċilitajiet ta' ħażna ta' jet fuel li jinsabu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. | Enemed | Kompla x-xogħol ta' modernizzar f'Ħas-Saptan li nbeda fl-2017 u l-kostruzzjoni tad-Day Tank Area (Truck Loading Station) għall-filling station il-ġdid. Kompla wkoll ix-xogħol fuq il-lining tat-tankijiet.<br><br>Kompla x-xogħol ta' kostruzzjoni tal-faċilità l-ġdida u piping għall-ħażna ta' jet fuel fl-ajruport. Kompla l-bini tat-tankijiet. | Kompla x-xogħol ta' modernizzar f'Ħas-Saptan u l-kostruzzjoni tad-Day Tank Area għall-filling station il-ġdid. Kompla wkoll ix-xogħol fuq il-lining tat-tankijiet u aktar tard ġie kkummissjonat Tank 1.<br><br>Kompliet il-ħidma għall-ħażna ta' jet fuel fl-ajruport. | Kompla x-xogħol ta' modernizzar f'Ħas-Saptan u l-kostruzzjoni tad-Day Tank Area għall-filling station il-ġdid. Ġie kkummissjonat Tank 13.<br><br>Kompliet il-ħidma għall-ħażna ta' jet fuel fl-ajruport u beda l-ittestjar u l-ikkummissjonar. Ġie finalizzat ix-xogħol fuq it-tankijiet il-ġodda. | Mistenni li jitlesta x-xogħol ta' modernizzar u jitkompla l-ittestjar u l-ikkummissjonar tal-impjant filwaqt li tkompli l-ħidma fuq il-ħażna ta' jet fuel fl-ajruport.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 82 | Se jkomplu l-investimenti li qed isiru biex jittejjeb ir-Reverse Osmosis f'Malta. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | Għal din is-sena sar pjan sabiex isiru xogħlijiet ta' pajpijiet, fittings u aċċessorji u jiġu kkummissjonati Train 8 u 9 f'Lapsi, Train 3, 8, 9 u 10 f'Pembroke u Train 3 fiċ-Ċirkewwa.<br><br>Ġew ikkummissjonati Train 3 f'Pembroke u Train 8 f'Lapsi. | Ġew ikkummissjonati Train 9 u 10 f'Pembroke u Train 3 fiċ-Ċirkewwa. Beda x-xogħol fuq Train 9 f'Lapsi. | Ġie kkummissjonat Train 9 f'Lapsi. Komplew ix-xogħlijiet preparatorji ta' pajpijiet, fittings u aċċessorji fuq Train 8 f'Pembroke. | Huwa mistenni li jiġi finalizzat ix-xogħol ta' pajpijiet, fittings u aċċessorji fuq Train 8 f'Pembroke u jsir l-ikkummissjonar ta' din it-Train. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 83 | Se jkompli x-xogħol fuq il-bini tar-Reverse Osmosis f'Ħondoq ir-Rummien. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | Ingħata l-kuntratt għax-xogħlijiet għall-bini tar-Reverse Osmosis f'Ħondoq ir-Rummien wara li kienet inħarġet sejħa għall-offerti fl-2018. Ġew sottomessi l-applikazzjonijiet u nkisbu l-permessi meħtieġa. | Beda x-xogħol ta' skavar. | Kompla x-xogħol ta' skavar filwaqt li kompliet il-ħidma fuq ix-xogħlijiet ta' bini, rikostruzzjoni ta' ħitan, trinek, riabilitazzjoni ta' soqfa, aperturi u l-uffiċini fl-impjant. | Huwa mistenni li jkomplu x-xogħlijiet fuq ir-Reverse Osmosis f'Ħondoq ir-Rummien.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 84 | Se jitkompla x-xogħol għad-distribuzzjoni aħjar tal-ilma, kif ukoll titjieb il-kwalità tal-ilma permezz ta' bini ta' mina li qed issir bejn ir-Reverse Osmosis f'Pembroke għall-ġibjuni f'Ta' Qali. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | Wara li fl-2018 inħarġet sejħa għall-offerti beda t-tħaffir tal-mina minn Pembroke għall-Ibraġġ. | Komplew ix-xogħlijiet infrastrutturali fosthom it-tħaffir tal-mina minn Pembroke għall-Ibraġġ u xogħol ta' tħaffir minn Ta' Qali kif ukoll minn San Ġwann. | Komplew ix-xogħlijiet infrastrutturali li nbdew fix-xhur aktar kmieni tal-2019. | Mistennija tkompli l-ħidma fuq ix-xogħlijiet infrastrutturali.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 85 | Il-bdiewa se jkomplu wkoll jiġu assistiti bid-distribuzzjoni ta' ilma ġdid. Għaldaqstant se jkompli x-xogħol fuq in-network tan-Nofsinhar ta' Malta u dak f'Għawdex. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | Fl-2018 ħarġet is-sejħa għall-offerti għal xogħol ta' trinek u tqegħid ta' pajpijiet fin-naħa ta' isfel ta' Malta. Is-sejħa għall-offerti ġiet aġġudikata u ġie ffirmat il-kuntratt relatat mad-distribuzzjoni ta' ilma ġdid.<br><br>Ġew konklużi d-diskussjonijiet dwar in-network f'Għawdex mal-entitajiet konċernati u ġew identifikati l-parametri għall-pubblikazzjoni tas-sejħiet għall-offerti għal xogħol ta' trinek u tqegħid ta' pajpijiet. | Bdew ix-xogħlijiet fi Triq Ħaż-Żabbar u Triq Xrobb l-Għaġin fiż-Żejtun. Beda xogħol ta' restawr ta' diversi ġibjuni fin-naħa ta' isfel ta' Malta.<br><br>Beda l-abbozzar tas-sejħiet għall-offerti għax-xogħlijiet ta' trinek u tqegħid ta' pajpijiet tan-network f'Għawdex. | Komplew ix-xogħlijiet fi Triq Ħaż-Żabbar u Triq Xrobb l-Għaġin fiż-Żejtun. Beda wkoll xogħol fuq sqaq ħdejn id-daħla ta' San Tumas u Triq Għargħar is-Salib. Tkompla x-xogħol ta' restawr ta' diversi ġibjuni fin-naħa ta' isfel ta' Malta.<br><br>Ġie finalizzat l-abbozzar tas-sejħiet għall-offerti għax-xogħlijiet ta' trinek u tqegħid ta' pajpijiet tan-network f'Għawdex. | Hu mistenni li jitkomplew ix-xogħlijiet fi Triq Ħaż-Żabbar, Triq Xrobb l-Għaġin fiż-Żejtun, fl-isqaq ħdejn id-daħla ta' San Tumas u Triq Għargħar is-Salib.<br><br>Hu mistenni li titressaq għall-pubblikazzjoni, għand id-Dipartiment tal-Kuntratti, is-sejħa għall-offerti fuq ix-xogħlijiet tan-network f'Għawdex.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 86 | Waqt li se jitkompla l-proċess tal-estrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, se tiġi introdotta sistema awtomatika u se jiżdiedu l-kontrolli biex din l-estrazzjoni ta' ilma ssir bl-aktar mod sostenibbli. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | Bdiet l-installazzjoni tal-apparat sabiex jiżdied il-kontroll tal-estrazzjoni ta' ilma minn sorsi eżistenti.<br><br>Bdew ix-xogħlijiet sabiex jiġu attivati iżjed sorsi tal-ilma taħt l-art. | Kompliet l-installazzjoni tal-apparat sabiex jiżdied il-kontroll tal-estrazzjoni ta' ilma minn sorsi eżistenti. Beda wkoll it-taħriġ neċessarju.<br><br>Tlestew ix-xogħlijiet sabiex jiġu attivati iżjed sorsi tal-ilma taħt l-art. Twettqu t-testijiet meħtieġa u ġew sottomessi r-rapporti. | Ġiet finalizzata l-installazzjoni ta' sistema sabiex jiżdied il-kontroll tal-estrazzjoni ta' ilma minn sorsi eżistenti. Sar it-taħriġ neċessarju u ġiet iċċertifikata s-sistema. | Hu mistenni li jiġu installati u ċċertifikati l-kumplament tas-sistemi sabiex jiżdiedu l-kontrolli tal-estrazzjoni ta' ilma minn sorsi eżistenti. | Implimentata |
| 87 | Ikomplu jingħataw inċentivi lil dawk il-familji li jridu jirrestawraw il-bir tad-dar tagħhom. | Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) | Ġiet varata l-Iskema għar-Restawr ta' Bjar. Ġew evalwati u proċessati l-applikazzjonijiet riċevuti u ngħata s-sussidju lill-applikanti eliġibbli. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 88 | Jibda xogħol fuq ir-riabilitazzjoni taż-żewġ stazzjonijiet strateġiċi ta' ppumpjar li jinsabu fil-galleriji tal-ilma f'Ta' Kandja u Ta' Bakkja, kif ukoll taċ-Chadwick Lakes, li jservi wkoll bħala post ta' rikreazzjoni edukattiva għall-familja. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) / l-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma (EWA) | Bdew id-diskussjonijiet interni relatati mar-riabilitazzjoni tal-galleriji tal-ilma f'Ta' Kandja u Ta' Bakkja.<br><br>Ġie approvat il-permess għar-riabilitazzjoni taċ-Chadwick Lakes u ġie ffirmat il-kuntratt għax-xogħlijiet meħtieġa fosthom tiswija ta' pontijiet u ġibjuni, ħitan tas-sejjieħ, pavimentar u żvilupp ta' tracking trails. Bdew l-istudji preliminari qabel ma jkunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet. | Komplew id-diskussjonijiet interni relatati mar-riabilitazzjoni tal-galleriji tal-ilma f'Ta' Kandja u Ta' Bakkja. Beda studju sabiex jiġi determinat x'tiswijiet huma meħtieġa għal lift f'Ta' Kandja kif ukoll dak f'Ta Bakkja.<br><br>Komplew l-istudji preliminari relatati maċ-Chadwick Lakes u beda t-tindif fis-sit. | Ġie konkluż l-istudju fuq il-lift f'Ta' Kandja u Ta' Bakkja u ġie identifikat it-tip ta' tiswija li hemm bżonn.<br><br>Kompla t-tindif fis-sit taċ-Chadwick Lakes u bdew ix-xogħlijiet, inkluż tħammil u tiswija ta' ħitan. | Mistenni li jkomplu x-xogħlijiet fuq il-lift f'Ta' Kandja u Ta' Bakkja kif ukoll tkompli l-ħidma fis-sit taċ-Chadwick Lakes. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 89 | Il-Gvern huwa wkoll kommess li jkompli jaħdem biex jitnaqqas ir-riskju tal-għargħar f'pajjiżna. Għaldaqstant, se jsiru studji dettaljati sabiex jiġu żviluppati aktar miżuri li jistgħu jnaqqsu dan ir-riskju filwaqt li jimmassimizzaw l-użu tal-ilma tax-xita. | Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma (EWA) | Fl-2018, wara sejħa għall-offerti li kienet ġiet pubblikata, bdew isiru studji dwar ir-riskju tal-għargħar f'pajjiżna. Dawn l-istudji ġew konklużi u bdiet it-tħejjija għall-analiżi tar-riżultati miksuba. | Tlestiet l-analiżi dwar ir-riżultati miksuba. | Beda u ġie konkluż il-proċess ta' impjieg tal-persuna inkarigata mill-iżvilupp tal-mapep u bdiet il-ħidma ta' żvilupp tal-mapep. | Mistennija jitlestew il-mapep ta' żoni identifikati li fihom hemm riskju ta' għargħar.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

# MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ
U L-UGWALJANZA

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Għas-sena d-dieħla ż-żieda se tkun ta' €2.33 fil-ġimgħa. | Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER) | Din il-miżura ġiet implimentata permezz tal-Ordni tal-2018 dwar Standard Nazzjonali ta' Żieda fil-Paga għall-Impjegati li ġie ppubblikat f'Diċembru 2018. | | | | Implimentata |
| 3 | Matul is-sena d-dieħla għalhekk sejrin inżidu ġurnata oħra mal-leave tal-ħaddiema. | Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER) | Din il-miżura ġiet implimentata permezz tar-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol, ippubblikati f'Diċembru 2018. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4 | Matul is-sena li għaddiet, kien sar ftehim storiku bejn il-Gvern u l-imsieħba soċjali, il-unions kif ukoll min iħaddem, fuq kif għandha tiġi supplimentata l-Paga Minima Nazzjonali. Dak il-ftehim kien jistipula li impjegati fuq il-paga minima jittellgħu minnha wara li jkunu ilhom sena fl-impjieg ma' min iħaddimhom. Il-ħaddiem ikun intitolat għal żidiet ta' €3 fil-ġimgħa tul it-tieni sena fl-impjieg, u fit-tielet sena għal żieda ta' €3 addizzjonali fil-ġimgħa. Ħaddiema li jkunu qegħdin jaqilgħu aktar mill-paga minima bażika jkunu intitolati għal parti miż-żidiet fit-tieni u t-tielet sena tal-impjieg. Dan ifisser li l-ħaddiema kollha li kienu fuq il-minimum wage fl-2017, din is-sena ngħatatilhom żieda ta' tliet ewro fil-ġimgħa u s-sena d-dieħla jingħatawlhom tliet ewro oħra fil-ġimgħa. | Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER) | Din il-miżura ġiet implimentata permezz tal-Avviż Legali 144 tal-2017 li jemenda l-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 207 | Il-ġlieda kontra l-vjolenza domestika: se nkomplu nikkonsolidawha fis-sena li ġejja b'aktar impenn sabiex inkomplu nnaqqsu din il-pjaga. | Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u Vjolenza Domestika | Ingħata t-taħriġ tal-għodda għall-assessjar tar-riskju (DASH). Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u Vjolenza Domestika rċeviet il-kwestjonarju mingħand il-Kunsill tal-Ewropa dwar il-monitoraġġ tal-Konvenzjoni ta' Istanbul (GREVIO) u beda l-proċess ta' ġbir tar-risposti. Tlesta r-rapport intermedju tal-proġett Breaking the Cycle of Violence. Ġie sottomess ir-rapport finali tal-proġett Full Cooperation Zero Violence. | Tlesta l-istħarriġ telefoniku taħt il-proġett Breaking the Cycle of Violence u saret l-analiżi kwantitattiva tad-data miġbura. Il-Kummissjoni, flimkien mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, iltaqgħet mal-entitajiet involuti, fosthom il-Pulizija, Aġenzija Appoġġ, id-Direttorat tal-Probation u Parole u l-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, sabiex jitħejjew ir-risposti għall-kwestjonarju tal-GREVIO. Tlesta t-taħriġ tal-Girl Guides u l-Iscouts taħt il-proġett Breaking the Cycle of Violence. | Ġie ffinalizzat it-taħriġ li kellu jingħata mill-Malta Girl Guides u mill-iScouts (wara li dawn irċevew taħriġ sabiex ikunu jistgħu jħarrġu n-nies huma stess). Dan it-taħriġ ingħata lil persuni ta' etajiet differenti. | Mistenni jitlesta l-ġbir tar-risposti għall-kwestjonarju u ssir l-analiżi tagħhom, jitkompla x-xogħol fuq żewġ riċerki mill-Università ta' Malta taħt il-proġett Breaking the Cycle of Violence kif ukoll jitkomplew it-tħejjijiet għall-konferenza finali, fejn ikunu mnedija r-riżultati tar-riċerka. B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 213 | Tiġi organizzata l-ewwel konferenza f'Malta bl-isem Europaforum biex niddiskutu r-rwol ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u l-futur tal-proġett Ewropew. | Diviżjoni għall-Istrateġija u Implimentazzjoni (SID) | Ġew identifikati d-data u l-post għall-konferenza tal-Europaforum. Bdiet il-ħidma fuq l-abbozzar tal-programm tal-konferenza u saru diskussjonijiet dwar il-kelliema. | Tkompla l-abbozzar tal-programm tal-konferenza biex jiġu kkonfermati l-kelliema ewlenin. Bdew it-taħditiet mal-European Policy Centre sabiex tiġi ppreparata l-paper għad-diskussjoni waqt il-konferenza. | Kompliet il-ħidma meħtieġa sabiex tittella' l-konferenza. | Il-konferenza ġiet posposta għal data li għad trid tiġi stabbilita. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 214 | Se jitwaqqaf il-Competitiveness Board fi ħdan l-MCESD, b'allokazzjoni finanzjarja adegwata biex jilħaq l-għanijiet tiegħu waqt li jservi ta' xprun għat-tkabbir ekonomiku ta' pajjiżna. | Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD) | Dan il-Bord (issa msejjaħ in-National Productivity Board) ġie kostitwit u beda jiltaqa' regolarment. Sar pjan tar-riċerka u tal-ħidma li l-Bord ser ikun qed jagħmel. Beda l-abbozzar ta' avviż legali intiż biex jagħti bażi legali lill-istess Bord. | Tkomplew il-laqgħat tan-National Productivity Board u ġie ppreżentat Progress Report dwar ir-riċerka li kienet qiegħda ssir. L-avviż legali li jagħti struttura lill-Bord tlesta u ntbagħat għall-verifika. | In-National Productivity Board kompla jiltaqa' regolarment. L-abbozz tal-Avviż Legali tressaq għall-approvazzjoni interna. | Huwa mistenni li l-Avviż Legali li jwaqqaf formalment in-National Productivity Board jiddaħħal fis-seħħ filwaqt li jitkomplew il-proġetti ta' riċerka. | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-FINANZI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 6 | It-tax refund li ngħatat din is-sena sejra terġa' tingħata matul is-sena d-dieħla. Din il-miżura, li se tiswa lill-Gvern €11.5 miljun, se jibbenefikaw minnha 'l fuq minn 200,000 persuna li qegħdin fis-suq tax-xogħol. | Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Saru numru ta' laqgħat biex jitfasslu l-kriterji dwar min ser jikkwalifika għal dan ir-refund kif ukoll tħejjiet lista ta' FAQs għall-pubbliku. | Iċ-ċekkijiet inħarġu f'April lil dawk kollha li kienu rreġistrati li jaħdmu matul is-sena 2017. Minn din il-miżura bbenefikaw madwar 210,000 ħaddiem, fejn dawk li jaqilgħu l-iżjed ħadu €40 filwaqt li dawk li jaqilgħu l-anqas ħadu €68. | | | Implimentata |
| 7 | Dawk il-ħaddiema li huma reġistrati bħala "singoli" għall-fini ta' taxxa, u li d-dħul tagħhom huwa minn xogħlijiet part-time li jaqbżu s-ceiling ta' €9,100 iżda ma jeċċedux il-minimum wage, mhux se jiġu aktar intaxxati. | Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Ġiet preparata u pubblikata informazzjoni mmirata għat-taxpayers f'din il-kategorija dwar min hu intitolat għal tax rebate. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 9 | Sar xogħol fuq qafas regolatorju biex jiddaħħlu numru ta' benefiċċji li għandhom jingħataw lil kull membru tal-forzi tas-sigurtà li jaħdmu mal-Gvern. Dawn il-benefiċċji jingħataw f'każ ta' inċident fatali jew diżabilità permanenti u li jwassal għal individwu li ma jkunx jista' jaħdem iżjed. Se jkunu qed jingħataw aktar dettalji ta' dawn il-benefiċċji u kif se jkun qed jiġi introdott dan il-benefiċċju lill-impjegati konċernati wara li jsiru l-aħħar konsultazzjonijiet. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Tlestew il-preparamenti meħtieġa fuq il-qafas li jirregola l-għoti ta' dawn il-benefiċċji u nkisbet l-approvazzjoni. Dawn il-benefiċċji daħlu fis-seħħ b'effett minn Mejju. | | | | Implimentata |
| 12 | Biex iż-żieda li qed tingħata fil-pensjonijiet, inkluż iż-żieda tal-COLA, ma tkunx intaxxata għas-sena d-dieħla, se nerġgħu ngħollu l-massimu ta' dħul minn pensjonijiet li mhux se jkun intaxxat għal €13,434. | Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Ġie abbozzat l-Avviż Legali u ppubblikat. B'hekk il-massimu ta' dħul minn pensjonijiet mhux intaxxati tela' għal €13,434. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 19 | Ser nerġgħu noħorġu bond simili għas-Savings Bonds 62+ matul is-sena d-dieħla. | It-Teżor | Ġie pubblikat il-prospett u nħarġu l-applikazzjonijiet f'Marzu u ntlaqgħu 'l fuq minn 13,000 applikazzjoni għall-valur nominali ta' ftit aktar minn €105.7 miljun. Peress li d-domanda kienet aktar mill-ammont tal-ħruġ, it-Teżor żied l-ammont sa massimu ta' €100 miljun. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 23 | Tul dawn l-aħħar erba' snin, tajna inċentivi kemm lil individwi li jinvestu f'pensjoni privata magħrufa bħala Third Pillar Pension Scheme, kif ukoll lil min iħaddem li jiddeċiedi li joffri skema volontarja u mhux kontributorja min-naħa tal-impjegat - l-iskema Voluntary Occupational Pension Scheme. Se jkun hemm titjib f'dawn iż-żewġ skemi fejn sejrin inżidu l-ammont ta' investiment finanzjarju annwali li fuqu hemm eżenzjoni ta' taxxa sa massimu ta' elfejn ewro (€2000) kull sena. Barra minn hekk, it-tnaqqis ta' taxxa se jkun qed jiżdied minn 15 fil-mija għal 25 fil-mija. Kemm l-impjegat kif ukoll min iħaddem sejrin jibbenefikaw minn dan it-titjib fl-inċentivi fiskali. | Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Beda l-abbozzar ta' żewġ Avviżi Legali li jemendaw il-Voluntary Occupational Pension Scheme Rules u l-Personal Retirement Scheme Rules. | L-Avviżi Legali tlestew, ġew approvati u ppubblikati f'Ġunju. | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 24 | Il-ġenituri li jibagħtu t-tfal tagħhom fi skejjel indipendenti llum qed igawdu minn tnaqqis fit-taxxa fuq miżati mħallsa. Mis-sena d-dieħla l-Gvern se jżid dan it-tnaqqis għal €1,600 fis-sena għal kull wild li jattendi ċentru ta' kindergarten; €1,900 fis-sena fil-każ ta' skola f'livell primarju; u €2,600 għal wild li jattendi skola f'livell sekondarju, żieda ta' €300 għal kull wild. | Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | L-Att li jimplimenta l-Miżuri tal-Baġit, u li kien jinkludi l-emendi meħtieġa biex tiġi implimentata din il-miżura, ġie ppubblikat f'Marzu. B'hekk, ġenituri li jibagħtu t-tfal tagħhom fi skejjel indipendenti llum qed jibbenefikaw minn tnaqqis ogħla fit-taxxa fuq miżati mħallsa. | | | | Implimentata |
| 25 | Ser nagħtu għotja ekwivalenti għar-rifużjoni ta' VAT fuq xiri u installazzjoni ta' apparat li jippurifika l-ilma fid-dar permezz ta' reverse osmosis jew proċessi oħra sabiex inkomplu ninċentivaw li jitnaqqas l-użu ta' kontenituri tal-plastik għall-ilma bbottiljat. Se jkun hemm capping ta' €70 fuq din l-għotja. | Public Sector Performance and Evaluation Directorate | Tlesta l-Avviż Legali u ġie ppubblikat f'Jannar. L-iskema bdiet titħaddem. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 26 | L-għotja fuq spejjeż tat-tieġ se titla' sa massimu ta' €2,000; żieda ta' €250. | Public Sector Performance and Evaluation Directorate | Dan it-tibdil ġie rifless fl-Avviż Legali li ġie ppubblikat f'Jannar 2019. | | | | Implimentata |
| 27 | Ir-rata ta' VAT li titħallas fuq kotba u oġġetti stampati simili, kif ukoll dawk provduti fuq CD, DVD, SD card jew USB, hija ta' 5%. Din ir-rata mnaqqsa ta' VAT issa se tiġi estiża wkoll għal dawk il-kotba, gazzetti u pubblikazzjonijiet li jiġu provduti elettronikament. Din il-miżura ma tinkludix pubblikazzjonijiet li fil-maġġoranza tagħhom jikkonsistu f'riklami, mużika awdibbli jew videos. | Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Din il-miżura ġiet implimentata permezz tal-Avviż Legali ppubblikat f'Diċembru 2018. | | | | Implimentata |
| 28 | Se nestendu l-għotja li llum qed tingħata lil dawk li jixtru strument mużikali minn Malta, għal meta dawn jixtruh minn barra. | Public Sector Performance and Evaluation Directorate | Din l-estensjoni ġiet riflessa fl-Avviż Legali li ġie ppubblikat f'Jannar 2019. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 29 | Il-konċessjoni għat-trasferiment ta' negozju li tnaqqas ir-rata tal-boll minn 5% għal 1.5% meta ġenitur jittrasferixxi n-negozju lit-tfal tiegħu, u li kellha tagħlaq sal-aħħar ta' Diċembru ta' din is-sena, se terġa' tiġi estiża għal sena oħra. | Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | L-Avviż Legali li jestendi din il-miżura ġie ppubblikat f'Diċembru 2018. | | | | Implimentata |
| 38 | L-iskemi eżistenti li daħħalna tul dawn l-aħħar snin se jerġgħu jiġu estiżi għal sena oħra. Dawn huma l-iskema fit-tnaqqis fit-taxxa tal-boll għall-first time buyers, second time buyers u xiri ta' proprjetà f'Għawdex. | Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Tliet Avviżi Legali li jestendu dawn l-iskemi ġew ippubblikati f'Diċembru 2018. | | | | Implimentata |
| 39 | Ix-xogħol tal-working group li ħadem fuq il-Home Equity Release tlesta. Dan se jippermetti biex pensjonanti jtejbu d-dħul annwali finanzjarju tagħhom u b'hekk ikunu jistgħu jgħollu l-livell ta' għajxien tagħhom. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Ir-regolamenti ġew ippubblikati u l-iskema ġiet imħabbra f'Marzu. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 47 | L-iskema fejn qed tingħata għotja fuq roti u roti elettroniċi, li hi ekwivalenti għal refund sħiħ tal-VAT, se tiġi estiża għal sena oħra. | Public Sector Performance and Evaluation Directorate | Inkisbet l-approvazzjoni tal-Bord ta' Sorveljanza fuq l-Għajnuna Mogħtija mill-Istat (State Aid Monitoring Board) għat-tiġdid ta' din l-għotja u sussegwentament, f'Jannar 2019, ġie ppubblikat l-Avviż Legali li ġedded din l-iskema. | | | | Implimentata |
| 49 | L-iskema li daħħalna tliet snin ilu fejn qed jingħata grant kemm lill-Kunsilli Lokali kif ukoll lil dawk il-kumpaniji privati li jwaħħlu bicycle racks, biex aktar persuni jitħajru jużaw ir-rota, se terġa' tiġi estiża għal sena oħra. | Public Sector Performance and Evaluation Directorate | Inkisbet l-approvazzjoni tal-Bord ta' Sorveljanza fuq l-Għajnuna Mogħtija mill-Istat (State Aid Monitoring Board) għat-tiġdid ta' din l-għotja u sussegwentament, f'Jannar, ġie ppubblikat l-Avviż Legali li ġedded din l-iskema. | | | | Implimentata |
| 50 | Bl-għan li nħeġġu aktar nies jixtru karozzi li ma jħammġux l-arja, l-inċentiv li neżentaw minn kull taxxa ta' reġistrazzjoni lil kull min jixtri karozzi elettriċi jew karozzi elettriċi ibridi (plug-in) se jiġi estiż għas-sena d-dieħla. | Public Sector Performance and Evaluation Directorate | L-inċentiv li jiġi eżentat minn kull taxxa ta' reġistrazzjoni kull min jixtri karozzi elettriċi jew karozzi elettriċi ibridi (plug-in) ġie estiż għall-2019. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 90 | Il-Bank Malti ta' Żvilupp għandu pjanijiet li joffri skemi u faċilitajiet ġodda biex jikkontribwixxi għal aktar investiment kemm minn SMEs kif ukoll fi proġetti ta' infrastruttura. | Bank Malti ta' Żvilupp (MDB) | Bdew diskussjonijiet mill-Bank Malti ta' Żvilupp (MDB) u ma' banek kummerċjali dwar numru ta' skemi ġodda li mistennija jiġu mnedija fl-2019. | Tlestew id-diskussjonijiet u ġiet varata l-Family Business Scheme minn bank kummerċjali. Ġiet varata wkoll l-iskema SME Invest b'kollaborazzjoni ma' bank lokali. | Bdew in-negozjati ma' żewġ banek oħra dwar żewġ skemi ta' garanzija fuq self għall-SMEs simili għall-iskema SME Invest. | Mistennija jiġu mnedija ż-żewġ skemi ta' garanzija fuq self għall-SMEs b'kollaborazzjoni ma' banek lokali. Permezz tal-parteċipazzjoni ta' dawn il-banek, se jkun hemm iktar aċċessibilità għal finanzjar għall-SMEs. | Implimentata |
| 91 | Il-Borża ta' Malta matul is-sena d-dieħla se tkun qiegħda tgħin kumpaniji żgħar lokali li qed jiżviluppaw fis-settur tal-informatika fis-swieq finanzjarji. Dan is-settur magħruf bħala Fintech huwa wieħed mill-aktar setturi li għandu potenzjal ta' tkabbir u għalhekk il-Borża ta' Malta nediet il-programm Fintech Accelerator li l-għan tiegħu hu li jgħin lil dawn il-kumpaniji li għadhom jibdew f'dan is-settur b'mod effettiv u bi spejjeż li jistgħu jlaħħqu magħhom. | Borża ta' Malta | Beda u tlesta xogħol infrastrutturali fil-bini tal-Borża ta' Malta biex jiġi provdut spazju għall-uffiċini minn fejn joperaw kumpaniji żgħar. Bdew joperaw l-ewwel kumpaniji minn dawn l-uffiċini. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 92 | Il-Borża sejra tkompli taħdem biex twettaq il-viżjoni tagħha li tidħol bi sħab ma' kumpaniji li joperaw fis-settur tal-blockchain u cryptocurrencies. | Borża ta' Malta | Saru diversi laqgħat ma' kumpaniji f'dan is-settur biex jiġu identifikati s-servizzi li jistgħu jiġu offruti. | Ġiet iffurmata uffiċjalment kumpanija, bi sħab ma' operatur fis-settur tal-blockchain, u beda l-proċess biex din il-kumpanija tiġi reġistrata. | Kompla l-proċess għar-reġistrazzjoni tal-kumpanija. | Huwa mistenni li tinkiseb il-liċenzja mir-Regolatur Finanzjarju biex din il-kumpanija, bi sħab ma' operatur fis-settur tal-blockchain, tibda topera. | Implimentata |
| 93 | Id-diskussjonijiet madwar l-inizjattiva dwar strumenti finanzjarji, magħrufin bħala Real Estate Investment Trusts jew REITS, li jipprovdu lill-investituri l-opportunità li jinvestu indirettament fis-suq tal-proprjetà, waslu biex jiġu konklużi u qed jiġi ppjanat li mis-sena d-dieħla jitlestew il-proċessi amministrattivi, fiskali u regolatorji biex REITS jistgħu wkoll jibdew jiġu negozjati fuq is-swieq tal-Borża ta' Malta. | Borża ta' Malta | Komplew diskussjonijiet ma' diversi entitajiet, fosthom l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi, biex jitfasslu l-liġijiet meħtieġa għall-introduzzjoni tar-REITS (Real Estate Investment Trusts). | Tkomplew id-diskussjonijiet u beda l-abbozzar tar-regolamenti meħtieġa. | Issoktaw id-diskussjonijiet u beda l-abbozzar tar-regolamenti. | Huwa mistenni li r-regolamenti jiġu ppubblikati. Dan għandu jippermetti li r-REITS jibdew jiġu nnegozjati fuq is-swieq tal-Borża ta' Malta. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 121 | Il-Gvern huwa konxju li huwa meħtieg li mhux biss jinvolvi lis-settur privat fil-proġetti tiegħu u jidħol f'konċessjonijiet għal proġetti ta' ċertu daqs li jiġġeneraw ix-xogħol u l-ġid, imma jara li huwa meħtieġ ukoll li jistruttura aħjar il-mod ta' monitoraġġ ta' kull tip ta' kuntratti jew konċessjonijiet li jagħti l-Gvern. Dan bl-għan li jkun assigurat li dak miftiehem fil-kuntratt jew fit-tenders ikun qed jiġi esegwit. Diġà saru tħejjijiet preliminari biex jinstab l-aħjar mod kif dan il-monitoraġġ jista' jsir b'mod effettiv u għalhekk matul is-sena li ġejja se tkun qed titwaqqaf entità li se tkun qed taqdi din il-funzjoni. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Bdew diskussjonijiet interni dwar it-twaqqif tal-Aġenzija u tressqu għall-approvazzjoni interna. | Ġie approvat il-mudell propost. | Komplew id-diskussjonijiet interni dwar it-twettiq ta' din il-miżura. | Huwa mistenni li l-ħidma ppjanata għall-2019 tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 122 | Il-Gvern se jinvesti f'tunnel x-ray van għall-ajruport. | Dwana | Inkisbu fondi Ewropej għall-kofinanzjar ta' dan il-proġett. Beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri ta' tunnel x-ray van ġdid. | Wara li tlesta l-abbozzar, is-sejħa għall-offerti għal tunnel x-ray van ġdid ġiet ippubblikata. Bdew jintlaqgħu s-sottomissjonijiet. | Tlesta l-proċess tal-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti u ġie magħżul il-fornitur. | Huwa mistenni li ssir il-ħidma mill-fornitur fuq it-tunnel x-ray van u s-sistema tal-iscanning tiġi fornuta fl-2020. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 123 | Se jingħata bidu għall-ewwel fażi ta’ proġett kbir, b’investiment totali ta’ madwar €5 miljun, li permezz tiegħu l-kunċett ta’ scanning li llum jeżisti fil-Port Ħieles jiġi replikat fil-Port il-Kbir. | Dwana | Saru diskussjonijiet ma' Transport Malta biex jibda l-proċess ta' identifikazzjoni ta' sit fejn jista' jsir dan il-proġett. | Saret laqgħa bejn id-diversi entitajiet konċernati taħt il-gwida tal-Ministeru għall-Finanzi u l-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u ntlaħaq qbil fil-prinċipju dwar il-proġett. Kompla l-proċess biex jiġi identifikat is-sit minn fejn id-Dipartiment tad-Dwana jkun jista' jwettaq dan il-proġett. | Bdew id-diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Artijiet dwar sit fejn jista jitwettaq dan il-proġett. Bdiet il-ħidma mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fuq il-pjanti neċessarji. | Mistenni li jibda l-market research għall-apparat il-ġdid, ikompli l-proċess għat-trasferiment tal-art, filwaqt li tiġi preparata applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-iżvilupp meħtieġ.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 124 | Se jkompli wkoll jinvesti fit-Taqsima tal-Klieb, kemm għax-xiri ta’ aktar klieb kif ukoll għall-bini tal-Canine Compound f’Ħal Far. | Dwana | Il-Canine Unit kompliet tinvesti f'aktar klieb. B'hekk, fi ħdan il-Unit hemm tmint iklieb, tmien handlers u instructor. Sar il-proċess ta' taħriġ u bonding.<br><br>Ġie ffirmat il-kuntratt għall-bini tal-Canine Compound f'Ħal Far. | Beda x-xogħol strutturali ta' bini tal-Canine Compound f'Ħal Far. | Kompla x-xogħol strutturali inkluż li tlestew il-pedamenti, il-ġibjun, il-binja tas-substation u l-bini tal-ewwel sular. | Mistenni jitlesta x-xogħol strutturali u jkomplu xogħlijiet oħra.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 212 | Il-Gvern se jkompli jgħin u jinkoraġġixxi l-għaqdiet volontarji billi se jżid il-kategoriji ta' dawk l-għaqdiet li jgawdu minn eżenzjoni mit-taxxa. Għaldaqstant mis-sena d-dieħla, dawk l-għaqdiet volontarji żgħar li l-introjtu tagħhom matul is-sena ma jaqbiżx l-€10,000 ser ikunu qed jiġu eżentati milli jħallsu taxxa. Dawn l-għaqdiet iridu jkunu reġistrati u konformi mal-Kummissarju dwar l-Għaqdiet Volontarji taħt il-kategoriji rikonoxxuti mill-istess Kummissarju. | Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Tlesta l-abbozz tal-Avviż Legali marbut mal-implimentazzjoni ta' din il-miżura u saret konsultazzjoni mal-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji dwar it-tħaddim tiegħu. Saru l-emendi fl-Avviż Legali kif diskuss. | L-Avviż Legali ġie ppubblikat f'Ġunju. B'hekk għaqdiet volontarji żgħar bdew jibbenefikaw minn din il-miżura. | | | Implimentata |

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 107 | Se naraw li napprofittaw ruħna b'aktar konnettività bejn Malta u l-Ewropa tal-Lvant billi nsaħħu r-rappreżentanza tagħna u nkomplu nikkonċentraw l-isforzi tagħna fis-swieq aktar `il bogħod minn xtutna. | Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) | Ġew imnedija diversi kampanji pubbliċitarji, kemm fuq media diġitali kif ukoll fuq il-karta stampata, f'diversi pajjiżi tal-Lvant tal-Ewropa. Sar reklamar ukoll ma' linji differenti tal-ajru.<br><br>Sar ftehim biex fis-sajf ikun hemm charter flights mill-Ġeorġia u s-Slovenja. Tnediet titjira skedata minn Varsavja permezz tal-Air Malta.<br><br>L-MTA pparteċipat f'numru ta' fieri fil-Polonja, fl-Ungerija u fi Praga. | Komplew għaddejjin il-kampanji pubbliċitarji f'diversi pajjiżi fil-Lvant tal-Ewropa.<br><br>Ġew mistiedna f'pajjiżna stazzjonijiet televiżivi, ġurnalisti u nies influwenti sabiex jiġi promoss turiżmu reliġjuż, kif ukoll turiżmu għal niċeċ oħra bħal gastronomija, scuba diving, tagħlim tal-Ingliż u turiżmu tal-familja. | Komplew għaddejjin il-kampanji pubbliċitarji f'diversi pajjiżi fil-Lvant tal-Ewropa. Ġew ukoll mistiedna f'pajjiżna ġurnalisti u nies influwenti għall-attivitajiet tas-sajf u events primarji, fosthom għall-Grand Prix Championship tal-Voomquest V2, il-Jazz Festival, Isle of MTV u l-BBC Orchestra.<br><br>Sar aktar reklamar ma' operaturi u linji tal-ajru mill-Ewropa tal-Lvant. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 108 | Se nkunu qed nanalizzaw il-prestazzjoni tal-ekokontribuzzjoni ta' dawn l-aħħar snin u naraw, flimkien mal-istakeholders, kif nimmassimizzaw il-ġbir ta' din il-kontribuzzjoni. | Direttorat Strateġija u Sapport | Ġew abbozzati Termini ta' Referenza sabiex tibda l-analiżi fuq il-prestazzjoni tal-ekokontribuzzjoni.<br><br>Twaqqaf Grupp ta' Ħidma biex janalizza l-prestazzjoni tal-ekokontribuzzjoni ta' dawn l-aħħar snin. Bdew ukoll diskussjonijiet ma' stakeholders varji. | Saret analiżi ekonomika tal-informazzjoni disponibbli dwar l-ekokontribuzzjoni mill-Grupp ta' Ħidma li twaqqaf fl-ewwel kwart tas-sena.<br><br>Beda jiġi abbozzat rapport b'numru ta' proposti dwar kif tista' tiġi massimizzata l-ekokontribuzzjoni mill-Grupp ta' Ħidma. | Ġie finalizzat ir-rapport b'numru ta' proposti u rakkomandazzjonijiet mill-Grupp ta' Ħidma. | Huwa mistenni li r-rapport jitressaq għall-approvazzjoni interna. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 109 | Il-programm ta' xogħlijiet u inizjattivi ta' tindif, tisbiħ, manutenzjoni u aċċessibilità f'diversi lokalitajiet u xtajtiet madwar Malta kollha se jitkompla matul is-sena d-dieħla, fosthom il-promenades tal-Imsida u l-Gżira. | Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir (GHRC) | Saru diversi laqgħat ta' konsultazzjoni mal-istakeholders konċernati, inkluż Transport Malta, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-Kunsilli Lokali konċernati.<br><br>Rigward il-promenade tal-Imsida, ġiet ukoll sottomessa applikazzjoni għall-permess lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Rigward il-promenade tal-Imsida, ġew maqbula l-aspetti tekniċi tal-proġett ma' Transport Malta u tlesta d-disinn finali. Rigward il-promenade tal-Gżira, ġew identifikati numru ta' ħsarat tul ix-xatt. Komplew taħditiet ma' Infrastruttura Malta sabiex jintlaħaq qbil dwar l-interventi meħtieġa. Twettqu wkoll interventi ta' manutenzjoni inkluż l-installazzjoni ta' railings, żebgħa ta' railings eżistenti u l-installazzjoni ta' passaġġi tal-injam għal aktar aċċessibilità. | Wara iktar diskussjonijiet ma' Transport Malta, id-disinji ġew aġġornati fejn dawn issa jinkludu bike-lane.<br><br>Sadanittant qed isir ukoll Underwater Survey sabiex jiddetermina l-kundizzjoni tal-promenade tal-Gżira/Tas-Sliema fil-livell tal-baħar. | Mistenni li jibdew jiġu abbozzati l-ispeċifikaz-zjonijiet tekniċi għas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet relatati mal-promenade tal-Imsida filwaqt li jkomplu laqgħat u diskussjonijiet mal-istakeholders dwar id-disinn il-ġdid tal-proġett tal-Promenade tal-Gżira/Tas-Sliema. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 110 | Sabiex jiżdiedu ż-żoni tal-għawm ramlin, se nkunu qegħdin nesploraw il-possibilità li nkomplu noħolqu bajjiet ġodda. Qed nistudjaw il-possibilità ta' tkabbir ta' bajjiet fin-Nofsinhar ta' Malta li jinkludu: il-Bajja tar-Rinella fil-Kalkara, il-Fajtata f'Marsaskala, u l-Bajja ta' San Ġorġ f'Birżebbuġa, fost oħrajn. Xogħlijiet oħra li huma ppjanati f'dawn il-bajjiet huma t-tindif regolari tagħhom, żieda fl-aċċessibilità, installazzjoni ta' showers u manutenzjoni ġenerali taż-żoni. | Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) | Twettqu l-istudji neċessarji biex jiġi identifikat x'jista' jsir fil-bajjiet ta' San Ġorġ f'Birżebbuġa, il-Fajtata f'Marsaskala u Għar l-Aħmar f'Marsaxlokk.<br><br>Ġew sottomessi l-applikazzjonijiet neċessarji lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Wara li nkiseb il-permess meħtieġ u ħarġu sejħiet għall-offerti, twettaq ix-xogħol ta' tkabbir fil-Bajjiet f'Birżebbuġa, il-Fajtata f'Marsaskala u Għar l-Aħmar f'Marsaxlokk. Ġiet imtejba l-aċċessibilità u ġew installati showers fl-istess bajjiet.<br><br>Hu maħsub li dawn it-tip ta' xogħlijiet jitkomplew matul is-snin li ġejjin f'bajjiet oħra. | | | Implimentata |
| 111 | Hu ppjanat ukoll li jkompli jiġi estiż il-programm ta' mmaniġġjar ta' numru ta' bajjiet u jingħata impetus ġdid billi jittejbu l-faċilitajiet fuq il-kosta tagħna u billi jitwal iż-żmien li matulu jingħataw is-servizzi li jiġu pprovduti fil-bajjiet tagħna. | Fondazzjoni għall-Iżvilupp taż-Żoni Turistiċi (FTZD) | Ġew ippubblikati s-sejħiet għall-offerti għal xiri ta' faċilitajiet ġodda għall-bajjiet tagħna.<br><br>Bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. | Ġew aġġudikati s-sejħiet għall-offerti għal xiri ta' faċilitajiet ġodda għall-bajjiet tagħna.<br><br>Ġew installati faċilitajiet ġodda fosthom changing rooms u showers.<br><br>Twettaq programm ta' manutenzjoni maħsuba għal dan is-sajf. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 112 | Paceville u l-inħawi tal-madwar jibqgħu pulmun ewlieni għall-industrija Maltija, però nafu tajjeb li ż-żona kollha għandha bżonn tiġi indirizzata bis-serjetà u b'mod ħolistiku. Fil-fatt, hekk kif tħabbar riċentament, se nniedu programm ambizzjuż ta' tisbiħ ġewwa Paceville. | Fondazzjoni għall-Iżvilupp taż-Żoni Turistiċi (FTZD) | Twettqu laqgħat ta' konsultazzjoni mal-istakeholders konċernati bil-għan li jkompli jiġi żviluppat il-proġett ta' tisbiħ f'Paceville.<br><br>Beda jiġi abbozzat disinn kunċettwali mill-periti ingaġġati fuq dan il-proġett abbażi tal-konsultazzjoni li twettqet. | Ġie finalizzat l-ewwel abbozz tad-disinn kunċettwali taż-żona ta' Paceville.<br><br>Beda l-abbozzar tas-sejħiet għall-offerti u Bills of Quantities relatati. | Sar eżerċizzju ta' prijoritizzazzjoni tal-proġetti f'żoni differenti f'Paceville li jiffurmaw parti mill-Pjan ta' Tisbiħ, bil-għan li l-proġetti jkunu mmaniġġjati aħjar u bl-inqas inkonvenjent għall-pubbliku. | Mistenni li jiġu ppreżentati l-working drawings mill-perit u tiġi sottomessa applikazzjoni għall-iżvilupp lill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 113 | F'Marsaxlokk se nkomplu wkoll bil-proġett ta' riġenerazzjoni billi nvaraw ix-xogħlijiet relatati mar-riġenerazzjoni taż-Żona tal-Magħluq u t-tisbiħ ta' Xatt is-Sajjieda. | Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir (GHRC) | Saru diskussjonijiet mal-istakeholders involuti. Twettqu s-surveys neċessarji fiż-Żona tal-Magħluq. Beda jitfassal id-disinn taż-żona u bdew jiġu abbozzati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-sejħiet għall-offerti abbażi tar-riżultati miksuba mis-surveys. | Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti marbuta max-xogħlijiet relatati għar-riġenerazzjoni ta' din iż-żona.<br><br>Saru aktar laqgħat ma' Transport Malta biex jintlaħaq qbil fuq l-immaniġġjar tat-traffiku waqt l-implimentazzjoni tal-proġett kif ukoll wara li l-proġett jiġi varat. | Saru wkoll aktar diskussjonijiet mal-Enemalta. Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għar-riġenerazzjoni taż-żona tal-Magħluq. | Mistennija tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għar-riġenerazzjoni taż-żona tal-Magħluq u tibda l-evalwazzjoni tal-offerti sottomessi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 114 | F'Birżebbuġa se jitlaq il-proċess biex jitwettaq proġett ħolistiku ta' riġenerazzjoni. | Projects Plus | Twettqu konsultazzjonijiet mal-istakeholders konċernati, fosthom il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa, fuq il-proġett ta' tisbiħ tal-promenade.<br><br>Ġew sottomessi l-applikazzjonijiet għall-iżvilupp tal-parkeġġ u tal-promenade lill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Bdew jitwettqu s-surveys tekniċi meħtieġa għax-xogħlijiet ta' tisbiħ fil-promenade.<br><br>Rigward il-proġett ta' spazju miftuħ għall-pubbliku f'Bengħajsa, twettqu s-surveys tekniċi fuq is-sit. | Beda l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet sottomessi mill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Rigward il-proġett ta' spazju miftuħ għall-pubbliku f'Bengħajsa, ġew finalizzati d-disinji preliminari.<br><br>Ġie finalizzat studju li jeżamina l-impatt tal-istorbju mill-Freeport fuq iż-żoni tal-madwar. Bdiet tiġi formulata skema li tinċentiva t-tibdil ta' aperturi biex tassisti lil dawk l-iktar milquta. | Kompla l-proċess tal-Awtorità tal-Ippjanar fuq l-applikazzjoni għall-iżvilupp tal-parkeġġ. Tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti biex isiru x-xogħlijiet fuq l-istess parkeġġ.<br><br>Ġie approvat id-disinn preliminari marbut mal-proġett ta' spazju miftuħ f'Bengħajsa.<br><br>Ġiet finalizzata l-iskema li tinċentiva t-tibdil ta' aperturi fir-residenzi l-aktar milquta mill-istorbju mill-Freeport. | Mistennija tiġi kkomunikata d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar fuq l-applikazzjoni għall-iżvilupp tal-Promenade kif ukoll tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti biex isiru x-xogħlijiet fuq il-Promenade f'Birżebbuġa.<br><br>Huwa mistenni wkoll li jibda x-xogħol fuq disinn dettaljat ta' kif se jiġi żviluppat il-proġett ta' Bengħajsa u tiġi mnedija l-iskema li tgħin lir-residenti ta' Birżebbuġa l-aktar milquta mill-istorbju tal-Freeport biex dawn jibdlu l-aperturi tagħhom f'aperturi li jnaqqsu l-impatt tal-istorbju.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 115 | Is-sena d-dieħla se nkunu għaddejjin bi programm estensiv ta' mmodernizzar tal-faċilitajiet tal-istudios u t-tankijiet fir-Rinella. | Kummissjoni Maltija tal-Films | Ġiet sottomessa applikazzjoni ta' żvilupp lill-Awtorità tal-Ippjanar rigward il-bini ta' uffiċini ġodda.<br><br>Bdew jiġu abbozzati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-apparat il-ġdid marbut mas-Sound Stage. | Sar xogħol ta' pavimentar u landscaping, kif ukoll beda jingħata l-asfaltar lit-triq. | Bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti li ġew sottomessi wara sejħa pubblika marbuta ma' xogħlijiet ta' tibdil u installazzjoni ta' pompi ġodda fil-Malta Film Studios.<br><br>Ingħata bidu għall-proċess tax-xiri u installazzjoni marbut ma' tibdil ta' kumpressuri fil-Malta Film Studios. | Mistenni li jintgħażel l-offerent preferut biex jibdew ix-xogħlijiet marbuta ma' tibdil u installazzjoni ta' pompi ġodda, filwaqt li tibda l-evalwazzjoni tal-offerti sottomessi marbuta max-xogħlijiet ta' tibdil tal-kumpressuri fil-Malta Film Studios. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 116 | L-avjazzjoni hija settur ieħor li qed jikkontribwixxi għall-ħolqien tal-ġid u l-impjiegi f'Malta. Għal dan l-għan, matul is-sena d-dieħla, se tkun qed tiġi aġġornata l-politika tal-avjazzjoni. Din il-politika se tkun tinkludi wkoll Master Plan għaż-Żona tal-Ajruport. | Direttorat Strateġija u Sapport | Beda jiġi mħejji l-istudju rigward l-impatt ekonomiku tal-avjazzjoni f'Malta minn espert tekniku. | Ġie finalizzat l-istudju rigward l-impatt ekonomiku tal-avjazzjoni f'Malta.<br><br>Ir-riżultat ta' dan l-istudju ġie inkluż f'abbozz iktar aġġornat tal-politika tal-avjazzjoni, liema abbozz qiegħed fi stadju avvanzat li jiġi konkluż. | L-abbozz aġġornat tal-politika tal-avjazzjoni ġie konkluż u ġiet abbozzata Memo għall-approvazzjoni. | Mistennija li titnieda l-politika tal-avjazzjoni aġġornata. | Implimentata |
| 117 | Ser jibda x-xogħol fuq il-bini tal-Air Traffic Control Centre, ċentru li mistenni jservi aħjar il-ħtiġijiet kollha tas-settur għal mill-inqas ħamsin sena li ġejjin. | Malta Air Traffic Services (MATS) | Beda x-xogħol fuq id-disinn u l-pjanti relatati mill-periti tal-proġett. | Ġiet ingaġġata kumpanija sabiex tħejji Aeronautical Study tal-binja.<br><br>Għal dan l-għan, beda jitwettaq is-site survey neċessarju. | Ġie konkluż l-Aeronautical Site Survey fuq il-binja tal-Air Traffic Control Centre. | Mistennija li jitlestew id-disinni u l-pjanti u tiġi sottomessa l-applikazzjoni tal-bini taċ-ċentru ta' kontroll ġdid mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 133 | Barra minn hekk, għadu kif twaqqaf il-Joint Innovation Centre (JIC) sabiex jiġi żviluppat il-kunċett ta' Safe City għall-bżonnijiet ta' Malta. B'Safe City nifhmu l-użu ta' teknoloġiji avvanzati fil-qasam tat-telekomunikazzjoni, sorveljanza viżiva, u l-informatika, bl-għan li tissaħħaħ is-sigurtà fejn ikun jinħtieġ. Fl-aħħar xhur kienet għaddejja ħidma biex ġie installat l-apparat neċessarju f'data centre għal użu fuq bażi sperimentali u fejn l-apparat ta' sorveljanza viżiva qiegħed jintuża biss f'ambjent mhux pubbliku u f'rispett sħiħ tal-liġijiet tal-privatezza billi jiġu użati best practices internaz-zjonali. Matul is-sena d-dieħla, wara konsultazzjoni, din it-teknoloġija se tibda tiġi implimentata f'lokalitajiet bħal Paceville, fejn hemm bżonn li tissaħħaħ is-sigurtà u tiġi kkontrollata mġiba antisoċjali fil-pubbliku, | Projects Malta | Wara t-twaqqif tal-Joint Innovation Centre (JIC), l-inġiniera ta' Safe City Malta bdew jingħataw it-taħriġ tekniku neċessarju.<br><br>Bdew jiġu organizzati diskussjonijiet interministerjali sabiex jintlaħaq qbil fuq l-operat tas-sorveljanza. | Komplew isiru diskussjonijiet interministerjali sabiex jintlaħaq qbil fuq l-operat tas-sorveljanza.<br><br>Twettaq ukoll xogħol ta' manutenzjoni teknika (software upgrades) fuq is-sistema. | Komplew id-diskussjonijiet interministerjali. | Mistenni li jibda jiġi finalizzat il-mudell tal-operat wara qbil interministerjali. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | f'qafas legali u fejn jiġu mħarsa d-drittijiet umani. Inħawi oħra li qed jiġu kkunsidrati jinkludu l-Marsa. | | | | | | |
| 222 | Is-sena d-dieħla se nkunu qed inżidu l-inċentivi fiskali għal din l-industrija bl-għan li pajjiżna jsir iżjed kompetittiv biex jattira iktar produzzjonijiet internazzjonali. | Kummissjoni Maltija tal-Films | Ġew approvati l-Linji Gwida marbuta mal-pakkett ta' inċentivi ġodda mill-iState Aid Monitoring Board (SAMB).<br><br>L-Avviż Legali marbut ma' din l-iskema ġie approvat. | Ġie ppubblikat l-Avviż Legali.<br><br>Ġiet uffiċjalment imnedija l-iskema tal-inċentivi fiskali. | | | Implimentata |
| 223 | Il-politika tal-avjazzjoni se tkun tinkludi wkoll Master Plan għaż-Żona tal-Ajruport. | Direttorat Strateġija u Sapport | Kompla jiġi abbozzat u ddisinjat il-Master Plan marbut maż-Żona tal-Ajruport, inkluż l-analiżi ta' spejjeż u benefiċċji. Bdew id-diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati. | Ġie finalizzat l-ewwel abbozz tal-Master Plan għaż-Żona tal-Ajruport. | L-abbozz finali tressaq għall-approvazzjoni, filwaqt li bdew it-tħejjijiet għall-pubblikazzjoni tal-Master Plan għaż-Żona tal-Ajruport. | Mistenni jitnieda uffiċjalment il-Master Plan għaż-Żona tal-Ajruport. | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ NAZZJONALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 125 | Permezz ta' bini ta' Command and Control Room ġdida, il-Korp tal-Pulizija se jkun attrezzat bl-aħħar teknoloġija fl-immaniġġjar tal-operat tiegħu. Il-proġett għandu jwassal għal aktar sigurta' fil-pajjiż u rispons aktar immedjat mill-pulizija meta dawn jiġu hekk mitluba. | Korp tal-Pulizija | Beda x-xogħol strutturali (inkluż xogħol ta' kostruzzjoni) fil-Command & Control Room ġdida fil-kwartieri tal-Pulizija. Ġiet abbozzata sejħa għall-offerti biex jinxtara ġeneratur. | Tkompla x-xogħol strutturali fuq il-binja l-ġdida. Ġiet pubblikata sejħa għall-offerti għax-xiri ta' ġeneratur. Sadanittant, bdiet tiġi mfassla sejħa għall-offerti għax-xiri ta' lift. | Kompla x-xogħol strutturali fuq il-binja l-ġdida, tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għax-xiri ta' ġeneratur. Tkompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri ta' lift. | Mistenni jkompli x-xogħol strutturali fuq il-binja l-ġdida, jasal il-ġeneratur, jiġi installat u ttestjat kif ukoll tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xiri u l-installazzjoni tal-lift. | Fil-proċess li tiġi Implimentata |
| 126 | Se jitkompla l-proġett mifrux fuq numru ta' snin tal-immodernizzar tal-vetturi tal-Korp kemm għas-sezzjonijiet speċjalizzati kif ukoll għall-uffiċini distrettwali. | Korp tal-Pulizija | Wara li ħarġet sejħa għall-offerti fl-2018, ġie ffirmat kuntratt għax-xiri ta' ħamsin vettura ġdida.<br><br>Waslu l-ewwel ħamsa u għoxrin vettura u ġew imqassma fil-branki rispettivi. | Waslu l-kumplament tal-vetturi u tqassmu fil-branki rispettivi.<br><br>Il-Korp tal-Pulizija kompla b'dan l-investiment permezz ta' xiri ta' erbgħa u għoxrin vettura oħra. | | | Implimentata |
| 127 | Se jsir investiment sostanzjali sabiex issir qabża fil-kwalità fl-apparat użat mit-taqsimiet tal-RIU u l-SIU. | Korp tal-Pulizija | Saru negozjati ma' kumpaniji privati, u nkisbet l-approvazzjoni meħtieġa, biex jinxtara tagħmir ġdid u speċjalizzat għall-użu tar-Rapid Intervention Unit u l-iSpecial Intervention Unit. | Ġie ordnat l-apparat ġdid, kif ukoll ħarġet sejħa għall-offerti għax-xiri ta' Training Simulator. | Is-sejħa għall-offerti biex jinxtara Training Simulator waqgħet u beda proċess alternattiv ta' akkwist. | Huwa mistenni li t-tagħmir il-ġdid jasal u jibda jintuża mir-Rapid Intervention Unit u l-iSpecial Intervention Unit filwaqt li jkomplu n-negozjati biex jiġi akkwistat Training Simulator. | Fil-proċess li tiġi Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 128 | Għaddej xogħol estensiv fit-titjib tal-infrastruttura tat-Taqsima tal-Forensika. Barra minn hekk, ser ikun hemm investiment f'dak li hu apparat aktar modern u titkompla l-mixja lejn l-akkreditazzjoni tal-laboratorju. | Korp tal-Pulizija | Wara li ġiet identifikata l-art fejn se jitwaqqaf il-bini ta' Laboratorju Forensiku ġdid, sar l-istħarriġ tal-art (testijiet ġeoloġiċi).<br><br>Sar xogħol fuq żewġ abbozzi separati, biex jiġu ppubblikati sejħiet għall-offerti għax-xiri t'apparat forensiku ġdid u innovattiv. | Wara li saret analiżi tar-riżultati li ħarġu mit-testijiet tal-art, ġiet elenkata l-possibilità ta' sejbiet arkeoloġiċi. Bdew diskussjonijiet mal-awtoritajiet konċernati biex jiġi individwat sit alternattiv gdid aktar vijabbli.<br><br>Ġew ippubblikati żewġ sejħiet għax-xiri t'apparat forensiku ġdid u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti. | Għalqu d-diskussjonijiet mal-awtoritajiet konċernati u ġie individwat sit alternattiv għat-twaqqif ta' Laboratorju Forensiku ġdid. Beda l-proċess sabiex tiġi trasferita din l-art.<br><br>Intemmet l-evalwazzjoni, u bdew il-preparamenti għall-iffirmar tal-kuntratti. | Mistenni li jitlesta l-istħarriġ tal-art tas-sit il-ġdid u jibdew il-preparamenti għal permess ta' żvilupp filwaqt li jasal l-apparat forensiku ġdid. | Fil-proċess li tiġi Implimentata |
| 129 | L-Akkademja għal Korpi Dixxiplinati se tkun qed tippjana biex tkabbar il-campus tagħha billi tkabbar in-numru ta' klassijiet u tibni librerija u kmamar għat-taħriġ tal-kompjuters, fost l-oħrajn. | Akkademja għall-Korpi Dixxiplinati | Bdew jiġu identifikati r-rekwiżiti marbuta ma' bini ta' sular ġdid fi ħdan l-Akkademja, biex jiżdiedu training rooms, librerija u numru ta' klassijiet ġodda. | Tlestiet l-identifika-zzjoni tar-rekwiżiti tal-bini addizzjonali. Tlestew id-disinji, il-pjanti u bdiet titħejja l-applikazzjoni għall-iżvilupp. | Beda t-tfassil tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-listi tal-kwantitajiet marbuta max-xogħlijiet meħtieġa, kif ukoll l-istimi konċernati. | Mistenni li tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp. Fl-istess ħin jibda t-tfassil ta' sejħiet pubbliċi għat-twettiq ta' dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 130 | Fejn jidħol id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, huwa mistenni li jinbeda eżerċizzju li permezz tiegħu kull stazzjoni tat-tifi tan-nar ikun wieħed siżmiku. Se jkun qed jitlesta l-pjan ta' strateġija għal din is-sezzjoni għal-għaxar snin li ġejjin. | Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili | Bdew diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Artijiet dwar it-trasferiment ta' seba' artijiet ġodda, sitta f'Malta u oħra f'Għawdex, filwaqt li bdew isiru testijiet ġeoloġiċi fuq erba' artijiet oħra li diġà huma assenjati lid-Dipartiment konċernat.<br><br>Saru negozjati ma' kumpaniji privati għat-tfassil ta' pjan strateġiku dwar il-bini ta' stazzjonijiet ġodda tat-tifi tan-nar. Intlaqgħu l-offerti u bdiet l-evalwazzjoni. | Komplew id-diskussjonijiet marbuta mal-akkwist tal-artijiet. Inħarġu r-riżultati tat-testijiet ġeoloġiċi ta' wieħed mis-siti u bdew isiru l-pjanti taċ-ċentru l-ġdid.<br><br>Għalqet l-evalwazzjoni tal-offerti, ġie ffirmat il-kuntratt u beda jitfassal il-pjan strateġiku dwar il-bini ta' stazzjonijiet ġodda tat-tifi tan-nar. | Komplew id-diskussjonijiet marbuta mal-akkwist t'artijiet u bdew jiġu assenjati lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Kompla x-xogħol fuq l-artijiet assenjati lid-Dipartiment li jinkludi stħarriġ ta' taħt l-art, tfassil ta' disinji u sottomissjoni t'applikazzjonijiet biex jiġu akkwistati permessi ta' żvilupp.<br><br>Kompla jitfassal il-pjan strateġiku dwar il-bini ta' stazzjonijiet ġodda tat-tifi tan-nar. | Mistenni li jkomplu diskussjonijiet dwar l-akkwist t'artijiet u jkompli x-xogħol fuq l-artijiet li ġew assenjati.<br><br>Mistenni li jintemm l-istudju u jiġi ppreżentat lill-Ministeru. | Fil-proċess li tiġi Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 131 | Matul is-sena li ġejja se jkompli l-investiment fil-bdil tal-vetturi tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. | Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili | Fejn jidħlu vetturi speċjalizzati, twettqet riċerka li serviet biex jiġu individwati r-rekwiżiti tekniċi, qabel ma saru l-ewwel kuntatti ma' fornituri barranin. Sussegwentament, bdew in-negozjati mal-fornituri barranin li wrew interess.<br><br>Fir-rigward ta' xiri ta' vetturi mhux speċjalizzati, beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti. | Għalqu n-negozjati mal-fornituri barranin, u ntlaqgħu l-offerti. Sussegwentament, tfassal ir-rapport tal-evalwazzjoni u ħarġu r-rakkomandazzjonijiet finali.<br><br>Tkompla l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti biex jinxtraw vetturi mhux speċjalizzati. | Ir-rapport tal-evalwazzjoni għadda għad-diskussjoni interna filwaqt li bdew laqgħat mal-Ministeru tal-Finanzi marbuta ma' dan l-investiment.<br><br>Tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għal vetturi mhux speċjalizzati. | Mistennija tinkiseb l-approvazzjoni għan-nefqa u jibda l-abbozzar tas-sejħiet tal-offerti meħtieġa.<br><br>Mistenni li tkun ippubblikata s-sejħa għall-offerti biex jinxtraw vetturi mhux speċjalizzati u tibda l-evalwazzjoni. | Fil-proċess li tiġi Implimentata |
| 132 | Matul is-sena li ġejja se jsir investiment fit-taqsima marittima b'xiri ta' dinghies u fire boats tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. | Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili | Saret riċerka dwar dinghies u fire boats biex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tekniċi għax-xiri tagħhom. Saru l-ewwel kuntatti ma' fornituri barranin. | Komplew il-kuntatti mal-fornituri barranin u bdew jintlaqgħu l-kummenti mingħand dawk interessati fin-negozjati. | Komplew in-negozjati ma' fornituri barranin biex jinxtraw dinghies u fire boats. | Huwa mistenni li, wara li d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili jirċievi offerti mingħand il-fornituri barranin, titwettaq l-evalwazzjoni u jitfassal rapport tekniku bir-rakkomandazzjonijiet. | Fil-proċess li tiġi Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 134 | Ser titkompla tissaħħaħ aktar is-sigurtà fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, b'investiment f'body scanners, fost l-oħrajn, sabiex jitnaqqas id-dħul illegali ta' sustanzi projbiti. | Faċilità Korrettiva ta' Kordin | Wara li saru negozjati fl-2018, inxtraw body scanners u ġew installati u kkummissjonati. Ingħata taħriġ lil dawk l-uffiċjali li se jkunu qegħdin jagħmlu użu minn dan l-apparat soffistikat. | | | | Implimentata |
| 135 | Ġie kkummissjonat project brief biex jistabbilixxi x'tip ta' binjiet ġodda se jkunu meħtieġa fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sabiex jiżdied l-ispazju, isir tqassim aħjar ta' priġunieri u anke jkun hemm bini aktar modern. | Faċilità Korrettiva ta' Kordin | Ġie konkluż il-Project Brief u dan ġie diskuss sabiex b'hekk tkun tista' tittieħed deċiżjoni finali dwar l-investiment li jrid isir. | Saret analiżi dettaljata ta' dak li ħareġ minn dan l-istudju. | Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għad-Design & Build filwaqt li kompliet l-analiżi dwar sistemi mħaddma minn faċilitajiet korrettivi f'pajjiżi barranin. | Mistenni li titlesta l-analiżi u jkompli l-abbozzar tad-Design & Build. | Fil-proċess li tiġi Implimentata |
| 136 | Hu ppjanat li għas-sena 2019 tinbena binja ġdida fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sabiex ix-xogħol li jsir mir-residenti ma jibqax isir ġewwa ċ-ċelel. | Faċilità Korrettiva ta' Kordin | Bdew diskussjonijiet mal-privat, JobsPlus u l-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar biex isir pjan sostenibbli għall-investimenti meħtieġa, kif ukoll dwar l-operat. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-partijiet konċernati u beda xogħol fuq id-disinn u l-fatturi tal-kwantitajiet għal dan il-proġett. | Tlesta d-disinn u bdew laqgħat dwar l-iffinanzjar tal-proġett. | Huwa mistenni li jingħalqu l-laqgħat dwar l-iffinanzjar u jibda t-tfassil tas-sejħiet għall-offerti għall-proġett. | Fil-proċess li tiġi Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 137 | Titfassal strateġija ġdida ta' kif għandhom joperaw is-Servizzi ta' Detenzjoni biex tibqa' relevanti u timxi maż-żminijiet. | Servizzi ta' Detenzjoni | Ġie deċiż li din l-istrateġija nazzjonali dwar ir-reception conditions trid tiġi konformi mad-direttiva tal-UE, ladarba din l-istess liġi tkun diskussa u approvata mill-Parlament Ewropew. | | Ġie deċiż li l-implimentazzjoni ta' din il-miżura tibqa' sospiża sal-aħħar tas-sena, għall-fatt li din l-istrateġija nazzjonali dwar ir-reception conditions għad trid tiġi konformi mal-istess direttiva tal-UE, ladarba din tkun diskussa u approvata mill-Parlament Ewropew. | | Fil-proċess li tiġi Implimentata |

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 100 | L-Awtorità Maltija dwar il-Mediċini rnexxielha tbiddel lill-industrija farmaċewtika f'settur innovattiv u ottimizzat li jiffoka fuq il-pazjent. Dan il-proċess se jkompli jiġġedded matul is-sena li ġejja permezz ta' inizjattivi mmirati li jestendu l-mandat regolatorju tal-Awtorità għal apparati mediċi bl-għan li nikkonsolidaw il-ħiliet u l-għarfien espert disponibbli fuq livell nazzjonali. | Awtorità tal-Mediċini | Sar kuntatt ma' diversi pajjiżi sabiex tiġi diskussa kif issir ir-regolarizzazzjoni tat-tagħmir mediku. | Bdew laqgħat ma' stakeholders fuq it-tfassil ta' regolamenti ta' tagħmir mediku. Beda l-abbozzar tar-regolamenti dwar it-tagħmir mediku inkluż riċerka dwar reġistru għat-tagħmir mediku f'pajjiżna biex b'hekk ikun hemm aktar viġilanza u sorveljanza. | Tkompla l-abbozzar tar-regolamenti inkluż it-twaqqif ta' reġistru li se jkun qed iħaddan informazzjoni rigward id-distributuri ta' tagħmir mediku u l-lista tat-tagħmir mediku li għandhom jew dak it-tagħmir li se jitqiegħed fis-suq lokali. | Mistenni li jidħlu fis-seħħ ir-regolamenti li se jassiguraw li kull tip ta' tagħmir mediku jkun tal-kwalità meħtieġa sabiex ikun hemm serħan il-moħħ kemm għall-professjonisti kif ukoll għaċ-ċittadin. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 101 | L-Awtorità se tkompli tiżviluppa wkoll il-qafas regolatorju għall-użu tal-kannabis għal skopijiet mediċinali biex tiżgura li Malta jkollha ġuriżdizzjoni f'dan il-qasam. | Awtorità tal-Mediċini | Wara li ġie deċiż li m'hemmx il-ħtieġa ta' bidla fil-liġi eżistenti fejn jirrigwarda l-qafas regolatorju, ġie mfassal dokument li jirrifletti r-rekwiżiti li l-Awtorità se tkun qed timplimenta fir-rigward tal-quality control għall-prodotti tal-kannabis mediċinali manifatturati f'Malta. Saru laqgħat ma' kumpaniji b'interess li joperaw f'Malta għall-fini ta' produzzjoni tal-kannabis għal skopjijet mediċinali jew riċerka. | Saru laqgħat ma' riċerkaturi li qed jaħdmu fuq proġetti relatati mal-kannabis għal skopijiet mediċinali kif ukoll ma' kumpaniji li għaddejjin bi pjanijiet ta' riċerka fosthom fuq sistemi preċiżi għad-dożar tal-kannabis mediċinali. Sar kuntatt ma' dawk l-aġenti approvati għall-prodotti mediċiniali tal-kannabis sabiex iġeddu l-applikazzjoni tagħhom. | L-Awtorità dwar il-Mediċini nediet paġna fuq is-sit uffiċjali tagħha sabiex il-leġiżlazzjoni, applikazzjonijiet relevanti mal-kannabis u linji gwida l-aktar riċenti jkunu aċċessibbli għal min jiġi bżonn. | | Implimentata |
| 118 | Qed jinħoloq fond għall-kunsilli lokali li bbenefikaw minn proġett infrastrutturali maġġuri fil-lokalità tagħhom, imwettaq mill-Gvern Ċentrali. Dan il-fond huwa maħsub biex jassisti lill-kunsill lokali rispettiv biex iwettaq iż-żamma u l-manutenzjoni meħtieġa tal-proġett imsemmi. | Dipartiment tal-Gvern Lokali (DLG) | Inħoloq il-fond, ħarġet is-sejħa u bdew jiġu milqugħa l-applikazzjonijiet mingħand il-kunsilli lokali. | Saret l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet riċevuti, ġie ffirmat ftehim mal-kunsilli għall-proposti eliġibbli u beda l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-applikazzjonijiet magħżula sabiex ikunu jistgħu jingħatawlhom il-fondi neċessarji għaż-żamma u l-manutenzjoni tal-proġetti mwettqa. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 119 | Se nintroduċu skema ġdida ta' fondi li tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jipproponu inizjattivi li jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-benesseri jew stil ta' ħajja sana għaċ-ċittadin. Fl-istess ħin se niffinanzjaw lir-Reġjuni biex ikollhom rwol aktar attiv. | Dipartiment tal-Gvern Lokali (DLG) | Ġew preparati skemi li jindirizzaw il-benesseri taċ-ċittadini biex jinħarġu matul is-sena. Inħarġu skemi dwar l-attività fiżika, lifelong learning u l-aspett soċjali, saret l-evalwazzjoni tal-proposti riċevuti u bdiet l-implimentazzjoni tal-proposti li ġew aċċettati. | Tkompliet l-implimentazzjoni tal-proposti magħżula. | Tkompliet l-implimentazzjoni tal-proposti magħżula u beda l-monitoraġġ tagħhom. | Mistenni jitkompla l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u jingħataw fondi lill-kunsilli lokali u r-reġjuni li applikaw għal dawn l-iskemi. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 120 | L-indafa pubblika hija kruċjali u għalhekk se nkomplu bil-missjoni tagħna biex intejbu aktar il-kordinament tat-tindif u ż-żamma tal-gżejjer Maltin billi nkomplu nnaddfu ż-żoni kollha tal-Gvern ċentrali, iż-żoni turistiċi, il-belt kapitali u oqsma oħra li huma frekwentati mill-pubbliku. | Diviżjoni għat-Tindif u l-Manutenzjoni | Inxtara u beda jintuża tagħmir ġdid tal-knis mekkanizzat. Saret ukoll l-ordni tal-vannijiet il-ġodda li s-sejħa għall-offerti tagħhom kienet ippubblikata fl-2018. Twaħħlu diversi kontenituri ġodda tal-iskart u ash trays f'diversi żoni fil-pajjiż. Sar reklutaġġ ta' impjegati ġodda fis-settur tal-manutenzjoni. Sar kuntratt mal-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex jiġi organizzat taħriġ għall-impjegati. Inbeda s-servizz ta' night shift li matulu beda jiġi enfasizzat il-ħasil ta' tabelli u sinjali tat-traffiku, kif ukoll xogħlijiet oħra ta' emerġenza. | Waslu l-vannijiet il-ġodda għall-użu tal-ħaddiema tad-Diviżjoni. Beda t-taħriġ lill-ewwel gruppi ta' impjegati mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi. Tlesta programm ta' xogħlijiet ta' tindif u ħasil ta' żoni turistiċi matul ix-xhur tas-sajf. | Il-programm ta' xogħlijiet beda jiġi attwat. Dawn ix-xogħlijiet jibqgħu jsiru regolari sabiex ix-xogħol li sar jibqa' jiġi mantnut. | | Implimentata |
| 138 | Titkompla r-Riforma fil-Qrati: se ndaħħlu fis-seħħ sistema ta' medjazzjoni fil-Bord li Jirregola l-Kera. | Ċentru tal-Medjazzjoni | Ġiet abbozzata Memo u tressqet għall-approvazzjoni interna. Ġiet approvata u bdew it-tħejjijiet għall-implimentazzjoni ta' din is-sistema l-ġdida. | Tkomplew il-preparamenti meħtieġa għall-introduzzjoni ta' din is-sistema l-gdida. | Tkomplew il-preparamenti u saret evalwazzjoni dwar is-sitwazzjoni u kif għandha tkun implimentata. | Tkomplew il-preparamenti biex meta jkun il-waqt tiġi implimentata | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 139 | Titkompla r-Riforma fil-Qrati: se ndaħħlu fis-seħħ liġi li tagħti awtonomija amministrattiva lill-Qrati tagħna. | Qrati tal-Ġustizzja | Saru diversi laqgħat ma' stakeholders varji f'dan il-qasam dwar it-twettiq ta' din il-miżura. Ġie deċiż li l-awtonomija amministrattiva tingħata permezz tat-twaqqif ta' Aġenzija. Beda jiġi mħejji abbozz legali f'dan ir-rigward. | Tkomplew il-laqgħat dwar it-twaqqif tal-Aġenzija. Ġie organizzat seminar għall-Management tal-Qorti. Tħejjew Memo u l-abbozz tal-Avviż Legali li tressqu 'l quddiem għad-diskussjoni u ġew approvati. | Ġie ppubblikat l-Avviż Legali u b'hekk twaqqfet l-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qorti. | | Implimentata |
| 140 | Titkompla r-Riforma fil-Qrati: se nkomplu naħdmu sabiex intejbu l-aċċessibilità għas-servizzi li toffri l-Qorti permezz tal-informatika biex aktar servizzi jkunu offruti online għall-benefiċċju taċ-ċittadin u tal-prattikanti tal-Liġi. | Qrati tal-Ġustizzja | Saru laqgħat interni u mal-MITA dwar it-titjib meħtieġ fis-servizz. Ġew identifikati l-atti ġudizzjarji li ser ikunu jistgħu jiġu ppubblikati online - dawk tal-Bord li Jirregola l-Kera u l-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba'. | Beda x-xogħol mill-MITA ta' żvilupp fis-sistema għall-pubblikazzjoni tal-atti identifikati online. | Tkompla x-xogħol mill-MITA ta' żvilupp fis-sistema u beda jsir testing tas-sistema. Sar l-abbozzar ta' żewġ avviżi legali li bis-saħħa tagħhom tkun tista' tiġi implimentata din il-miżura. | Huwa mistenni li jiġu pubblikati ż-żewġ avviżi legali, titnieda s-sistema u tkun aċċessibbli mill-professjonisti legali u l-pubbliku inġenerali. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 141 | Titkompla r-Riforma fil-Qrati: se nkomplu ninvestu fl-Aġenzija tal-Għajnuna Legali sabiex is-soċjetà Maltija tkun waħda inklussiva anke ma' dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà u l-aċċess għall-ġustizzja jkun żgurat għal kulħadd. | Aġenzija tal-Għajnuna Legali | Sar taħriġ kemm f'Malta kif ukoll barra lill-avukati dwar traffikar uman. Ġie ppreparat fuljett li tqassam fl-għases tal-Pulizija u Kunsilli Lokali dwar is-servizzi tal-għajnuna legali. | Kompla t-taħriġ tal-avukati fosthom fl-Akkademja tal-Liġi Ewropea. Tħejja wkoll fuljett dwar kif persuna li tibbenefika mill-għajnuna legali għandha tipprepara ruħha biex tmur il-qorti. | L-Aġenzija pparteċipat f'laqgħat organizzati mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn ġie spjegat lill-kunsilli lokali x-xogħol imwettaq mill-Aġenzija sabiex huma jkunu jistgħu jgħarrfu lir-residenti tagħhom dwar is-servizzi tal-Aġenzija f'każ li jkun hemm bżonn. | Mistenni jittella' l-Legal Aid Forum li fih jipparteċipaw il-membri tal-Ġudikatura u l-professjonisti legali. Waqt dan il-Forum se jiġu diskussi aspetti tax-xogħol tal-għajnuna legali f'pajjiżna. | Implimentata |
| 204 | L-istudenti kollha li jattendu skejjel sal-livell sekondarju tal-Istat, tal-Knisja jew Indipendenti se jkunu intitolati biex iżuru, flimkien ma' żewġ adulti magħhom, is-siti u l-mużewijiet ta' Heritage Malta mingħajr ma jħallsu l-miżata tad-dħul. Dan l-aċċess se jkun qed jingħata kuljum is-sena kollha bla limitu. | Heritage Malta | Saru l-preparamenti meħtieġa għat-tnedija ta' din l-iskema u ġiet imnedija fl-aħħar tal-2018. B'hekk, illum studenti fi skejjel sekondarji jistgħu jżuru s-siti u l-mużewijiet ta' Heritage Malta flimkien ma' żewġ adulti b'xejn. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 205 | Kif tintemm il-ħidma tal-Fondazzjoni Valletta 18 fi tmiem din is-sena, il-Gvern ser iwaqqaf l-Aġenzija Kulturali tal-Belt Valletta biex isservi bħala punt ta' referenza ewlieni għall-iżvilupp u attivitajiet kulturali fil-belt kapitali u sabiex il-legat li ħalla warajh Valletta 2018 jitkompla. L-Aġenzija ser tħares ukoll l-impenn biex ir-riġenerazzjoni kulturali tal-Belt tibqa' għaddejja, bl-għan li jissaħħaħ l-impatt fuq l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-Belt. Dan se jwassal biex jgħolli l-livell tal-infrastruttura u s-servizzi. | Fondazzjoni Valletta 2018 | Saru l-preparamenti meħtieġa għat-twaqqif tal-Aġenzija Kulturali tal-Belt Valletta. Ġie abbozzat avviż legali li permezz tiegħu tkun tista' titwaqqaf l-aġenzija. | Twaqqfet l-aġenzija u bdiet isservi bħala punt ta' referenza ewlieni għall-iżvilupp u attivitajiet kulturali fil-belt kapitali sabiex il-legat li tħalla wara Valletta 2018 jitkompla. | | | Implimentata |
| 206 | Jitkompla x-xogħol fuq iċ-ċentru internazzjonali tal-arti kontemporanja, MICAS. | Direttorat tar-Restawr | Tkompla x-xogħol ta' restawr u riabilitazzjoni tal-Aċċessi fil-Malta International Contemporary Art Space (MICAS). | Tkompla x-xogħol ta' restawr u riabilitazzjoni tal-Aċċessi. Ir-restawr tal-medda ta' swar fuq ix-xellug tal-arkata ta' Santa Barbara tlesta. | Tkompla x-xogħol ta' restawr fuq is-swar biswit iċ-Ċentru Internazzjonali tal-Arti Kontemporanja. Ġiet pubblikata sejħa għall-offerti għax-xogħol għall-bini taċ-Ċentru u komplew jiġu ppreparati d-disinji tal-fażijiet l-oħra tal-proġett. | Mistennija li tagħlaq is-sejħa għall-offerti għall-bini tal-MICAS, tibda l-evalwazzjoni u jitkompla r-restawr tas-swar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-AMBJENT,
ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 52 | Nippreparaw għall-bini ta' Material Recovery Facility ġdida li se tieħu post dik li nħarqet. Dan filwaqt li nipprovdu għal infrastruttura temporanja biex nillimitaw l-ammont ta' skart riċiklabbli li jkollna nesportaw. | Wasteserv Malta Ltd | Ġiet abbozzata sejħa għall-offerti għal konsulenti tekniċi għall-bini ta' Material Recovery Facility ġdida.<br><br>Ġiet installata infrastruttura rudimentali temporanja biex ikun limitat l-ammont ta' skart riċiklabbli, u bdiet titħaddem b'mod pilota fuq stream wieħed, rigward plastics minn bring-in sites. | Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għal konsulenti għall-bini ta' Material Recovery Facility ġdida, filwaqt li nħarġet sejħa għall-ħaddiema interessati li jaħdmu f'din il-faċilità temporanja u bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. | Il-loġistika u l-infrastruttura temporanja għall-proċess tal-iskart riċiklabbli ġew issettjati u saru tħejjijiet rigward il-makkinarju, il-post riservat biex jilqa' l-borża griża u t-taħriġ tal-proċess. Inħarġet is-sejħa għall-offerti għal konsulenti tekniċi għall-bini tal-Material Recovery Facility il-ġdida. | Mistenni li jingħata l-kuntratt tal-konsulenti tekniċi u dawn jibdew jippreparaw il-bażi tad-disinn tal-bini tal-Material Recovery Facility il-ġdida. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 53 | Se nibdew il-proċess biex ikollna Multi-Material Recovery Facility li se tgħin fir-riċiklaġġ ta' diversi materjali li altrimenti jispiċċaw fil-miżbla. | Wasteserv Malta Ltd | Tkompla l-proċess biex jinkiseb il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar filwaqt li ġiet approvata l-applikazzjoni mill-Awtorità għar-Riżorsi u l-Ambjent (ERA) għall-Environmental Permit.<br><br>Sadattant tkompla l-ground contamination testing u l-iskart elettriku/elettroniku (WEEE) u skart ieħor komplew jitneħħew mis-sit. Dan filwaqt li ġew iffirmati l-kuntratti għall-bini tal-faċilità u għall-project management. | Tlesta d-disinn tal-faċilità u l-Construction Management Plan (CMP), u tressaq għand l-Awtorità tal-Ippjanar. Id-dettalji  tal-proġett intbagħtu wkoll lis-Sovrintendenza għall-Wirt Kulturali u ġie mqabbad archaeological monitor. Ir-riżultati tal-ground contamination testing intbagħtu lill-ERA. Inkiseb il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Abbażi tar-riżultati tal-ground contamination, inħarġet l-ordni sabiex dan il-materjal ikkontaminat jitneħħa mis-sit fejn se tinbena l-faċilità ġdida, hekk kif maqbul mal-Awtorità għar-Riżorsi u l-Ambjent. Dan ix-xogħol tlesta u għaldaqstant inbeda x-xogħol tal-iskavar fuq il-kumplament tas-sit. | Mistenni jitkompla l-iskavar u xogħlijiet oħra tal-bidu fis-sit fejn se tinbena l-faċilità ġdida.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 54 | Se nkomplu bil-proċess ta' disinn għall-faċilità ta' Waste-to-Energy li se tkun ħolqa importanti fil-katina ta' faċilitajiet għall-immaniġġjar tal-iskart. | Wasteserv Malta Ltd | Bdiet analiżi dwar il-post u l-kapaċità għal impjant Waste-to-Energy (W2E), li tkopri siti prospettivi madwar il-Magħtab fejn tista' ssir din il-faċilità kif ukoll bdew preparamenti mal-Awtorità għar-Riżorsi u l-Ambjent (ERA) biex isir Environmental Impact Assessment (EIA).<br><br>Beda jsir ukoll Cost Benefit Analysis (CBA) dwar il-faċilità ġdida. Inħarġet sejħa għall-offerti għall-EIA. | Kompliet l-analiżi fir-rigward ta' diversi teknoloġiji alternattivi possibbli, inklużi l-iffinanzjar u l-metodu tax-xiri. Ġew preparati d-dokumenti neċessarji biex jinbeda l-proċess għall-ħruġ ta' sejħa għall-offerti relatata ma' konsulenti tekniċi għal dan il-proġett, ġew mgħoddija lid-Dipartiment tal-Kuntratti u ġiet pubblikata. | Saru diskussjonijiet ta' natura teknika mal-Enemalta u mal-Energy and Water Agency (EWA) dwar dan il-proġett.<br><br>Komplew isiru kemm is-CBA kif ukoll l-EIA.<br><br>Sar il-vetting tad-dokumenti mħejjija għall-ħruġ ta' sejħiet għall-offerti relatati ma' dan il-proġett. | Mistenni jiġi finalizzat id-disinn preliminari, isiru l-istimi inizjali tal-ispiża, u tittieħed deċiżjoni dwar il-mudell tal-iffinanzjar għall-proġett kif ukoll tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp ta' din il-faċilità lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 55 | Se nkunu qegħdin nintensifikaw ħidmietna biex kulħadd jissepara l-iskart tiegħu issa li se jkollna wkoll servizz li jiġbor l-iskart organiku separat. Matul is-sena d-dieħla se nfasslu proposti biex l-iskart kummerċjali jkun regolat b'mod aktar sostenibbli. | Direttorat għall-Ambjent u Tibdil fil-Klima | Intensifikat il-ħidma biex kulħadd jissepara l-iskart permezz tal-kampanja pubblika informattiva u edukattiva, proviżjoni ta' bins, u infurzar. Saru konsultazzjonijiet ma' entitajiet konċernati dwar skart kummerċjali u ntlaqgħu l-kummenti tagħhom. | Beda l-abbozzar ta' avviż legali, kif ukoll pjan ta' azzjoni u mudell operattiv, sabiex ikun regolat aħjar u b'mod aktar sostenibbli l-immaniġġjar tal-iskart minn entitajiet kummerċjali. | Saru diskussjonijiet dwar il-mudell operattiv mal-istakeholders ewlenin, il-pjan ta' azzjoni u kompla l-abbozzar tal-avviż legali. | Mistenni li ssir konsultazzjoni pubblika wiesgħa, jintlaqgħu l-kummenti u jerġa' jiġi rivedut l-abbozz tal-avviż legali. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 56 | Introduzzjoni ta' skema fuq ġbir ta' kontenituri tax-xorb: Sejrin jibdew diskussjonijiet sabiex jintlaħaq ftehim ma' konsorzju magħmul mill-operaturi u importaturi biex jiġi maqbul kif sistema bħal din tiġi implimentata. | Resource Recovery and Recycling Agency (RRRA) | Saru diskussjonijiet ma' konsorzju magħmul mill-operaturi sabiex jiġi maqbul fil-prinċipju kif sistema ta' Beverage Containers Recovery Scheme (BRCS) tista' tiġi implimentata.<br><br>Saru wkoll diskussjonijiet mal-Malta Industrial Parks biex jiġi pprovdut spazju għall-ħtiġijiet tal-iskema.<br><br>B'konsultazzjoni mal-awtoritajiet konċernati, dipartimenti governattivi u l-Kummissjoni Ewropea, bdew jiġu abbozzati regolamenti legali ġodda sabiex jassistu l-introduzzjoni u l-operat ta' din l-iskema. | Issoktaw id-diskussjonijiet biex jintlaħaq ftehim mal-operaturi.<br><br>Saru diskussjonijiet ukoll mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) u mal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali sabiex tinħoloq konformità bejn ir-regolamenti ġodda kif proposti rigward l-iskema (BCRS) u l-liġijiet u regolamenti oħra relatati eżistenti. | Intlaħaq qbil dwar medda art provduta mill-MIP sabiex tkun tista' tintuża għall-ħtiġijiet tal-iskema, ftehim fil-prinċipju mal-operaturi dwar ir-regolamenti u l-liċenzja tal-operat. Dan filwaqt li ġew finalizzati r-regolamenti l-ġodda rigward is-sistema ta' ġbir ta' kontenituri tax-xorb. Ġew stabbiliti tliet assoċjazzjonijiet kummerċjali privati: tal-produtturi lokali, tal-importaturi u tal-bejjiegħa tax-xorb. | Mistennija jiġu finalizzati l-aspetti kollha legali u regolatorji konnessi mas-sistema u tiġi magħluqa notifika mal-Kummissjoni Ewropea skont id-direttiva konċernata. Mistenni li jitfassal pjan mill-entità li se tmexxi l-proġett, għall-bini u xiri ta' makkinarju tal-impjant ċentrali. Dan filwaqt li jinxtraw numru ta' Reverse-Vending-Machines (RVMs) għall-ġbir ta' kontenituri tax-xorb, u jibdew jintużaw bi prova. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 57 | Il-ħidma ta' Ambjent Malta sejra tiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-Management Plans tas-siti Natura 2000, siti li jlaħħqu mal-11 fil-mija tat-territorju Malti. | Ambjent Malta | Għas-sena 2019 ġie deċiż li jiġu trattati s-siti tal-Għadira s-Safra, Tal-Ballut f'Marsaxlokk, il-Magħluq ta' Marsaskala, Kemmuna u r-Ramla tat-Torri u x-Xagħra tal-Kortin.<br><br>Rigward l-Għadira s-Safra, ġie ffirmat Management Agreement għal dan is-sit bejn l-Awtorità għar-Riżorsi u l-Ambjent (ERA) u l-Kunsill Studenti Universitarji (KSU).<br><br>Rigward Tal-Ballut f'Marsaxlokk, ġie ffirmat Management Agreement għal dan is-sit bejn l-ERA u Nature Trust Malta (NTM).<br><br>Fiż-żewġ siti, saru xogħlijiet ta' tindif ġenerali, tħawwil ta' siġar u arbuxxelli, tranġar ta' fencing u tneħħija ta' speċi invażivi. | Tkomplew l-interventi fl-Għadira s-Safra bħal tindif, ġbir ta' skart u materjal, tneħħija ta' speċi invażivi u tħawwil ta' siġar u pjanti indiġeni.<br><br>Sar tindif ġenerali u xogħlijiet ta' fencing kif ukoll tneħħija ta' speċi invażivi fil-Ballut ta' Marsaxlokk.<br><br>F'Kemmuna komplew jiġu mħarsa u msaqqija s-siġar li tħawlu s-sena li għaddiet u ġew imħawlin aktar siġar fl-inħawi fejn hemm il-campsite, filwaqt li twettaq xogħol relatat mal-campsite skont il-permess tal-ippjanar u nbeda survey tat-toroq eżistenti.<br><br>Għar-Ramla tat-Torri, bdew jitkabbru tipi ta' siġar u arbuxxelli indiġeni sabiex jitħawlu hemm, u beda jsir ukoll kontroll tal-aċċess f'dan is-sit. | Dwar il-Maghluq ta' Marsaskala, ġiet sottomessa applikazzjoni għal fondi mill-INTERREG biex isir id-dredging tal-lagoon, tittejjeb il-konnettività bejn il-lagoon u l-baħar, u potenzjalment titkabbar l-area tal-lagoon.<br><br>F'Kemmuna tkompliet it-tisqija ta' siġar u arbuxxelli indiġeni u beda jsir survey mill-ERA dwar il-mogħdijiet eżistenti fuq dil-gżira.<br><br>Fir-Ramla tat-Torri tkompla l-monitoraġġ ta' speċi invażivi f'dan is-sit.<br><br>Fix-Xagħra tal-Kortin tpoġġew il-bollards fil-periferija tas-sit. | Mistenni li jkomplu jsiru l-interventi fiż-żoni indikati għall- 2019 filwaqt li jsiru diversi proposti u preparamenti għall-interventi ġodda għal siti oħra ta' Natura 2000. Dan ix-xogħol jibqa' għaddej bħala parti mill-operat. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 58 | Se nieħdu ħsieb ukoll il-widien tagħna, sew għall-bijodiversità li jħaddnu kif ukoll għax iservu ta' passaġġ għall-ilmijiet tax-xita. Se nkunu qed nixprunaw dan is-settur permezz ta' aktar żidiet fl-investiment. | Ambjent Malta | Ġiet preparata sejħa għall-offerti għal xogħlijiet ta' manutenzjoni li jinkludu restawr ta' ħitan tas-sejjieħ kif ukoll tneħħija ta' materjal u pjanti invażivi u tħawwil ta' siġar indiġeni f'Wied ir-Rum, Wied tal-Ġnejna, Wied Għomor u Wied Garnaw. | Tkompla l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għal xogħlijiet ta' manutenzjoni li jinkludu restawr ta' ħitan tas-sejjieħ kif ukoll tneħħija ta' materjal u pjanti invażivi u tħawwil ta' siġar indiġeni f'Wied ir-Rum, Wied tal-Ġnejna, Wied Għomor u Wied Garnaw.<br><br>Ġiet preparata sejħa għall-offerti għax-xiri ta' pjanti indiġeni għall-Wied tal-Ġnejna u Wied Għomor.<br><br>Ġiet preparata wkoll sejħa għall-offerti għar-restawr ta' pont f'Wied il-Fiddien. | Wara l-pubblikazzjoni tas-sejħiet għall-offerti, bdew xogħlijiet ta' manutenzjoni li jinkludu restawr ta' ħitan tas-sejjieħ kif ukoll tneħħija ta' materjal u pjanti invażivi u tħawwil ta' siġar indiġeni għal Wied ir-Rum, Wied tal-Ġnejna, Wied Għomor u Wied Garnaw. Beda t-tħawwil ta' pjanti indiġeni fil-Wied tal-Ġnejna u Wied Għomor.<br><br>Is-sejħa għar-restawr ta' pont f'Wied il-Fiddien ġiet ippubblikata. | Mistennija jitlestew xogħlijiet ta' manutenzjoni li jinkludu restawr ta' ħitan tas-sejjieħ kif ukoll tneħħija ta' materjal u pjanti invażivi u tħawwil ta' siġar indiġeni f'Wied ir-Rum, Wied tal-Ġnejna, Wied Għomor u Wied Garnaw. Mistenni li jitlesta wkoll it-tħawwil ta' pjanti indiġeni fil-Wied tal-Ġnejna u Wied Għomor.<br><br>Sal-aħħar tal-2019 mistenni li jitlesta l-proċess tas-sejħa għall-offerti għar-restawr ta' pont f'Wied il-Fiddien. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 59 | Se nkomplu naħdmu fuq qafas leġiżlattiv li jirregola l-ħsejjes mhux koperti bil-liġi filwaqt li nfasslu sistema ta' infurzar armonizzata mal-awtoritajiet li b'xi mod jirregolaw il-ħoss. | Direttorat għall-Ambjent u Tibdil fil-Klima | Ġiet abbozzata liġi, mill-Awtorità għar-Riżorsi u l-Ambjent (ERA), dwar il-ħsejjes. Saru diskussjonijiet fi ħdan in-Noise Commission u ntlaqgħu l-kummenti dwar dan l-abbozz. | Saret konsultazzjoni addizzjonali interna dwar parti mill-abbozz tal-Att dwar il-Ħsejjes. Sadattant l-abbozz intbagħat għat-traduzzjoni bil-Malti. | Tlesta x-xogħol tat-traduzzjoni bil-Malti u għadda għand l-Avukat Ġenerali. | Mistenni li jiġi ppreparat memorandum sabiex l-abbozz ta' liġi jiġi ppreżentat għall-approvazzjoni interna u mbagħad jgħaddi mill-proċess parlamentari. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 60 | Se jibda x-xogħol fuq l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent. | Awtorità għar-Riżorsi u l-Ambjent (ERA) | Saru diskussjonijiet dwar il-viżjoni għal Strateġija Nazzjonali għall-Ambjent, li jkopru wkoll, fost oħrajn, il-parametri dwar sa fejn għandha tasal l-istrateġija u l-mod kif għandhom jinħadmu diversi xenarji għall-viżjoni tagħha skont kif identifikati. | Ġie ppubblikat l-għan tal-viżjoni għall-konsultazzjoni pubblika, filwaqt li tkompliet l-identifikazzjoni tal-parametri tal-istrateġija. | Kompliet id-diskussjoni dwar il-parametri tal-istrateġija, kif ukoll bdew it-tħejjijiet għall-konsultazzjoni mal-partijiet konċernati. | Huwa mistenni li l-prijoritajiet strateġiċi jiġu ppubblikati.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 61 | Se jkun hemm investiment fi stazzjon ġdid għall-monitoraġġ tal-arja. | Awtorità għar-Riżorsi u l-Ambjent (ERA) | Ġie maqbul fil-prinċipju mal-Awtorità tal-Artijiet u mal-Kunsill Lokali konċernat fejn ser jitpoġġa l-istazzjon il-ġdid għall-monitoraġġ tal-arja. Tħejjew is-sejħiet għall-offerti għall-istazzjon il-ġdid u għax-xiri tal-makkinarju meħtieġ. | Saret applikazzjoni lill-Awtorità tal-Artijiet dwar l-użu tal-art indikata. Ġiet ippubblikata u evalwata sejħa għall-offerti biex isir it-tisħiħ tal-istruttura fejn ġej l-istazzjon, u ntgħażel il-kuntrattur u nbeda x-xogħol. Ġiet ippubblikata wkoll sejħa għall-offerti għax-xiri tal-makkinarju għall-istazzjon. | Inkisbet l-approvazzjoni mill-Awtorità tal-Artijiet dwar l-użu tal-art indikata. Tkompla x-xogħol fuq l-istruttura tal-istazzjon, filwaqt li mis-sejħa għall-offerti konċernata ntgħażel il-kuntrattur sabiex jipprovdi l-makkinarju għall-istazzjon u saret l-ordni tal-makkinarju. | Mistenni li jitlesta x-xogħol tal-istruttura tal-istazzjon u tkompli l-ħidma fuq l-installar tal-makkinarju meħtieġ. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 62 | Matul is-sena d-dieħla, ser inkomplu bil-miżura li daħħalna din is-sena, fejn qegħdin inħawlu siġra ġdida għal kull tifel u tifla li titwieled. Sejrin ukoll nibdew niżirgħu siġra għal kull vettura ġdida li tiġi importata f'dawn il-gżejjer Maltin. | Ambjent Malta | Saru arranġamenti ma' Identity Malta u ma' Transport Malta rispettivament sabiex tinkiseb informazzjoni dwar twelid ta' trabi u dwar kemm jiġu importati karozzi ġodda f'Malta. Sar eżerċizzju sabiex jiġu identifikati l-bdiewa li huma interessati li jipparteċipaw f'din l-iskema, sabiex jitqassmulhom siġar li jkunu lesti għat-taħwil f'Ottubru (iż-żmien ideali minħabba t-temp) u sabiex jitkabbru wkoll l-ispeċi ta' siġar addizzjonali (skont ix-xewqa espressa mill-bdiewa). | Saru sejħiet għall-offerti għax-xiri ta' siġar u arbuxxelli, kif ukoll għall-materjal tal-irrigazzjoni, intgħażlu l-vendituri u ġew iffirmati l-kuntratti rispettivi magħhom. Bdew jinxtraw ukoll is-siġar indiġeni tal-frott. Ġew identifikati l-artijiet għat-taħwil. | Inġiebu s-siġar u l-arbuxxelli, kif ukoll il-materjal tal-irrigazzjoni. Tlestiet l-art u beda t-taħwil fiha. Sadattant tqassmu siġar oħra lil bdiewa privati li wrew interess li jħawlu fir-raba tagħhom. | Mistenni jkompli t-taħwil ta' siġar u l-arbuxxelli minn Ambjent Malta, filwaqt li jsir it-taħwil ta' aktar siġar minn bdiewa privati. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 63 | Se jkompli wkoll l-investiment f'parks nazzjonali oħra, fosthom dawk tal-Majjistral u l-Inwadar, kif ukoll se tkompli l-ħidma biex nistabbilixxu l-ewwel Geopark f'pajjiżna. | Ambjent Malta | Ġew identifikati siti fil-Park tal-Majjistral fejn jista' jsir taħwil ta' siġar u arbuxxelli. Saret sejħa għall-offerti għal studji għal proġett ta' afforestazzjoni fil-Park tal-Inwadar. Bdew preparazzjonijiet sabiex issir applikazzjoni lill-UNESCO biex din tagħti l-għarfien tagħha għall-ewwel Geopark f'pajjiżna. | Inkiseb il-permess meħtieġ mill-ERA sabiex isir it-taħwil fis-siti magħżula għall-afforestazzjoni fil-Park tal-Majjistral u tfasslet sejħa għall-offerti għax-xiri ta' materjal tal-irrigazzjoni. Intbagħtet applikazzjoni lill-ERA għall-proġett ta' afforestazzjoni fil-Park tal-Inwadar. Ġew magħżula esperti f'diversi oqsma inklużi tal-ġeoloġija, xjenza ambjentali u bijoloġija, biex jikkontribwixxu għat-tfassil tal-applikazzjoni mal-UNESCO u beda l-proċess biex ikun stabbilit is-sit u l-kobor tal-Geopark u jiġu elenkati l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu. | Inxtara l-materjal tal-irrigazzjoni għall-Parks tal-Majjistral u tal-Inwadar u saru l-preparamenti għat-taħwil tas-siġar fis-siti rispettivi. Ġie identifikat sit fejn hu possibbli li jsir Geopark/ Geosite f'pajjiżna u beda t-tfassil t' applikazzjoni mal-UNESCO mill-esperti ingaġġati sabiex dan is-sit ikun rikonoxxut uffiċjalment u internazzjonalment bħala tali. | Mistenni li jiġu nstallati s-sistemi tal-irrigazzjoni rispettivament fil-Parks tal-Majjistral u tal-Inwadar, u jsir it-taħwil tas-siġar fiż-żewġ siti. Mistenni wkoll li jitkompla t-tfassil t'applikazzjoni mal-UNESCO sabiex sit f'pajjiżna jkun rikonoxxut bħala Geopark/ Geosite.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 64 | Sejrin ukoll nibdew ninvestu fi proġetti ta' tisbiħ ambjentali fl-ibliet u l-irħula. | Ambjent Malta | Sar ftehim sabiex jitwettqu interventi ta' tisbiħ ambjentali ma' Malta Industrial Parks rigward il-Mosta Technopark, u ma' Infrastructure Malta rigward parti mill-Bypass ta' Santa Venera. | Sar ftehim sabiex jitwettqu aktar interventi ta' tisbiħ ambjentali matul is-sena, mal-Kunsilli Lokali rispettivi tax-Xgħajra, il-Kalkara, iż-Żejtun, Raħal Ġdid, Marsaskala, in-Nadur, l-Imtarfa, il-Furjana u l-Marsa. | Bdew ix-xogħlijiet ta' tisbiħ ambjentali fil-lokalitajiet imsemmija. | Mistennija jkomplu x-xogħlijiet ta' tisbiħ ambjentali fil-lokalitajiet imsemmija. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa |
| 66 | Wara t-tfassil tal-politika agrikola, issa se tibda l-implimentazzjoni ta' numru ta' miżuri. Fosthom irridu nkomplu nippromovu l-prodott Malti bħala wieħed ta' kwalità. | Dipartiment għall-Iżvilupp Rurali | Saret fiera li fiha ġew esposti nbejjed Maltin li jilħqu l-kwalità ta' DOK (Denominazzjoni ta' Oriġini Kontrollata) u IĠT (Indikazzjoni Ġeografika Tipika). Saru preparazzjonijiet biex tinħareġ sejħa għall-offerti għall-promozzjoni ġenerika ta' skemi ta' ċertifikazzjoni li jassiguraw il-kwalità fil-prodotti agrikoli f'Malta. | Tkompliet il-kampanja pubbliċitarja sabiex tippromovi l-inbejjed ta' kwalità Maltin. Ġiet ippubblikata u evalwata s-sejħa għall-offerti għall-promozzjoni ġenerika ta' skemi ta' ċertifikazzjoni li jassiguraw il-kwalità fil-prodotti agrikoli f'Malta. | Saret ċerimonja tal-ftuħ tal-istaġun tal-għeneb u saru preparamenti sabiex titnieda Wine Trail. Rigward l-Iskemi ta' Kwalità, intgħażel il-kuntrattur u nbdiet il-kampanja ta' promozzjoni ġenerika ta' skemi ta' ċertifikazzjoni li jassiguraw il-kwalità fil-prodotti agrikoli f'Malta. | Mistennija titnieda l-Wine Trail u tingħalaq il-Kampanja Wines of Distinction filwaqt li tkompli l-kampanja ta' promozzjoni ġenerika ta' skemi ta' ċertifikazzjoni li jassiguraw il-kwalità fil-prodotti agrikoli f'Malta. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 67 | Wara t-tfassil tal-politika agrikola, issa se tibda l-implimentazzjoni ta' numru ta' miżuri. Fosthom ninvestu aktar fiċ-ċentru għar-riċerka dwar il-vitikultura li għandna fil-Buskett. | Dipartiment għall-Iżvilupp Rurali | Saru diskussjonijiet mal-Università ta' Malta dwar it-tisħiħ tal-għarfien u r-riċerka fis-settur tal-vitikultura. Bdiet tinħadem l-għamara għal-laboratorji tal-enoloġija u l-mikrobijoloġija minn ħaddiema fi ħdan id-Dipartiment għall-Manifattura u Servizzi. Sar it-tilqim ta' dwieli ta' varjetajiet Maltin. | Tlestiet l-għamara tal-laboratorju tal-enoloġija u beda jiġi installat, issettjat u ġie kkalibrat l-apparat għal dan il-laboratorju. | Ġie ffirmat MOU mal-Università ta' Malta dwar it-tisħiħ tal-għarfien u r-riċerka fl-agrikultura, inkluż fis-settur tal-vitikultura. Inġiebet u tqiegħdet l-għamara, kif ukoll ġie ssettjat l-apparat fil-laboratorji rispettivi tal-enoloġija u tal-mikrobijoloġija. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 68 | Minkejja li l-biedja ma tikkontribwixxix ħafna għat-tkabbir ekonomiku kif ukoll għall-impjiegi, irridu nirristrutturaw dan is-settur biex ikun aktar profittabbli u allura jattira bdiewa żgħażagħ li jistgħu jibdew iħarsu lejn kunċetti ta' agribusiness u mhux biss biedja bil-mod tradizzjonali. | Dipartiment għall-Iżvilupp Rurali | Saru arranġamenti mal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol dwar il-faċilitajiet li hemm fil-qasam esperimentali tal-Għammieri, sabiex tiżdied id-disponibilità tagħhom għall-istudenti tas-sekondarja li jagħżlu s-suġġett tal-agribusiness bħala suġġett vokazzjonali. Sar qbil sabiex id-Dipartiment jiġi avżat meta jkunu ser jittellgħu esibizzjonijiet għall-għażla tas-suġġetti mill-istudenti tal-iskejjel sekondarji, biex uffiċjali tekniċi mħarrġa fil-biedja jattendu u jaqsmu esperjenzi f'dan is-settur bl-għan li jkunu attirati aktar żgħażagħ li jagħżlu s-suġġett tal-agribusiness. | Saru żjarat fl-iskejjel minn uffiċjali tad-Dipartiment fejn wettqu promozzjoni dwar l-agrikultura lill-istudenti tal-Year 8 waqt l-għażla tas-suġġetti tagħhom. Saru laqgħat għal bdiewa żgħażagħ, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, fejn ġew infurmati dwar innovazzjonijiet fl-agrikultura. Waqt dawn il-laqgħat, ġiet diskussa wkoll l-idea li bdiewa żgħażagħ jiġu involuti f'diversi provi ta' taħwil ta' xtieli ġodda għall-gżejjer Maltin. | Ġiet maqbula mal-MCAST l-idea li bdiewa żgħażagħ jiġu esposti għal kunċetti t'agribusiness. Għaldaqstant sar ftehim mal-MCAST sabiex jiġu identifikati credits mill-korsijiet li ser jiftħu fis-sena akkademika li ġejja sabiex dawn ikunu aċċessibbli għall-bdiewa. Il-ftehim ikopri wkoll il-proċedura li ser tiġi adottata biex il-bdiewa jkunu jistgħu japplikaw għal dan it-taħriġ. | Huwa mistenni li l-opportunitajiet ta' taħriġ f'kunċetti t'agribusiness għal bdiewa żgħażagħ isiru disponibbli għalihom. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 69 | Fis-settur tas-sajd: inkomplu nnaqqsu l-piżijiet amministrattivi għas-sajjieda. | Dipartiment għas-Sajd u l-Akkwakultura | Saret analiżi tal-emendi meħtieġa fil-liġi kurrenti, flimkien ma' impact assessment. Saret ukoll riċerka dwar l-obbligi internazzjonali li jridu jibqgħu jiġu esegwiti minn Malta f'dan il-qasam. | Ġie mħejji abbozz għal avviż legali li jemenda l-liġi preżenti, b'mezzi ġodda li jnaqqsu piżijiet amministrattivi għas-sajjieda. | Saret konsultazzjoni pubblika dwar avviż legali li jippreżenta mezzi ġodda li jnaqqsu piżijiet amministrattivi għas-sajjieda. | Mistenni li tittieħed kunsiderazzjoni tal-feedback li jinkiseb u tintalab l-approvazzjoni meħtieġa u dan l-avviż legali jidħol fis-seħħ. | Implimentata |
| 70 | Fis-settur tas-sajd: se ninvestu fit-titjib taċ-Ċentru tal-Akkwakultura f'San Luċjan. | Dipartiment għas-Sajd u l-Akkwakultura | Beda l-proċess għall-applikazzjoni għall-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar xogħlijiet ta' titjib infrastrutturali fit-Torri ta' San Luċjan fejn hemm iċ-Ċentru tal-Akkwakultura, u sadattant sar xogħol ta' tneħħija ta' ħaxix minn mal-ħajt tat-torri. | Saru l-preparamenti sabiex jinħarġu sejħiet għall-offerti għal xogħlijiet ta' titjib infrastrutturali u xiri ta' tagħmir u apparat. | Wara l-pubblikazzjoni tas-sejħiet għall-offerti għal xogħlijiet ta' titjib infrastrutturali u għal xiri ta' tagħmir u apparat, saret l-evalwazzjoni tal-offerti miksuba. | Huwa mistenni li jinġieb u jiġi installat u kkummissjonat it-tagħmir u l-apparat għaċ-Ċentru tal-Akkwakultura f'San Luċjan. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 71 | Fis-settur tas-sajd: se jiġi żviluppat control hub ġdid fil-Marsa. Grazzi għal dan il-control hub, is-servizzi offruti lis-sajjieda se jkunu ċentralizzati sewwasew biswit il-Pixkerija. | Dipartiment għas-Sajd u l-Akkwakultura | Tħejjew il-pjanti għall-binja ta' control hub tas-sajd ġdid fil-Marsa u ġew sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar. Inħarġu żewġ sejħiet għall-offerti sabiex tiġi studjata l-kompożizzjoni tal-art u l-parametri kimiċi tal-ilma tal-baħar fis-sit. | Beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għat-twaqqigħ tal-binja eżistenti, kif ukoll oħrajn relatati mal-binja l-ġdida. Kompla l-proċess marbut mal-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-izvilupp propost. Saru t-testijiet tal-ilma tal-baħar sabiex jiġu ddeterminati l-parametri kimiċi u r-riżultati ntbagħtu lill-Awtorità għar-Riżorsi u l-Ambjent. | Inkiseb il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għat-twaqqigħ tal-binja eżistenti u sar ix-xogħol preparatorju relatat mas-sejħa għall-offerti għall-bini tal-binja l-ġdida. | Mistennija titlesta l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti għat-twaqqigħ tal-binja eżistenti, jintgħażlu l-kuntratturi rispettivi u jinbeda x-xogħol preparatorju għat-twaqqigħ tal-binja eżistenti fejn se jsir il-control hub ġdid tas-sajd fil-Marsa. Sadattant jiġi kkonfermat l-abbozz tas-sejħa għall-offerti tal-binja l-ġdida li tinħareġ meta jkun hemm progress fix-xogħol tat-twaqqigħ. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 72 | Titnieda skema sabiex jiġu restawrati dgħajjes tas-sajd tal-injam li għandhom iktar minn għoxrin sena. B'din l-inizjattiva se nkunu qed ngħinu lis-sajjied filwaqt li nippriservaw dgħajjes tradizzjonali Maltin u s-snajja' marbuta magħhom. | Dipartiment għas-Sajd u l-Akkwakultura | Għalqu l-applikazzjonijiet, li kienu ħarġu s-sena li għaddiet, biex sajjieda jingħataw fondi permezz ta' skema biex jiġu restawrati dgħajjes tas-sajd tradizzjonali Maltin. Ġew evalwati l-applikazzjonijiet riċevuti, ikkonfermati dawk l-applikanti li huma eliġibbli u notifikati b'ittra formali li ser jibda l-proċess ta' ġbir ta' rċevuti fiskali tax-xogħlijiet tar-restawr tad-dgħajjes tagħhom. | L-irċevuti fiskali li jkopru spejjeż eliġibbli taħt din l-iskema ġew sottomessi mis-sajjieda konċernati. Dawn ġew verifikati mid-Dipartiment, l-ispejjeż eliġibbli ġew identifikati, u bdew isiru l-preparamenti sabiex jinħarġu l-pagamenti lis-sajjieda konċernati. | Inħarġu l-pagamenti lis-sajjieda konċernati. | | Implimentata |
| 224 | Se jibda x-xogħol fuq it-tfassil ta' strateġija għall-immaniġġjar ta' speċi aljeni. | Awtorità għar-Riżorsi u l-Ambjent (ERA) | Saru konsultazzjoni pubblika u żewġ workshops dwar proposti ta' strateġija għall-immaniġġjar ta' speċi aljeni u kodiċi nazzjonali ta' prattika tajba li jakkumpanjawha. | Abbażi tal-konsultazzjoni pubblika u l-workshops li saru għall-partijiet interessati, bdiet ir-reviżjoni tal-istrateġija għall-immaniġġjar ta' speċi aljeni skont ir-rispons u l-kummenti miksuba. | Tlestiet, ġiet approvata u adottata r-reviżjoni tal-istrateġija għall-immaniġġjar ta' speċi aljeni. | | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET
BARRANIN U PROMOZZJONI TAL-KUMMERĊ

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 147 | Wara li ħabbarna d-deċiżjoni li niftħu l-ewwel missjoni diplomatika Maltija fil-Ghana, għaddejja l-ħidma biex dan ikun jista' jseħħ fl-iqsar żmien possibbli. | Direttorat għas-Servizzi Korporattivi (DCS) | Ġie identifikat il-post minn fejn ser topera l-Kummissjoni Għolja ta' Malta f'Akkra. Tħejja t-tagħmir meħtieġ, intbagħat uffiċjal diplomatiku u bdiet topera l-missjoni fil-Ghana. Il-Kummissarju Għoli ta' Malta għall-Ghana ppreżenta l-kredenzjali lill-President tal-Ghana. | | | | Implimentata |

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, INFRASTRUTTURA
U PROĠETTI KAPITALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 30 | Se jkun qed jingħata l-aħħar pagament ex-gratia għal min kien irreġistra l-vettura ġdida tiegħu fl-2008, liema miżura tiswa €4.9 miljun. Dan ifisser li l-wegħda li konna għamilna ħames snin ilu issa twettqet kollha. | Transport Malta (TM) | Sar l-abbozzar tal-iskema u ġie ppubblikat l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern f'Marzu 2019. | Intbagħtu l-applikazzjonijiet għar-rifużjoni lill-klijenti u l-Awtorità bdiet tirċievi lura dawn l-applikazzjonijiet. Sar l-ipproċessar tagħhom u l-ħlasijiet dovuti lill-applikanti kollha. | | | Implimentata |
| 40 | Il-pjan ta' €700 miljun biex isiru t-toroq kollha tal-pajjiż, inkluż Għawdex, fuq seba' snin, beda jitwettaq. Fis-sena li ġejja, qed nippjanaw li jsir xogħol fuq toroq b'investiment ta' mitt miljun ewro. | Infrastructure Malta | Wara li fl-2018 ħarġu numru ta' sejħiet għall-offerti, ingħataw il-kuntratti għax-xogħlijiet fuq 120 triq residenzjali u beda x-xogħol fuqhom.<br><br>Tlesta x-xogħol fuq l-ewwel 23 triq residenzjali kif ukoll fuq 13-il triq rurali oħra. | Sar l-abbozzar ta' aktar sejħiet għall-offerti għal xogħlijiet fuq 170 triq residenzjali u ġew ippubblikati.<br><br>Tlestew 20 triq residenzjali u 22 triq rurali oħra. | Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħiet għall-offerti għal xogħlijiet fuq 170 triq residenzjali.<br><br>Tlestew 30 triq residenzjali oħra u 34 triq rurali oħra. | Mistenni jibda x-xogħol fuq 170 triq ġdida u jitlesta x-xogħol fuq aktar minn 142 triq residenzjali.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. | L-implimentaz-zjoni ta' din il-miżura hija kontinwa |
| 41 | Infrastructure Malta se tibda proġett dwar ġonna urbani, fejn bi sħubijiet strateġiċi jkunu jistgħu jinħolqu u jinżammu żoni ħodor li jsebbħu u jkunu post ta' rikreazzjoni, bħala parti mill-proġetti li jsiru. | Infrastructure Malta | Beda l-proċess sabiex jiġu identifikati s-siti fejn jistgħu jsiru ġonna urbani. | Ġew identifikati numru ta' siti li jistgħu potenzjalment jintużaw. Bdew diskussjonijiet bejn Infrastructure Malta u NGOs sabiex tiġi determinata l-lista finali. | Komplew id-diskussjonijiet sabiex jiġu identifikati siti fejn jistgħu jsiru ġonna urbani. | Mistenni li jkompli l-ippjanar għall-ġonna urbani. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 42 | Wara d-diversi studji tekniċi li saru dwar it-titjib meħtieġ fit-tliet landing ferry places, is-sena d-dieħla mistenni li jinbeda x-xogħol fuq il-mollijiet ta':<br>(a) Bormla,<br>(b) Marsamxett, u<br>(ċ) ix-Xatt ta' Tas-Sliema. | Infrastructure Malta | Tkompla l-proċess tal-istudju ambjentali tas-siti identifikati.<br><br>Bdiet ħidma fuq id-disinn arkitettoniku tas-superstructure għall-mollijiet ta' Bormla u Marsamxett.<br><br>Tkompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni tal-permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar għall-iżvilupp f'Bormla u Tas-Sliema. | Tlestew u ġew approvati t-Traffic Management Plans għas-siti ta' Bormla u Tas-Sliema. Ġew approvati l-istudji ambjentali mill-ERA għal dawn is-siti kif ukoll inħarġu l-permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Bdiet il-kostruzzjoni tal-istruttura ta' taħt il-baħar (substructure).<br><br>Għal Marsamxett tlesta d-disinn preliminari tas-superstructure. L-istudji ambjentali ġew approvati mill-Awtorità tal-Ambjent u Riżorsi kif ukoll inħarġu l-permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Tkompliet il-kostruzzjoni tal-istruttura ta' taħt il-baħar (substructure) u beda l-abbozzar tas-sejħiet għall-offerti għall-istruttura ta' fuq wiċċ il-baħar fis-siti ta' Bormla u Tas-Sliema.<br><br>Ġiet sottomessa l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-istruttura ta' fuq il-baħar għas-sit ta' Marsamxett. | F'Bormla u Tas-Sliema mistenni li tkompli l-kostruzzjoni tal-istruttura ta' taħt il-baħar u jiġu ppubblikati sejħiet għall-offerti għall-istruttura ta' fuq wiċċ il-baħar. Għas-sit ta' Marsamxett mistenni li jitlesta studju tal-mewġ u kurrenti fil-port u, skont l-eżitu ta' dan l-istudju, jiġu riveduti l-pjanti u l-istimi tal-proġett. Huwa mistenni wkoll li jitkompla l-ipproċessar mill-Awtorità tal-Ippjanar għas-sit ta' Marsamxett. B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena se tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimenatata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 43 | Eventwalment isiru landing places ġewwa San Pawl il-Baħar, San Ġiljan u Ta' Xbiex. | Infrastructure Malta | Saru studji tekniċi tas-siti marbuta mat-twettiq ta' din il-miżura. | Saru proposti ta' infrastruttura marittima addizzjonali biex dawn il-landing places ikunu jistgħu joperaw b'mod sigur.<br><br>Bdew jiġu ppreparati d-disinji preliminari sabiex tiġi evalwata l-fattibilità ta' kull proposta. | Tħejjew id-disinji kunċettwali għal landing places u titjib fis-sea defences fiż-żoni ta' San Pawl il-Baħar u San Ġiljan. | Għas-siti ta' San Pawl il-Baħar u San Ġiljan mistenni li jiġu identifikati l-aħjar disinji u jsiru pjanti u stimi preliminarji.<br><br>Se jibdew ukoll il-konsultazzjonijiet mal-istakeholders u jiġu ppreparati d-dokumenti neċessarji għall-istudju ta' dawn il-portijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 44 | Il-Gvern qed jaħdem biex jintroduċi skemi ġodda li permezz tagħhom iħajjar żviluppaturi biex joħolqu parkeġġi ġodda, speċjalment f'żoni urbani, fejn jintużaw ukoll teknoloġija. | Infrastructure Malta | Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għall-ħolqien ta' parkeġġi ġodda. | Tkompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-ħolqien ta' parkeġġi ġodda. | Tkompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-ħolqien ta' parkeġġi ġodda. L-abbozz tressaq għall-approvazzjoni interna. | Mistenni li tinħareġ is-sejħa u jibdew jintlaqgħu l-offerti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 45 | Tal-Linja Card b'xejn: din l-iskema mhux talli se tibqa' fis-seħħ, iżda saħansitra għas-sena d-dieħla sejrin nestenduha biex dawk li jkunu għalqu l-għoxrin sena iżda jkunu għadhom studenti full-time jibqgħu eliġibbli għat-trasport b'xejn. L-istess se jsir għal dawk li għandhom erbatax-il sena u 'l fuq. | Transport Malta (TM) | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2019. B'hekk iż-żgħażagħ kollha li għandhom l-età ta' bejn erbatax u għoxrin sena, kif ukoll studenti ta' 'l fuq minn 20 sena, bdew jibbenefikaw minn trasport pubbliku bi skeda b`xejn. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 46 | Se jkun hemm diskussjonijiet mas-CRPD u l-Aġenzija Sapport biex naraw ukoll li jiġu inklużi kategoriji ta' persuni b'diżabilità biex tingħatalhom Tal-Linja Card b'xejn. | Transport Malta (TM) | Bdew id-diskussjonijiet bejn Transport Malta, is-CRPD kif ukoll l-Aġenzija Sapport sabiex jiġi stabbilit min se jkun jikkwalifika għal din il-miżura. | Ġew konklużi d-diskussjonijiet u bdew il-preparamenti għat-tħaddim ta' din il-miżura (inkluż il-projections finanzjarji). | Saru diskussjonijiet mal-Uffiċċju tal-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data sabiex permezz ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-operatur tat-Trasport Pubbliku u s-CRPD jitneħħa l-bżonn li wieħed ikollu japplika sabiex jibbenifika minn din il-miżura u għaldaqstant jitneħħa l-inkonvenjent lill-pubbliku. | Huwa mistenni li din il-miżura tidħol fis-seħħ sal-aħħar tas-sena. | Implimentata |
| 48 | L-iskema introdotta fil-Baġit għall-2018, dik li tinċentiva wkoll ix-xiri ta' muturi, scooters u roti assistiti b'mutur tal-elettriku għal massimu ta' €400, se tiġi estiża għas-sena 2019. | Transport Malta (TM) | L-iskema ġiet estiża u ppubblikata fit-28 ta' Jannar. Ħarġu l-applikazzjonijiet neċessarji u bdew jinħarġu l-grants. | | | | Implimentata |
| 51 | Se jiġu estiżi l-iskemi ta' skrappjar ta' vetturi u l-għoti ta' grant għal min jaqleb il-vettura tiegħu biex taħdem bil-gass minflok bil-petrol. | Transport Malta (TM) | Sar l-abbozzar tal-iskema u f'Jannar ġie ppubblikat l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Ħarġu l-applikazzjonijiet u bdew jingħataw il-grants. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 226 | L-iskemi eżistenti li daħħalna tul dawn l-aħħar snin se jerġgħu jiġu estiżi għal sena oħra. Dawn huma l-proprjetà vakanti fl-Urban Conservation Areas u l-iskemi ta' rifużjoni ta' spejjeż fuq xogħol ta' restawr. | L-Awtorità tal-Ippjanar (PA) | Ġew preparati d-dokumenti meħtieġa sabiex jinħarġu l-iskemi dwar Proprjetà Vakanti f'Żoni ta' Konservazzjoni Urbana (UCA) u dwar Rifużjoni tal-iSpejjeż fuq Xogħol ta' Restawr. | Ġew varati ż-żewġ skemi u bdew jintlaqgħu u jiġu proċessati l-applikazzjonijiet. Bdew isiru l-ħlasijiet dovuti. | | | Implimentata |

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 148 | L-għajnuna li tingħata taħt l-iskema Travel Reimbursement for Patients Undergoing Cancer Treatment at Mater Dei se tiġi riveduta billi tingħata wkoll lill-adult li jkun qed jakkumpanja lill-pazjent. Din se tingħata wkoll lill-pazjenti Maltin li jmorru għal trattamenti ġewwa Għawdex. | Direttorat tas-Servizzi Għawdex | Saret ħidma biex tittejjeb l-iskema Travel Reimbursement for Patients Undergoing Cancer Treatment at Mater Dei sabiex tingħata għajnuna finanzjarja lir-residenti Għawdxin li jakkumpanjaw pazjenti Għawdxin li jkunu rikoverati f'faċilità medika pubblika f'Malta kif ukoll għal Maltin li jakkumpanjaw residenti Maltin li jkunu rikoverati fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.<br><br>L-iskema ġiet imnedija f'Jannar. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 149 | Se tingħata wkoll allowance addizzjonali biex ittaffi l-piż tal-akkomodazzjoni f'Malta jew f'Għawdex skont il-każ. | Direttorat tas-Servizzi Għawdex | Saret ħidma fuq l-iskema Travel Reimbursement for Patients Undergoing Cancer Treatment at Mater Dei, biex il-pazjent kif ukoll il-persuna li tkun qiegħda takkumpanjah jingħataw għajnuna finanzjarja biex jittaffa l-piż tal-akkomodazzjoni. Din l-għajnuna hija disponibbli kemm għar-residenti Għawdxin rikoverati fi sptar pubbliku f'Malta kif ukoll għar-residenti Maltin li jkunu rikoverati fl-isptar Ġenerali ta' Għawdex.<br><br>L-iskema ġiet imnedija f'Jannar. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 150 | Mis-sena d-dieħla, biex ikompli jinkoraġġixxi t-trasport kollettiv, barra li se jibqa' jagħti t-tax credit lill-kumpaniji privati biex jorganizzaw trasport kollettiv għall-ħaddiema fis-settur privat, il-Gvern sejjer jagħti kumpens parzjali ta' €1.50 kuljum lill-ħaddiema tal-Gvern Għawdxin li jorganizzaw trasport kollettiv. | Direttorat tas-Servizzi Għawdex | Ġiet riveduta l-iskema Gozitan Workers Subsidy sabiex jingħata kumpens finanzjarju lill-ħaddiema Għawdxin li jaħdmu fis-settur pubbliku f'Malta u jiġi inkoraġġut aktar trasport kollettiv.<br><br>L-iskema ġiet imnedija f'Jannar. | | | | Implimentata |
| 151 | Il-ħaddiema kollha Għawdxin li jaħdmu Malta se jibdew ikunu intitolati għall-Gozitan Workers Subsidy. Dan ifisser li għall-ewwel darba, qed titneħħa d-distinzjoni u anomalija li eżistiet sa issa, li huma biss il-ħaddiema li jaħdmu mal-Gvern li jingħataw din l-għajnuna li tikkonsisti fir-rifużjoni tal-biljett tal-vapur. | Direttorat tas-Servizzi Għawdex | Saret ħidma biex il-ħaddiema kollha li huma residenti f'Għawdex u li jaħdmu f'Malta jkunu intitolati għall-għajnuna finanzjarja disponibbli fl-iskema Gozitan Workers Subsidy.<br><br>L-iskema ġiet imnedija f'Jannar. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 152 | Għalhekk se jibqgħu għaddejjin id-diskussjonijiet bejn il-Ministeru għal Għawdex u entitajiet ekkleżjastiċi biex dawn joffru numru ta' postijiet ta' alloġġi għal studenti Għawdxin f'Malta b'kirjiet raġonevoli. | Direttorat Ġenerali (Operat) | Ġie konkluż ftehim bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-Provinċja Franġiskana (Malta) biex Villa Lauri f'Birkirkara tkun restawrata u konvertita f'hostel mill-Ministeru għal Għawdex.<br><br>Saret applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar biex is-sit jinbidel f'abitazzjoni moderna ta' akkomodazzjoni għall-istudenti Għawdxin kif ukoll għall-qraba ta' pazjenti Għawdxin rikoverati fl-isptarijiet f'Malta.<br><br>Beda l-abbozzar ta' sejħiet għall-offerti għall-kostruzzjoni u restawr, xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi, finishes u għamara. | Tkompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Ġiet pubblikata sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Tkompla l-abbozzar ta' sejħiet għall-offerti biex isiru x-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi kif ukoll ta' finishes, aperturi, bibien u għamara. | Ġie approvat il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar biex isiru x-xogħlijiet meħtieġa ta' restawr f'Villa Lauri f'Birkirkara u tkun konvertita f'hostel għall-istudenti Għawdxin.<br><br>Saret il-kanċellazzjoni tal-proċess ta' proċedura miftuħa ta' xiri pubbliku u tnieda proċess ta' negozjar biex isiru x-xogħlijiet ta' restawr u kostruzzjoni.<br><br>Kompla l-proċess tal-abbozzar ta' sejħiet għall-offerti biex isiru x-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi kif ukoll ta' finishes, aperturi, bibien u għamara. | Huwa mistenni li jitlesta l-proċess ta' proċedura negozjata ta' xiri pubbliku, jintgħażel l-offerent preferut u jinbeda x-xogħol ta' kostruzzjoni f'Villa Lauri.<br><br>Mistenni li jkunu ppubblikati s-sejħiet għall-offerti biex isiru x-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi kif ukoll ta' finishes, aperturi u bibien, u jitlesta l-proċess tal-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' furnishings u xiri tal-għamara u l-appliances. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 154 | Il-miżura li introduċejna din is-sena, fejn qed jingħata inċentiv finanzjarju meta jiġi maħluq impjieg ġdid mas-settur privat f'Għawdex, billi għal kull impjegat li jiġi offrut kuntratt ta' tliet snin jew iżjed, tingħata rifużjoni ta' 30 fil-mija tal-paga medja ta' impjegat sa massimu ta' €6,000, se tkun estiża għas-sena d-dieħla wkoll. | Direttorat Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku | Tħejjew il-preparamenti meħtieġa u l-iskema Gozo Employment Refund Scheme ġiet estiża kif propost.<br><br>L-iskema ġiet imnedija f'Jannar. | | | | Implimentata |
| 155 | Konxji mir-realtajiet soċjali kif ukoll l-impenn tal-Gvern b'risq l-akkomodazzjoni soċjali, il-ħidma wkoll se testendi għall-gżira Għawdxija permezz ta' blokka ta' appartamenti ġodda u moderni li tissodisfa l-istandards ta' aċċessibilità u bini eco-friendly fil-housing estate Taċ-Ċawla fir-Rabat, Għawdex. | Direttorat Proġetti u Żvilupp | L-Awtorità tal-Ippjanar approvat il-permessi biex tinbena blokka ta' appartamenti f'Taċ-Ċawla Housing Estate fir-Rabat, Għawdex.<br><br>Sar it-tfassil ta' sejħa għall-offerti sabiex isir l-iskavar tas-sit kif ukoll xogħol ta' kostruzzjoni fuq il-blokka ta' appartamenti b'faċilitajiet moderni. Beda wkoll l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għall-finishes u xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi. | Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti sabiex isir l-iskavar tas-sit kif ukoll il-kostruzzjoni ta' blokka ta' appartamenti.<br><br>Tkompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet elettriċi u mekkaniċi kif ukoll il-finishes. | Beda u tlesta l-proċess ta' evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti biex isir l-iskavar tas-sit kif ukoll il-kostruzzjoni ta' blokka ta' appartmenti. Ġie identifikat l-offerent preferut.<br><br>Tkompla l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti biex isiru x-xogħlijiet elettriċi u mekkaniċi u l-finishes. | Huwa mistenni li jinbeda l-iskavar tas-sit kif ukoll tiġi ppubblikata sejħa għall-offerti biex isiru x-xogħlijiet elettriċi u mekkaniċi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 156 | Se jitkomplew il-proġetti kapitali f'Għawdex; SME Village. | Direttorat Proġetti u Żvilupp | Tkompla l-proċess mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni għall-permessi meħtieġa.<br><br>Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti sabiex isiru l-istudji ġeotekniċi tas-sit fejn huwa propost li jsir SME Village.<br><br>Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għal skavar tas-sit. | Tkompla l-proċess mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni għall-permessi meħtieġa.<br><br>Tlestiet l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti biex isiru l-istudji ġeotekniċi tas-sit. Dan il-proċess ta' xiri pubbliku kien ikkanċellat minħabba li l-ebda offerta ma kienet tissodisfa r-rekwiżiti mitluba.<br><br>Tkompla l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għal skavar tas-sit. Beda wkoll l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni u finishes. | Tkompla l-proċess mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni għall-permessi meħtieġa. L-SME Village ser jinkludi numru ta' garaxxijiet/stores, hub għall-uffiċini, il-Villaġġ tal-Karnival kif ukoll ser ikun hemm spazji rikreattivi u kulturali.<br><br>Ġiet ippubblikata mill-ġdid is-sejħa għall-offerti biex isiru l-istudji ġeotekniċi tas-sit.<br><br>Tkompla l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għal skavar tas-sit kif ukoll tas-sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni u finishes. | Huwa mistenni li jitkompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-iżvilupp mill-Awtorita tal-Ippjanar.<br><br>Mistenni wkoll li jitlesta l-proċess ta' evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti biex isiru l-istudji ġeotekniċi u jiġi identifikat l-offerent preferut u jitkompla t-tfassil ta' sejħa għall-offerti għall-iskavar kif ukoll dik għall-kostruzzjoni u finishes. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 157 | Se jitkomplew il-proġetti kapitali f'Għawdex; Id-Dar tal-Anzjani. | Direttorat Proġetti u Żvilupp | Tkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni u restawr fuq il-parti l-antika tal-binja.<br><br>Tkompla x-xogħol ta' tikħil fuq l-estern tal-bini.<br><br>Ġie kkanċellat il-proċess ta' xiri pubbliku għat-twettiq tax-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi u finishes fuq ġewwa kif ukoll l-operat tad-dar. Tnieda proċess mill-ġdid. | Tkompla t-twettiq ta' xogħol ta' kostruzzjoni u restawr fuq il-parti l-antika tal-binja.<br><br>Tkompla wkoll ix-xogħol ta' tikħil fuq l-estern tal-bini.<br><br>Tlesta l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti aktar komprensiva għat-twettiq ta' xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi, finishes fuq ġewwa kif ukoll l-operat tad-dar. Dan ġie sottomess lid-Dipartiment tal-Kuntratti. | Tlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni u restawr kif ukoll it-tikħil fuq l-estern tal-bini.<br><br>Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għat-twettiq ta' xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi, finishes fuq ġewwa kif ukoll l-operat tal-faċilità. | Huwa mistenni li jitlesta l-proċess ta' evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti biex isiru x-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi, finishes fuq ġewwa kif ukoll l-operat tal-faċilità. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 158 | Se jitkomplew il-proġetti kapitali f'Għawdex; Il-proġett ta' San Franġisk. | Direttorat Proġetti u Żvilupp | Tlestiet l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet għas-sejħa għall-offerti biex isir il-pavimentar u tisbiħ ta' Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex. Intgħażel l-offerent preferut u sar l-iffirmar ta' kuntratt ta' xogħlijiet.<br><br>Beda x-xogħol ta' taħmil ta' parti minn Pjazza San Franġisk. Il-proġett inqasam f'fażijiet sabiex ikun hemm l-anqas l-impatt possibbli fuq in-nies u fuq it-traffiku. Dan ix-xogħol sar b'kordinament mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali wara li nstabu xi fdalijiet. | Tkompla l-andament tax-xogħlijiet. Ġew installati s-servizzi u tqiegħdet il-bażi tal-pedamenti fuq parti mill-pjazza. | Tkompla l-andament tax-xogħlijiet. Ġew installati servizzi ġodda u tqiegħdet il-bażi tal-pedamenti fuq parti sostanzjali tal-pjazza. | Huwa mistenni li x-xogħlijiet ikunu fi stadju avvanzat. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 159 | Se jitkomplew il-proġetti kapitali f'Għawdex; Il-farm sperimentali tax-Xewkija. | Direttorat Rurali Għawdex | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders kif ukoll il-preparamenti sabiex jitħejjew l-applikazzjonijiet għall-permessi biex jiġu sottomessi għand l-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għal xogħol ta' skavar, kostruzzjoni u finishes bħala parti mill-proġetti tal-Petting Farm, id-Depot għall-Kaxxi tal-Frott u l-Ħxejjex u l-Klinika għall-Annimali. | Ġiet sottomessa applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar biex fis-sit tal-farm sperimentali fix-Xewkija jinħoloq depot fejn il-bdiewa Għawdxin ikollhom fejn jaħżnu l-kaxxi tal-frott u l-ħxejjex.<br><br>Komplew il-preparamenti tal-applikazzjonijiet għall-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar għall-iżvilupp ta' Petting Farm, Butterfly Enclosure, u Klinika għall-Annimali fl-istess sit.<br><br>Tkompla l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għal xogħol ta' skavar, kostruzzjoni u finishes bħala parti mill-proġetti tal-Petting Farm, id-Depot għall-Kaxxi tal-Frott u l-Ħxejjex u l-Klinika għall-Annimali. | Kompliet il-ħidma mal-Awtorità tal-Ippjanar biex fis-sit tal-farm sperimentali jinħoloq depot tal-kaxxi tal-frott u ħxejjex għall-bdiewa Għawdxin.<br><br>Ġiet sottomessa applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar biex fis-sit tal-farm sperimentali jsir il-Petting Farm u l-Butterfly Enclosure.<br><br>Tkompla l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għal xogħol ta' skavar, kostruzzjoni u finishes bħala parti mill-proġetti tal-Petting Farm, id-Depot għall-Kaxxi tal-Frott u l-Ħxejjex u l-Klinika għall-Annimali. | Huwa mistenni li jitkomplew il-proċessi tal-applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar u jitfassal abbozz ta' sejħa għall-offerti biex isir il-Petting Farm u l-Butterfly Enclosure kif ukoll jibdew ix-xogħlijiet relatati mal-Park għall-Klieb. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 160 | Se jitkomplew il-proġetti kapitali f'Għawdex; Il-Qorti. | Direttorat Proġetti u Żvilupp | Ġiet sottomessa applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-iżvilupp meħtieġ. Ġew imħejjija u sottomessi numru ta' rapporti.<br><br>Ġiet pubblikata sejħa għall-offerti sabiex isir geotechnical survey tas-sit u nbdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. | Tkompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti sabiex isir geotechnical survey tas-sit. Minħabba li ma kien hemm l-ebda offerta konformi din is-sejħa ġiet ikkanċellata. | Filwaqt li tkompliet il-ħidma fuq il-proġett, il-Ministeru għal Għawdex qed jesplora soluzzjonijiet u siti oħra. | Mistenni li titkompla l-ħidma biex jinstabu soluzzjonijiet u siti oħra sabiex b'hekk jitwettaq dan il-proġett b'mod li ssir bidla ħolistika mhux biss għall-professjoni legali f'Għawdex iżda wkoll għaċ-ċittadini kollha skont direttivi Ewropej u standards applikabbli għal binjiet simili b'faċilitajiet moderni u aċċessibbli għal kulħadd. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 161 | Qed isir xogħol biex jinbdew proġetti oħra f'Għawdex. Ix-xogħol tal-proġett tal-park and ride hu maħsub mhux biss biex jindirizza l-problema ta' parkeġġ fil-port tal-Imġarr, iżda wkoll f'kuntest usa' ta' proġett u strateġija biex innaqqsu l-emissjonijiet f'Għawdex u għalhekk investiment fil-kwalità tal-arja. | Direttorat Eko Għawdex | Dan il-proġett jinkludi l-iżvilupp ta' Park & Ride fiż-żona magħrufa bħala Tax-Xħajma, limiti tax-Xewkija, Għawdex, u Xiri u Ġestjoni ta' Servizz b'Karozzi tal-Linja b'Mutur Elettriku.<br><br>Ġiet sottomessa applikazzjoni għall-iżvilupp meħtieġ mal-Awtorità tal-Ippjanar biex isir Park & Ride. Ġew imħejjija u sottomessi numru ta' rapporti mitluba mill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Intgħażel l-offerent preferut għas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet infrastrut-turali għall-proġett tal-Park & Ride. Beda ukoll l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti oħra għal xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi.<br><br>Tlesta l-proċess tal-għażla għas-sejħa għall-offerti biex jinxtraw sitt karozzi li jaħdmu b'mutur elettriku għall-ġarr tal-passiġġieri. Sar l-iffirmar tal-kuntratt. | Tkompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar biex jinkisbu l-permessi meħtieġa għall-iżvilupp ta' faċilità ta' Park & Ride.<br><br>Inbeda x-xogħol ta' tindif tas-sit propost.<br><br>Tkompla l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għal xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi. | Tkompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar biex jinkisbu l-permessi meħtieġa għall-iżvilupp ta' faċilità ta' Park & Ride.<br><br>Tkompla x-xogħol ta' tindif tas-sit.<br><br>Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti biex isiru l-istudji ġeotekniċi fis-sit propost. | Huwa mistenni li jkompli l-ipproċessar tal-applikazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar biex jinkisbu l-permessi meħtieġa għall-iżvilupp ta' faċilità ta' Park & Ride kif ukoll jitkompla x-xogħol ta' tindif u jitlestew l-istudji ġeotekniċi fis-sit propost. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 162 | Ser jingħata spinta x-xogħol fuq il-masterplan ta' Marsalforn. Komponent importanti fix-xogħol ta' Marsalforn huwa r-riġenerazzjoni tal-Menqa kif ukoll li jiġu finalizzati l-pjanijiet biex jinbena mill-ġdid il-breakwater ta' Marsalforn. | Direttorat Proġetti u Żvilupp | It-twettiq tal-Masterplan għall-bajja ta' Marsalforn jinkludi xogħlijiet għar-riġenerazzjoni tal-Menqa u t-tħejjija ta' pjanijiet sabiex jinbena mill-ġdid il-Breakwater ta' Marsalforn.<br><br>Ġiet ippubblikata mill-ġdid sejħa għall-offerti biex isiru x-xogħlijiet għar-riġenerazzjoni tal-Menqa ta' Marsalforn u nbeda l-proċess ta' evalwazzjoni.<br><br>Fir-riġward tal-breakwater ta' Marsalforn, ġew ippubblikati s-sejħiet għall-offerti biex isiru l-istudji ġeotekniċi tal-bajja kif ukoll biex isir il-Project Description Statement u valutazzjoni tal-impatti ambjentali u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti.<br><br>Wara li ġie ffirmat kuntratt bdiet il-ħidma biex isiru l-istudji għad-Design Optimisation u Wave Analysis. | Ġie kkanċellat il-proċess ta' xiri pubbliku tas-sejħa għall-offerti biex isiru x-xogħlijiet għar-riġenerazzjoni tal-Menqa ta' Marsalforn wara li l-ebda offerta sottomessa ma laħqet ir-rekwiżiti mitluba. Tnieda proċess ta' proċedura negozjata ta' xiri pubbliku.<br><br>Tlestiet l-evalwazzjoni biex isiru l-istudji ġeotekniċi.<br><br>Saret l-evalwazzjoni u ntgħażel l-offerent preferut tas-sejħa għall-offerti biex isir il-Project Description Statement u valutazzjoni tal-impatti ambjentali. Komplew isiru l-istudji għad-Design Optimisation u Wave Analysis. | Tlesta l-proċess ta' proċedura negozjata ta' xiri pubbliku u ġie identifikat offerent preferut biex iwettaq ix-xogħlijiet programmati għar-riġenerazzjoni tal-Menqa ta' Marsalforn.<br><br>Ġie kkanċellat il-proċess ta' xiri pubbliku biex isiru l-istudji ġeotekniċi wara li ma ġiex identifikat offerent preferut. Tnieda proċess ta' proċedura negozjata ta' xiri pubbliku għal dan il-għan.<br><br>Inbdiet il-ħidma biex isir il-Project Description Statement u l-istudji tal-valutazzjoni tal-impatti ambjentali. Komplew isiru l-istudji għad-Design Optimisation u Wave Anaysis. | Huwa mistenni li jibdew ix-xogħlijiet għar-riġenerazzjoni tal-Menqa ta' Marsalforn.<br><br>Mistenni li jibdew isiru l-istudji ġeotekniċi, titkompla l-ħidma biex isir il-Project Description Statement u jitkomplew l-istudji tal-valutazzjoni tal-impatti ambjentali kif ukoll jitlestew l-istudji għad-Design Optimisation u Wave Analysis. Dawn l-istudji huma neċessarji għat-tfassil tal-pjanijiet biex jinbena mill-ġdid il-Breakwater fil-bajja ta' Marsalforn.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 163 | Ser jingħata spinta x-xogħol fuq il-masterplan tax-Xlendi. | Direttorat Proġetti u Żvilupp | L-implimentazzjoni tal-masterplan għall-bajja tax-Xlendi tinkludi r-riġenerazzjoni ta' Pjazza Anfori (il-parkeġġ prinċipali); it-tisbiħ tal-boathouses; ir-riġenerazzjoni tad-Dry Standing Area u t-tindif tal-Wied tax-Xlendi.<br><br>Bdiet il-ħidma fuq l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti biex isir ix-xogħol relatat mar-riġenerazzjoni ta' Pjazza Anfori.<br><br>Wara li nħarġet sejħa għall-offerti, tlestew il-proċessi distinti ta' xiri pubbliku u ġew identifikati l-offerenti preferuti biex isir ix-xogħol ta' tisbiħ tal-boathouses kif ukoll għar-riġenerazzjoni tad-Dry Standing Area. Bdew ix-xogħlijiet rispettivi.<br><br>Wara li ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-iżvilupp | Tkompliet il-ħidma fuq l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti biex isir ix-xogħol relatat mar-riġenerazzjoni ta' Pjazza Anfori.<br><br>Tkompla x-xogħol ta' tisbiħ tal-boathouses kif ukoll ix-xogħlijiet relatati għar-riġenerazzjoni tad-Dry Standing Area.<br><br>Kompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar fuq il-permess meħtieġ biex jitwettaq xogħol ta' tindif fil-Wied tax-Xlendi. | Tkompliet il-ħidma fuq l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti biex isir ix-xogħol relatat mar-riġenerazzjoni ta' Pjazza Anfori.<br><br>Jitlesta x-xogħol ta' tisbiħ tal-boathouses.<br><br>Tkomplew ix-xogħlijiet fid-Dry Standing Area.<br><br>Jitlestew ix-xogħlijiet ta' tindif f'parti mill-Wied tax-Xlendi. | Huwa mistenni li tiġi ppubblikata sejħa għall-offerti biex isir ix-xogħol relatat mar-riġenerazzjoni ta' Pjazza Anfori.<br><br>Mistenni wkoll li jitlestew ix-xogħlijiet fid-Dry Standing Area u titkompla l-ħidma mal-Awtorità tal-Ippjanar biex jinkiseb il-permess għat-tindif tal-kumplament tal-Wied tax-Xlendi.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | meħtieġ kompla l-ipproċessar ta' din l-applikazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar biex jinħareġ il-permess għal xogħlijiet ta' tindif tal-Wied tax-Xlendi. | | | | |
| 164 | Se jingħata bidu għal proġett akkwatiku għal Għawdex, dak tal-Gozo Aquatic Centre. Dan hu proġett li se jindirizza l-bżonnijiet tal-komunità sportiva akkwatika Għawdxija kif ukoll servizzi terapewtiċi u t-turiżmu sportiv. | Direttorat tas-Servizzi Għawdex | Wara li fl-2018 tlesta l-proċess ta' xiri pubbliku għal xogħol ta' taħmil, inbeda x-xogħol fuq is-sit fejn huwa propost li jsir il-proġett akkwatiku ta' Għawdex.<br><br>Kompliet il-ħidma fuq it-tfassil ta' sejħiet għall-offerti biex isiru x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u finishes kif ukoll xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi. | Tkompla x-xogħol tal-iskavar tas-sit. Tlesta ammont sostanzjali tax-xogħol ta' taħmil kif ippjanat.<br><br>Tkompliet il-ħidma fuq is-sejħiet għall-offerti għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, finishes u xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi. L-abbozzi ta' sejħiet ġew sottomessi lid-Dipartiment tal-Kuntratti. | Tlesta x-xogħol tal-iskavar tas-sit.<br><br>Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti biex isiru xogħlijiet ta' kostruzzjoni u ta' finishes. Tkompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi. | Huwa mistenni li jitlesta l-proċess ta' evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet għas-sejħa għall-offerti biex isiru xogħlijiet ta' kostruzzjoni u ta' finishes, u tkun ippubblikata sejħa għall-offerti biex isiru xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 165 | Promozzjoni għal Għawdex: Wara s-suċċessi tal-festivals tematiċi hekk kif imħabbar fil-Baġit li għadda, issa jmiss illi nkomplu nibnu fuq dan is-suċċess. Dawn il-festivals qed iservu bħala attrazzjoni biex Għawdex sar attrazzjoni turistika distinta matul is-sena kollha. | Direttorat Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku | Ġie mfassal programm varjat ta' festivals tematiċi għal matul is-sena fosthom l-avvenimenti prinċipali - Easter in Gozo, Gozo Alive, Gozo Pops and Rocks, Opera is Gozo u Milied f'Għawdex.<br><br>Saru diversi festivals u avvenimenti fosthom #Inħobbok, Karnival f'Għawdex u Lejl Imkebbes.<br><br>Tnieda l-programm L-Għid f'Għawdex. Bdew it-tħejjijiet għall-Fiera tar-Rebbiegħa, Gozo Bee & Honey Event u l-avvenimenti Gozo Alive u Gozo Pops and Rocks. | Ġew organizzati l-attivitajiet relatati mal-Fiera tar-Rebbiegħa, Gozo Bee & Honey Event kif ukoll l-avvenimenti Gozo Alive u Gozo Pops and Rocks.<br><br>Tnieda l-programm ta' matul is-sajf Marsalforn Mondays, Mġarr Fridays, I Love Xlendi u Summer in the City.<br><br>Kompliet il-ħidma intensiva ta' reklamar u promozzjonijiet varji fuq diversi media sabiex jissaħħaħ il-prodott turistiku lokali kif ukoll jiżdied l-għarfien tal-potenzjal ta' Għawdex bħala destinazzjoni għal matul is-sena kollha. | Ġew organizzati l-avvenimenti tematiċi fosthom il-Gozo Film Festival Pre-Event, MarsalMużajk, Ceramics Festival, Food Festival, Gozo Film Festival, Rock Legends, Jazz Do, Summer Carnival, il-Festival tal-Ħut, u l-Bread and Tomato Festival.<br><br>Ġie esegwit il-programm varjat ta' matul is-sajf fosthom Marsalforn Mondays, Mġarr Fridays, I Love Xlendi u Summer in the City. | Huwa mistenni li jittellgħu aktar festivals tematiċi, avvenimenti u attivitajiet biex Għawdex ikompli jsir destinazzjoni turistika għal matul is-sena kollha. | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET TAT-TFAL
U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 5 | Inżidu ċ-Children's Allowances lill-familji bi dħul gross anqas minn €20,000 fis-sena. L-ogħla rata ta' Children's Allowance se tkun qed tiżdied sa massimu ta' €96 fis-sena għal kull wild. B'kollox hu stmat li 24,600 tifel u tifla minn 16,500 familja se jgawdu minn din iż-żieda. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Tlestew il-modifiki neċessarji fis-sistema tal-informatika u beda l-ħlas tal-pagamenti dovuti għall-perjodu Jannar sa Marzu 2019 biż-żieda msemmija. | | | | Implimentata |
| 8 | Sejrin nemendaw il-liġi tas-Sigurtà Soċjali sabiex għall-ewwel darba f'pajjiżna persuni self-employed, li għal xi raġuni jkollhom jieqfu mill-attività tagħhom u jibdew jirreġistraw għax-xogħol, se jibdew ikollhom dritt li jirċievu l-benefiċċju għall-qgħad skont il-kontribuzzjonijiet li jkunu ħallsu. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Saru l-modifiki neċessarji fuq is-sistema tal-informatika. Bdew jiġu pproċessati talbiet għall-benefiċċju tal-qgħad minn persuni li jaħdmu għal rashom (self-employed) li għal xi raġuni waqfu mill-attività tagħhom. Bdew jinħarġu l-pagamenti lil dawk eliġibbli. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | Mis-sena d-dieħla se nżidu l-ħlas tal-għajnuna medika mhux kontributorja b'ħames ewro u erbatax-il ċenteżmu (€5.14) fil-ġimgħa lil dawk il-persuni miżżewġa fejn hemm żewġ adulti li jbatu minn mard kroniku u li qed jirċievu din l-għajnuna. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Ġew identifikati l-persuni eliġibbli għal dan il-ħlas. Inħadmu l-pagamenti u bdew jitħallsu. | | | | Implimentata |
| 11 | Fl-2019 se nagħtu żieda ta' żewġ ewro u sbatax-il ċenteżmu (€2.17) fil-ġimgħa lill-pensjonanti kollha tas-sigurtà soċjali, cioè pensjonanti tal-irtirar, romol, tal-invalidità u dawk li jirċievu l-pensjoni tal-età. Din iż-żieda se tkun barra dik maħsuba biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja. B'hekk kull pensjonant se jieħu żieda ta' erba' ewro u ħamsin ċenteżmu (€4.50) fil-ġimgħa. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Saru l-modifiki fuq is-sistema tal-informatika biex pensjonanti li jirċievu pensjoni tal-irtirar, tar-romol, tal-invalidità u tal-pensjoni tal-età, kif ukoll dawk li jirċievu pensjoni tal-età mhux kontributorja, jibdew jirċievu ż-żieda msemmija. L-ewwel pagamenti bdew jitħallsu minn Jannar 2019. | | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | Pensjonanti tas-servizz se jerġa' jkollhom żieda oħra ta' €200 fl-ammont ta' pensjoni tas-servizz li tiġi injorata fl-assessjar tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali, biex b'hekk is-somma eżentata issa se titla' għal 2,466 ewro. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Sar ix-xogħol fis-sistema tal-informatika u tlesta l-ittestjar tagħha. Bdew jiġu assessjati l-pensjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' persuni li jirċievu wkoll pensjoni tas-servizz filwaqt li ngħata bidu għall-ħlas tal-arretrati dovuti. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 14 | Wegħda elettorali li għamilna kienet dik li nkomplu ntejbu l-pensjonijiet tas-servizz billi l-parti li jkunu kkomputaw biex jieħdu s-somma tibda tkun injorata kollha għall-fini ta' pensjoni tas-sigurtà soċjali. Bħala l-ewwel pass fit-twettiq ta' din il-wegħda elettorali, mis-sena d-dieħla l-pensjonati li jirċievu pensjoni tas-servizz u li għandhom 72 sena jew aktar, jew li mis-sena d-dieħla 'l quddiem jilħqu din l-età, se ssir ir-reviżjoni tal-pensjoni tagħhom tas-sigurtà soċjali. Hekk minflok kif dejjem sar s'issa li jiġi injorat nofs l-ammont ta' pensjoni tas-servizz li jkun ġie kkomputat, mis-sena d-dieħla se jibdew jiġu injorati 75 fil-mija tal-ammont ikkomputat. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Bdew jiġu assessjati l-pensjonijiet u bdew jitħallsu l-arretrati dovuti. Kompla għaddej ukoll l-assessjar ta' pensjonanti li laħqu l-età ta' 72 sena u li qed jirċievu wkoll il-pensjoni tas-servizz u nħarġu l-pagamenti dovuti. Dan il-proċess baqa' għaddej bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |
| 15 | L-għotja ta' €300 fis-sena lil dawk li għalqu l-75 sena u li għadhom jgħixu fid-djar tagħhom se tkompli tingħata tul is-sena d-dieħla. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Ġew identifikati l-persuni eliġibbli għal din l-għotja u nħarġu l-pagamenti. | | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 | Il-bonus li beda jitħallas kull sena lil numru ta' persuni, l-aktar nisa li ma ħallsux biżżejjed bolol biex jikkwalifikaw għal pensjoni minima, mill-1 ta' Jannar li ġej, se nkunu qed inżidu dan il-bonus b'€50. B'hekk dawk li kienu ħallsu aktar minn sena kontribuzzjoni iżda anqas minn 5 snin, il-bonus se jiżdidilhom għal €200, filwaqt li l-bonus ta' dawk li ħallsu aktar minn 5 snin kontribuzzjonijiet se jiżdied għal €300 fis-sena. B'din il-miżura se jibbenefikaw madwar 12,500 persuna. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Ġew identifikati l-persuni eliġibbli għal din l-għotja u nħarġu l-pagamenti. | | | | Implimentata |
| 17 | Tliet snin ilu konna daħħalna inċentiv sabiex persuni li jibqgħu jaħdmu minflok jirtiraw bil-pensjoni, b'hekk tiżdidilhom il-pensjoni tagħhom meta jagħlqu l-eta' ta' 65 sena. Din kienet miftuħa għas-settur privat. Mis-sena d-dieħla dan l-inċentiv se jiġi estiż għal persuni li jibqgħu jaħdmu mas-Settur Pubbliku b'mod gradwali. Dan dejjem jekk ikun hemm talba mill-impjegati u l-kunsens ta' min iħaddem. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Tlesta x-xogħol fuq is-sistema tal-informatika u sar l-ittestjar meħtieġ. Bdew jinħadmu l-każijiet ta' dawk il-persuni li jistgħu jibbenefikaw minn din il-miżura. | Beda l-assessjar tal-każijiet biex persuni li jaħdmu mas-settur pubbliku li għandhom dritt għażżieda perċentwali jkunu jistgħu jgawdu minn rata ogħla ta' pensjoni. Bdew jinħarġu l-pagamenti tal-pensjonijiet biżżieda dovuta. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 18 | Jingħataw ħlasijiet għal anomaliji li setgħu nħolqu tul is-snin minħabba tibdiliet fis-sistema tal-pensjonijiet, jew għal raġunijiet oħra. (a) Għat-tielet sena konsekuttiva se nallokaw €11-il miljun ewro f'fondi biex jiġu indirizzati dawn l-inġustizzji tal-imgħoddi li jolqtu aktar minn 6,000 benefiċjarju jew l-eredi tagħhom. (b) Tul is-sena d-dieħla wkoll se jiġi fi tmiemu l-proċess biex jitħallsu l-arretrati tal-pensjonijiet lill-eks ħaddiema tal-Malta Electricity Board jew l-eredi tagħhom. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Saru l-preparazzjonijiet neċessarji għall-ħruġ tal-applikazzjonijiet relatati mat-tliet skemi (eks membri tal-korpi tax-xogħol, eks ħaddiema tax-xatt u membri tal-korp tal-pulizija). | Ġew varati s-sejħiet għall-applikazzjonijiet tat-tliet skemi (eks membri tal-korpi tax-xogħol, eks ħaddiema tax-xatt u membri tal-korp tal-pulizija), biex dawk eliġibbli jingħataw il-kumpens dovut lilhom. Bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet u dawn ġew proċessati. Din il-ħidma tibqa' għaddejja bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 20 | Inwettqu fażi oħra tar-riforma fl-Assistenza għal Diżabilità, mibdija s-sena l-oħra u li kienet tinkludi l-introduzzjoni tal-Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa għall-persuni li assolutament ma jistgħux jaħdmu, u li dawn eventwalment jieħdu l-ekwivalenti tal-paga minima.<br>(a) Għaldaqstant, minn Jannar li ġej, il-pagament fil-ġimgħa ta' din l-għajnuna se jiżdied minn €140 għal €150 fil-ġimgħa.<br>(b) L-iskema se tiġi estiża għal 600 persuna oħra billi barra l-indiċi ta' Barthel li japplika għal persuni bi problemi ta' mobilità, se tintuża wkoll dik li hi magħrufa bħala Tabella għall-Valutazzjoni ta' Indeboliment. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | (a) Saru t-tħejjijiet meħtieġa u bdew jitħallsu l-pagamenti biż-żieda b'effett minn Jannar.<br><br>(b) Bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għal din l-iskema u bdiet l-evalwazzjoni tagħhom mill-Bord Multidixxiplinarju. | (b) Bdew jiġu identifikati dawk eliġibbli għal din l-iskema u bdew jinħarġu l-pagamenti dovuti. Kompliet l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet mill-Bord Multidixxiplinarju. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Għal dawk il-ġenituri ta' tfal li jsofru minn xi forma ta' diżabilità fiżika jew mentali se ngħollu mill-ġdid l-allowance li jitħallsu fil-ġimgħa. Mis-sena d-dieħla r-rata ta' din l-allowance se terġa' tiżdied b'€5 oħra għal €25 fil-ġimgħa. Madwar 1,400 tifel u tifla b'diżabilità u l-familji tagħhom se jibbenefikaw minn din iż-żieda. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Tlestew il-modifiki fis-sistema tal-informatika u tħallsu l-pagamentI biż-żieda msemmija. | | | | Implimentata |
| 22 | Tejjibna l-ħlasijiet lil dawk li jieħdu ħsieb l-anzjani fid-djar tagħhom. Dan sar permezz tar-riforma fl-Allowance Miżjuda għal Carers li telgħet għal 140 ewro u kif ukoll l-Allowance għal Carers li telgħet għal 90 ewro. (a) Minn Jannar li ġej din l-eżenzjoni mit-test tal-mezzi se tibda tgħodd għaż-żewġ allowances. B'hekk aktar anzjani se tingħatalhom il-possibilità li jibqgħu jgħixu f'darhom u fil-komunità għax il-qraba li jieħdu ħsiebhom se jibdew jibbenefikaw huma wkoll. B'din il-miżura, anke persuni miżżewġa sal-età | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Tħejjew il-preparamenti amministrattivi għaż-żewġ skemi u bdew jintlaqgħu u jiġu proċessati l-applikazzjonijiet u sar il-ħlas dovut lilhom. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | pensjonabbli li jkunu jgħixu taħt l-istess saqaf mal-anzjan jew anzjana, se jibdew ikunu eliġibbli għall-Allowance għal Carers.<br>(b) Mis-sena d-dieħla meta persuna tapplika sabiex tieħu ħsieb anzjan jew anzjana li jkunu laħqu l-età ta' 85 sena, mhux se tibqa' ssir evalwazzjoni medika mill-bord multidixxiplinarju u l-allowance titħallas awtomatikament jekk il-carer u l-anzjan jew anzjana jkunu jgħixu fl-istess dar. | | | | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 31 | Se jkun hemm bidla radikali ta' kif l-għajnuna tingħata biex il-kera ssir aktar affordabbli. Dan se jsir billi l-ewwel nett jitneħħa l-means test fuq kemm l-applikant ikollu assi. Minflok se jkun hemm żewġ kriterji għall-eliġibilità. L-ewwel wieħed huwa d-dħul gross tal-familja li jinkludi l-pagi u l-imgħaxijiet u li ma jaqbżux il-benchmark stabbilit. It-tieni kriterju hu li l-kirja eżistenti teċċedi l-benchmark għal dik il-familja. L-applikant ikun eliġibbli jekk jikkwalifika miż-żewġ kriterji. L-għajnuna tvarja minn massimu ta' tlett elef ewro għal ħamest elef ewro fis-sena skont iċ-ċirkostanzi tal-familja. | Awtorità tad-Djar (HA) | Ġiet varata skema ġdida li permezz tagħha dawk eliġibbli għal din l-iskema jistgħu jibbenefikaw mis-sussidju tal-kera. Bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet u dawn ġew proċessati u ngħataw il-pagamenti dovuti. | | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 32 | Konxji tar-rwol importanti li s-sidien għandhom fil-qasam tas-suq tal-kera fejn jidħlu djar affordabbli, il-Gvern qiegħed f'diskussjonijiet biex iniedi skema li se tkun qed tagħti inċentiv fiskali lis-sid permezz ta' tnaqqis ta' taxxa fuq il-bejgħ tagħha f'każ ta' kirja affordabbli għal perjodu ta' seba' snin. | Awtorità tad-Djar (HA) | Ġiet preżentata memo li fasslet il-mekkaniżmu li ser jiġi użat. Bdew diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Finanzi dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Finanzi dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Finanzi dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Mistenni li jitkomplew id-diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Finanzi dwar l-implimentazzjoni ta' din il-mizura. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 33 | Sejrin inniedu skema fejn persuni li jkunu għalqu l-erbgħin sena u jitħajru jixtru dar, filwaqt li l-persuna tkun tista' tħallas mhux inqas minn nofs il-prezz tal-proprjetà, se jkun possibbli li l-bank isellef il-kumplament tan-nefqa u l-persuna tħallas is-self fuq numru ta' snin. Però, il-Gvern sejjer ikun qed iħallas l-imgħax għat-tul tas-snin li l-persuna tkun intrabtet li tħallas is-self. | Awtorità tad-Djar (HA) | Bdew diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Finanzi u l-APS Bank biex jiġi esplorat il-mekkaniżmu li bih l-Awtorità tad-Djar tkun tista' tfassal din l-iskema. | Intlaħaq qbil dwar it-tħaddim ta' din l-iskema u ġiet imnedija f'Mejju. Bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet u l-iskema bdiet titħaddem. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 34 | Filwaqt li għaddej ix-xogħol fuq proġett ta' 500 appartament bl-għajnuna tal-Bank tal-Investiment Ewropew u l-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill Ewropew, se jsir xogħol fuq bini ta' kważi 700 unit għal housing soċjali ieħor, b'investiment ta' 50 miljun ewro, fejn parti mill-investiment ġej mill-Fond Soċjali u ta' Żvilupp Nazzjonali (NSDF). Barra minn hekk il-Gvern sejjer ikompli joħloq inizjattivi biex ikompli jiżdied l-istokk ta' djar tal-Gvern. | Social Projects Management Ltd (SPM) | Ġew sottomessi l-applikazzjonijiet għall-permessi għall-iżvilupp f'siti fil-Mellieħa, f'Raħal Ġdid, fis-Siġġiewi, f'Ħaż-Żebbuġ, fiż-Żurrieq u fil-Qrendi.<br><br>Tkompla x-xogħol ta' skavar f'siti f'Bormla, fl-Imsida u f'Ħal Luqa u tlesta l-iskavar f'siti f'Ħaż-Żebbuġ u fiż-Żurrieq.<br><br>Beda x-xogħol ta' kostruzzjoni f'siti f'Ħ'Attard, f'Birkirkara u fis-Siġġiewi. | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-permess għall-iżvilupp f'siti oħra fiż-Żurrieq u fil-Mellieħa. Inkisbu l-permessi għall-iżvilupp għal siti fil-Qrendi u f'Ħaż-Żebbuġ.<br><br>Tkompla x-xogħol tat-tqattigħ f'siti f'Bormla, fl-Imsida u tlesta l-iskavar f'siti f'Ħal Kirkop, Ħal Luqa u f'siti oħra f'Ħaż-Żebbuġ.<br><br>Tkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni f'siti f'Ħ'Attard, f'Birkirkara u fis-Siġġiewi. | Inkisbu l-permessi għall-iżvilupp għal siti fil-Mellieħa u f'Ħaż-Żebbuġ.<br><br>Tkompla x-xogħol ta' skavar f'siti f'Bormla, fl-Imsida u tlesta l-iskavar f'siti oħra f'Ħal Luqa u fil-Qrendi.<br><br>Tkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni f'siti f'Ħ'Attard, f'Birkirkara u fis-Siġġiewi. | Mistenni jkompli x-xogħol ta' skavar f'siti f'Bormla u fl-Imsida kif ukoll ix-xogħol ta' kostruzzjoni f'siti f'Ħ'Attard, f'Birkirkara u fis-Siġġiewi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 35 | Ġew identifikati numru ta' proprjetajiet tal-Gvern li huma fi stat dilapidat, liema proprjetajiet jistgħu jiġu rranġati biex jintużaw bħala djar soċjali. Għas-sena d-dieħla, l-Awtorità tad-Djar se tkun qed tevalwa żewġ proġetti pilota li se tkun qed tagħmel ma' entitajiet mhux governattivi. Filwaqt li l-Awtorità tad-Djar se tkun qed toħroġ parti mill-ispiża biex din il-proprjetà tiġi rranġata, se tkun qed tidħol f'arranġament mal-entità mhux governattiva sabiex id-djar jiġu użati għal skop ta' djar soċjali b'rati ta' kirjiet orħos minn dak li qed joffri s-suq. | Awtorità tad-Djar (HA) | Ġie appuntat il-Bord tal-Housing Speċjalizzat, bdew id-diskussjonijiet u ġew miftiehma l-kriterji u l-proċess tal-għażla tal-proġetti proposti. Il-linji gwida flimkien mal-applikazzjoni tħabbru f'konferenza tal-aħbarijiet. Bdew jintlaqgħu l-proposti mill-entitajiet mhux governattivi. | Ġew identifikati żewġ proġetti mis-sottomissjonijiet tal-entitajiet mhux governattivi għall-housing speċjalizzat. Wieħed mill-proġetti ser ikun dak fejn ser jiġi offrut servizz biex ommijiet bi sfidi ta' saħħa mentali ma jinfirdux minn mat-tfal tagħhom. Il-proġett l-ieħor huwa relatat mal-għoti ta' servizz terapewtiku u ta' supportive housing lill-priġunieri u l-familji tagħhom bil-għan li dawn jintegraw b'mod aħjar. Ġiet organizzata laqgħa informattiva għall-periti dwar il-kompetizzjoni tad-disinn bl-għan li l-periti jifhmu l-kunċett u l-ħsieb wara ż-żewġ proġetti u d-disinji tal-proprjetà jsiru skont il-bżonnijiet li għalihom ser jintużaw. | Saru l-preparamenti għall-kompetizzjoni tad-disinji b'kollaborazzjoni mal-Kamra tal-Periti. Jinbeda l-proċess tal-kompetizzjoni tad-disinn. | Mistenni li jiġi ffirmat il-kuntratt mal-entitajiet mhux governattivi filwaqt li tiġi konkluża il-kompetizzjoni tad-disinn. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 36 | L-Awtorità tad-Djar fix-xhur li ġejjin se tkompli l-ħidma tagħha fuq programm ta' manutenzjoni jew tisbiħ, skont il-bżonnijiet ta' kull blokka partikolari. Sejjer ukoll ikompli l-programm ta' tisbiħ fl-oqsma tal-Bini tal-Gvern. | Awtorità tad-Djar (HA) | Saru spezzjonijiet fil-blokok li jinsabu f'San Ġwann (9 blokok) u ż-Żejtun (9 blokok) u ġie ppreparat rapport li jidentifika x-xogħlijiet meħtieġa. Bdew x-xogħlijiet fuq il-partijiet komuni u l-bjut tal-blokok f'San Ġwann u fiż-Żejtun u fin-Naxxar (blokka waħda). | Tkomplew ix-xogħlijiet fuq il-partijiet komuni u l-bjut tal-blokok f'San Ġwann, fiż-Żejtun u fin-Naxxar.<br><br>Saru spezzjonijiet fil-blokok li jinsabu f'Ħal Qormi (12-il blokka) u f'Ħaż-Żabbar (6 blokok) u ġie ppreparat rapport li jidentifika x-xogħlijiet meħtieġa.<br><br>Bdew ix-xogħlijiet fuq il-partijiet komuni u l-bjut tal-blokok f'Ħal Qormi u f'Ħaż-Żabbar. | Tkomplew ix-xogħlijiet fuq il-partijiet komuni u l-bjut tal-blokok f'San Ġwann. Tlestew dawn ix-xogħlijiet fiż-Żejtun u fin-Naxxar.<br><br>Tkomplew ix-xogħlijiet fuq il-partijiet komuni u l-bjut tal-blokok f'Ħal Qormi u f'Ħaż-Żabbar. | Mistenni li jitkompla x-xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ fuq il-blokok indikati. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 37 | L-Awtorità tad-Djar sejra tagħmel riorganizzazzjoni interna sabiex tkun qed tkopri l-isfidi kollha lis-settur tad-djar, fejn jidħlu djar soċjali affordabbli. Huwa għalhekk li l-Awtorità ser twaqqaf fi ħdanha Unit li jkun qed jiffoka fuq reġistrazzjoni ta' proprjetà, protezzjoni tas-sidien u infurzar tar-regolamenti. | Awtorità tad-Djar (HA) | L-Awtorità tad-Djar kompliet bit-taħditiet interni sabiex jitħejja l-qafas ta' struttura kif ukoll dak legali biex wieħed ikun jista' jindirizza din ir-riforma. L-abbozz ta' liġi dwar il-proprjetajiet mikrija tlesta u ġie vvettjat mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Ġew identifikati l-ħtiġijiet tal-Awtorità tad-Djar fir-rigward ta' finanzi, riżorsa umana, l-ispazju meħtieġ, u t-teknoloġija tal-informatika. | L-abbozz ta' liġi ġie finalizzat u sar l-Ewwel Qari fil-Parlament tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "L-Att dwar Kirjiet Residenzjali". Sar ukoll it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi fil-plenarja. Saret il-preparazzjoni tas-sejħiet għall-ingaġġ ta' riżorsi umani filwaqt li beda jiġi ppreparat id-dokument tas-sejħa għall-offerti għas-sistema tat-teknoloġija tal-informatika (IT) biex b'hekk tkun tista' ssir ir-reġistrazzjoni online. | L-ingaġġ ta' riżorsi umani ġie ffinalizzat. Is-sejħa għall-offerti għas-sistema tat-teknoloġija tal-informatika (IT) ġiet ippubblikata. Ġew riċevuti l-offerti u bdiet l-evalwazzjoni tagħhom. | Mistenni li tiġi diskussa l-liġi f'livell ta' kumitat parlamentari (tkomplija tal-istadju tat-Tieni Qari) biex wara tgħaddi għat-Tielet Qari fil-Parlament. Mistenni wkoll li tiġi żviluppata s-sistema ġdida tat-teknoloġija tal-informatika (IT) li għandha twassal sabiex tkun tista' tibda ssir ir-reġistrazzjoni tal-kuntratti tal-kirjiet. B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 153 | Mis-sena d-dieħla, il-Gvern sejjer jestendi s-sussidju li jingħata lill-persuni taħt l-iskema ta' akkomodazzjoni mħaddma mill-Awtorità tad-Djar lill-istudenti Għawdxin taħt ċerti kundizzjonijiet. | Awtorità tad-Djar (HA) | Bdew diskussjonijiet mal-Ministeru għal Għawdex dwar it-twettiq ta' din il-miżura. | Tħejjew il-preparamenti amministrattivi meħtieġa sabiex jinħarġu l-applikazzjonijiet u jibdew jiġu proċessati. | Ġew finalizzati l-applikazzjonijiet. | Mistenni li jinħarġu l-applikazzjonijiet biex l-istudenti jkunu jistgħu japplikaw. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 215 | Bl-għan li titneħħa diskriminazzjoni li teżisti fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kapitlu 318) ser issir emenda biex persuni li kienu impjegati f'entità fejn il-Gvern kien is-sid jew kellu l-maġġoranza tal-ishma u aċċettaw li jibbenefikaw minn skema ta' rtirar kmieni qabel l-1 ta' Jannar tal-2008 se jkunu jistgħu jgawdu minn titjib fil-pensjoni tagħhom. Dan se jkun possibbli għaliex il-pensjoni tkun tista' tinħadmilhom fuq is-snin li kienu jaħdmu fl-ażjenda tal-Gvern u mhux bilfors fuq il-pagi li kellhom wara li rtiraw kmieni minħabba proċess ta' ristrutturar jew privatizzazzjoni tal-ażjenda. S'issa l-provedimenti tal-liġi japplikaw biss għal dawk l-impjegati li rtiraw kmieni għar-raġunijiet imsemmija wara l-1 ta' Jannar tal-2008. Mis-sena d-dieħla, iżda, dawn il-provedimenti se jkunu japplikaw ukoll għal dawk li rtiraw kmieni wara l-1 ta' Jannar 2003. | Dipartiment tas-Sigurta Soċjali (DSS) | Saret analiżi fuq l-emendi meħtieġa fis-sistema tal-informatika għat-tħaddim ta' din il-miżura. | Bdew diskussjonijiet mal-MITA u beda l-iżvilupp tal-emendi fis-sistema. | Tlesta x-xogħol fuq l-iżvilupp tal-emendi fis-sistema u beda jsir l-assessjar (reassessments). Bdew jinħarġu l-pagamenti lill-benefiċjarji bir-rati l-ġodda tal-pensjoni. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 216 | Għadd ta' pensjonanti li fl-imgħoddi ħadmu fil-Libja kienu ġew affettwati negattivament minn tibdil li kien sar fl-1988 fi Ftehim Bilaterali bejn Malta u l-Libja. Dan it-tibdil kien ħalliehom esposti u mingħajr kontribuzzjonijiet imħallsin f'Malta, u b'konsegwenza affettwalhom mhux ftit il-pensjoni tagħhom. Għalhekk kif wegħidna fil-manifest elettorali, b'effett minn Jannar li ġej ser nagħmlu ġustizzja wkoll ma' dawn il-persuni billi jirregolarizzaw irwieħhom mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali bl-għan li jibdew huma wkoll igawdu minn pensjonijiet ogħla u li jixirqulhom. Huma ser jingħataw l-opportunità li jekk jippreżentaw provi tal-kontribuzzjonijiet li kienu ħallsu fil-Libja, dawn il-kontribuzzjonijiet jiġu kkonvertiti f'kontribuzzjonijiet Maltin skont is-sistema l-antika. F'każ li ma jkollhomx | Dipartiment tas-Sigurta Soċjali (DSS) | Saret analiżi fuq l-emendi meħtieġa fis-sistema tal-informatika għat-tħaddim ta' din il-miżura. | Bdew diskussjonijiet mal-MITA u beda l-iżvilupp tal-emendi fis-sistema. | Tkompla x-xogħol fuq l-iżvilupp tal-emendi fis-sistema. | Mistennija li jibdew jinħadmu l-każijiet u jinħarġu l-pensjonijiet bir-rati l-ġodda. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | provi x'juru, dawk milquta ser jingħataw l-opportunità li jħallsu sa massimu ta' 10 snin kontribuzzjonijiet nieqsa, skont ir-rati kurrenti. | | | | | | |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 217 | Il-benefiċċju tal-In-Work Benefit, li varajna bħala parti mill-pakkett ta' miżuri li jippromovu l-ħajra għax-xogħol (Making Work Pay), kellu impatt pożittiv u għen mhux ftit biex familji bi dħul baxx jew medju jkunu jistgħu jgħixu aħjar u b'mod diċenti. Dan il-benefiċċju jgħodd għal familji fejn iż-żewġ ġenituri, jew xi ħadd minnhom, inkella single parents, ikunu jaħdmu. Minn meta varajna l-benefiċċju fl-2015, għollejna r-rati għal kull wild taħt it-23 sena aktar minn darba u wessajna s-ceiling tad-dħul biex aktar familji setgħu jibbenefikaw. Nemmnu bis-sħiħ li miżuri ta' din ix-xorta jgħinu fil-ġlieda kontra l-faqar u għalhekk għal darb'oħra ser intejbu l-iskema fejn tolqot familji fejn wieħed jew waħda mill-ġenituri jaħdmu. Ir-rati ser jiżdiedu bejn €50 u €100 kull wild skont id-dħul tal-familja. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Saret ħidma interna sabiex tiġi inkorporata ż-żieda msemmija f'din l-iskema. | Bdew jinħarġu l-pagamenti dovuti. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 218 | Dan il-Gvern huwa deċiż li jagħti l-possibilitajiet kollha lil dawk il-persuni li jiddeċiedu li jkomplu jistudjaw biex isaħħu l-ħiliet tagħhom. Għaldaqstant minn Jannar li ġej, persuni ta' 'l fuq minn 23 sena li jkunu qed jirċievu l-għajnuna soċjali u jiddeċiedu li jipparteċipaw f'kors fl-Università jew fl-MCAST se jibdew jitħallsu l-istipendju mingħajr ma jitilfu d-dritt għall-għajnuna soċjali. B'dan il-mod, id-dħul mill-istipendju mhux se jibqa' jinqata' kollu mill-għajnuna soċjali sakemm il-ħlasijiet magħduda ma jaqbżux l-ammont tal-Paga Minima Nazzjonali. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet u ġew proċessati. B'hekk min kien eliġibbli ma tilifx id-dritt għall-għajnuna soċjali anke jekk qed jitħallas l-istipendju. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 219 | Bħala tkomplija tar-riformi fil-benefiċċji mhux kontributorji li nieda l-Gvern matul l-aħħar leġiżlatura, qegħdin nintroduċu aktar miżuri ta' fejda għal persuni li jkunu jbatu mill-kundizzjoni bipolar, dipressjoni bi psikożi u kif ukoll mard terminali. Għaldaqstant, minn Jannar li ġej, dejjem jekk persuna tissodisfa l-kriterji tat-test tal-mezzi, l-eliġibilità għal min ibati minn dawn il-kundizzjonijet se tiġi estiża għal kapijiet ta' familja wkoll u mhux biss għal persuni ġuvintur u xebbiet li jkunu jgħixu ma' ġenituri pensjonanti. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet u tressqu quddiem il-Bord Mediku. Ingħata l-ħlas dovut lil dawk eliġibbli. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 220 | Barra minn hekk, persuni li jkunu qed jieħdu ħsieb il-ġenituri u jirċievu l-Allowance Miżjuda għal Carers jew l-Allowance għal Carers se jibdew ikunu kkunsidrati bħala kap ta' familja fil-kalkolu tal-għajnuna medika, dejjem jekk jissodisfaw it-test tal-mezzi. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet sabiex persuni li jkunu qed jieħdu ħsieb il-ġenituri, u li jkunu qed jirċievu waħda miż-żewġ allowances imsemmija, ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati bħala kap tal-familja jekk jissodisfaw it-test tal-mezzi. Sar l-ittestjar neċessarju u l-każijiet bdew jiġu proċessati. | | | | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2014 LI TWETTQU

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | META TWETTQET | MINISTERU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 177 | Se tissaħħaħ skema ta' għajnuna lil żgħażagħ li jagħżlu li jmorru jaħdmu barra minn Malta għal sena fuq bażi volontarja. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu 2017. | MEDE | Implimentata |
| 113 | Il-Gvern se jimplimenta pjan sabiex nassiguraw provvista tal-elettriku adegwata, sostenibbli u sigura. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru 2018. | MEW | Implimentata |
| 31 | Se ndaħħlu sistema fejn min jixtri servizz fil-qasam tal-proprjetà, pereżempju xogħol ta' kostruzzjoni, u ma jkollux biex jissostanzja l-istima tax-xogħol li jkun sar, ikollu jħallas il-VAT dovuta skont l-istima li tkun saritlu mid-Dipartiment. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju 2019. | MFIN | Implimentata |
| 78 | Is-sena li ġejja se tinħoloq Awtorità tal-Avjazzjoni. Se titfassal ukoll Politika tal-Avjazzjoni Ċivili. Qegħdin nallokaw is-somma ta' 150,000 ewro għat-twaqqif ta' Ċentru ta' Riċerka fl-Avjazzjoni. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru 2018. | MOT | Implimentata |
| 24 | Se jinbeda proġett pilota fil-Belt Valletta biex il-Gvern ikun jaf b'ċertezza x'inhuma l-proprjetajiet tiegħu kapitali. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju 2019. | MTIP | Implimentata |
| 231 | Se nibdew nistudjaw, ukoll, alternattivi kif nistgħu nikkoreġu l-anomaliji li nħolqu fil-pensjoni tas-servizz li jolqtu lil numru ta' ħaddiema tal-Gvern li kienu impjegati qabel l-1979 u dawk tal-Korpi waqt li se nindirizzaw anomaliji oħrajn fil-pensjoni tas-sigurtà soċjali fosthom tal-eks ħaddiema tat-Tarzna. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2017. | MFCS | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2015 LI TWETTQU

| MIŻURA TAL-BAĠIT | META TWETTQET | MINISTERU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|
| Qed jiġu ppreparati tliet studji relattivament kbar – il-European Health Interview Survey (li għadu kemm beda) kif ukoll stħarriġ iddettaljat dwar l-ikel li jittiekel mill-poplu Malti. Qegħdin nappoġġjaw ukoll ir-riċerka dwar id-dijabete f'Malta. Hemm ukoll pjani għal aktar riċerka ma' ġenituri fil-qasam tas-saħħa sesswali. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru 2018. | MFH | Implimentata |
| Inizjattiva ġdida għas-sena d-dieħla hija dik tal-Maltese Artisans Directory fejn l-MCA se toħloq direttorju online mfassal biex jippromovi u joħloq opportunitajiet għal artiġjani Maltin. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru 2018. | MEIB | Implimentata |
| Jinsabu fl-aħħar stadji t-tħejjijiet għall-ħolqien ta' Bank ta' Żvilupp li l-għan tiegħu se jkun li jipprovdi aċċess għal fondi u jinvesti fi proġetti strateġiċi. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2017. | MFIN | Implimentata |
| Se ssir sejħa għal imsieħba strateġiċi internazzjonali interessati li jipproponu mudelli ta' tmexxija tal-Faċilità tar-Rinella, flimkien ma' investiment fir-riżorsi eżistenti, kif ukoll il-bżonn ta' oħrajn ġodda bħal sound stages. Mhux eskluż li dan l-investiment jieħu l-forma ta' PPP. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018. | MOT | Implimentata |
| Matul is-sena li ġejja, il-Gvern se jaħdem għal ambjent aħjar b'miżuri favur it-tħaddir u sabiex kemm jista' jkun jiżdiedu l-ispazji li jservu ta' green belt għall-ġid tal-komunità. Il-Gvern se jinkoraġġixxi t-tħawwil ta' siġar u pjanti biex iservu ta' pulmun ambjentali f'dawn il-postijiet apposta u li għandhom iservu bħala green belt għaż-żoni mibnija. Fejn huwa possibbli, dan ser isir bis-sehem tal-privat wara li jkun hemm konsultazzjoni pubblika. Dan jgħaqqad ukoll mal-istudju preliminari ta' afforestazzjoni li tqabbad mill-Ministeru għall-Ambjent aktar kmieni din is-sena u li qed ikun evalwat. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru 2017. | MESDC | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | META TWETTQET | MINISTERU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|
| Tfasslu diversi proġetti li mistennija jinbdew fl-2015, fosthom ir-rapid launch facility tal-AFM f'Xatt it-Tiben, il-Furjana, u r-restawr tal-ġnien tal-Argotti fil-Furjana.<br><br>(b) Ġnien tal-Argotti, il-Furjana | Din il-miżura ġiet implimentata f'April 2018. | MESDC | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2016
# LI TWETTQU

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | META TWETTQET | MINISTERU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Familja. Id-dipartimenti governattivi kollha se jiddeterminaw il-core business hours tagħhom biex matulhom ikun hemm ir-riżorsi kollha meħtieġa għall-aħjar servizz. B'dal-mod ma nkunux biss qed nassiguraw is-servizz, imma wkoll flessibbiltà għall-miżuri li jgħinu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja, kif ukoll ngħinu li tittaffa l-problema tat-traffiku. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru 2017. | OPM | Implimentata |
| 229 | Iċ-ċentru tas-saħħa ta' Ħal Kirkop: Il-Gvern flimkien mal-privat se jkun qed jaħdem biex il-binja f'Ħal Kirkop li bħalissa qed isservi bħala berġa tas-saħħa tinbidel f'ċentru modern u li jibda joffri firxa wiesgħa ta' servizzi għall-pazjenti. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru 2018. | MFH | Implimentata |
| 235 | IVF: Se titkompla d-diskussjoni dwar il-liġi tal-IVF li qed tiġbed interess wiesa'. Apparti minn dan sejrin ukoll inżidu l-aċċess għall-IVF għal diversi gruppi ta' persuni oħra, mhux biss koppji. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru 2018. | MFH | Implimentata |
| 243 | Kif imwiegħed fil-manifest elettorali, qed isiru wkoll preparamenti biex jiddaħħlu servizzi għal persuni transgender li jħossu l-bżonn li jinbidel is-sess tagħhom biex dan jiġi konformi mal-ġeneru tagħhom. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru 2018. | MFH | Implimentata |
| 303 | Skemi ta' għajnuna għan-negozji: Bil-għan li tilħaq l-aspettattivi ta' firxa aktar wiesgħa ta' setturi u kumpaniji, il-Malta Enterprise sal-aħħar ta' din is-sena se tkompli tintroduċi aktar skemi intiżi li jgħinu lin-negozji. Dawn l-iskemi se jingħaqdu ma' dawk l-iskemi ġodda li diġà kienu varati fosthom il-B-Start, skemi ta' għajnuna għall-iżvilupp ta' ħwienet tax-xogħol fil-Crafts Village ġewwa Ta' Qali u Ta' Dbieġi f'Għawdex kif ukoll l-estensjoni ta' skemi bħal Microinvest, Investment Aid, Get Qualified, Research & Development, Certify u Gozo Transport. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru 2018. | MEIB | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | META TWETTQET | MINISTERU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 307 | Għajnuna għall-Artiġjanat: Il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat u l-Malta Enterprise se jniedu proġett pilota bl-għan li jitrawmu artiġjana ġodda li jkunu jistgħu jiżviluppaw setturi ta' artiġjanat tradizzjonali li llum huma fir-riskju li jintilfu. Dan il-proġett hu mistenni li jiswa €1 miljun u se jipprovdi assistenza lil artiġjana li joffru li jgħaddu l-għarfien tagħhom biex tiġi żviluppata skema ta' taħriġ minn istituzzjonijiet edukattivi. Se tingħata assistenza wkoll lil dawk li wara li jirċievu t-taħriġ ipoġġu dak li tgħallmu fil-prattika u jibdew negozju f'dak is-settur tal-artiġjanat li fuqu rċevew it-taħriġ. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru 2018. | MEIB | Implimentata |
| 22b | Tax rebate lil ġenituri li jibagħtu t-tfal bit-trasport tal-iskola: Se tibqa' fis-seħħ it-tax rebate mogħtija lil ġenituri li jibagħtu t-tfal tagħhom bit-trasport provdut mill-iskejjel tal-Knisja u oħrajn indipendenti. Se nkunu qed neżaminaw modi oħra kif fiż-żmien li ġej ninkoraġġixxu l-użu ta' dan il-metodu ta' trasport. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru 2018. | MEDE | Implimentata |
| 137 | Skola Mariam Al Batool: Għas-sena d-dieħla wkoll, lill-iskola Mariam Al Batool se nagħtuha allokazzjoni finanzjarja addizzjonali biex jinbena sular ġdid biex jilqgħu aktar studenti. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018. | MEDE | Implimentata |
| 160c | Fil-kumpless ta' Ħal Kirkop se jsir xogħol fuq ix-shallow pool. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018. | MEDE | Implimentata |
| 190b | Se jitlestew ukoll il-pjanijiet tat-twaqqigħ tal-aktar impjant antik fil-Power Station ta' Delimara biex ikunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet, fosthom it-twaqqigħ taċ-ċumnija l-kbira. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru 2018. | MEW | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | META TWETTQET | MINISTERU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 191 | Investiment fid-distribuzzjoni: L-Enemalta qed tiffoka parti kbira mill-ħidma tagħha biex issaħħaħ id-distribuzzjoni tal-elettriku bil-bini jew l-estensjoni ta' diversi ċentri ta' distribuzzjoni fosthom fil-Marsa, Manoel Island, St Andrew's, Santa Venera, ix-Xewkija u l-Mellieħa. Dan l-investiment hu essenzjali biex ikollna serħan il-moħħ fis-sistema li twassal l-elettriku mingħand l-Enemalta għad-djar u n-negozji tagħna, biex nassiguraw inqas qtugħ fid-dawl u ħinijiet iqsar mingħajr dawl. L-importanza ta' dan qed tkompli tikber minħabba t-tkabbir ekonomiku. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru 2018. | MEW | Implimentata |
| 267 | Bank ta' Żvilupp - Ix-xogħol f'dan ir-rigward jinsab fi stadju avvanzat. L-abbozz ta' liġi biex jitwaqqaf dan il-Bank se jiġi ppreżentat fil-Parlament fis-sena li ġejja. Kien hemm diskussjonijiet mal-istituzzjonijiet Ewropej konċernati, bħall-Kummissjoni Ewropea, biex niżguraw li l-Bank tal-Iżvilupp ikun konformi mar-regoli tal-Unjoni Ewropea. Kellna wkoll konsultazzjonijiet mill-qrib mal-Bank Ewropew għall-Investiment u ma' istituzzjonijiet barranin oħra li offrew assistenza teknika għat-twettiq ta' din l-istituzzjoni importanti. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2017. | MFIN | Implimentata |
| 271 | Upgrading, titjib u manutenzjoni ta' żoni pubbliċi ewlenin fil-pajjiż. Id-dħul minn din il-miżura, li mistenni jkun ta' madwar €6 miljuni, se jitħaddem mill-Fondazzjoni għall-Iżvilupp ta' Żoni Turistiċi bil-għan li jsir upgrading, titjib u manutenzjoni ta' żoni pubbliċi ewlenin fil-pajjiż. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2017. | MOT | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | META TWETTQET | MINISTERU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 274 | Il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Bajja ta' San Ġorġ: Huwa ċar li għas-snin li ġejjin se jkun hemm konċentrazzjoni ta' proġetti ta' kwalità għolja fl-inħawi tal-Bajja ta' San Ġorġ f'San Ġiljan. Filwaqt li aħna favur li jsiru dawn il-proġetti, li se jgħollu 'l fuq il-kwalità tal-prodott ta' pajjiżna, ma nistgħux nippermettu li din iż-żona tant importanti tispiċċa żona ta' kostruzzjoni miftuħa għal ħafna żmien. Għaldaqstant, hemm bżonn ta' kordinament sħiħ bejn il-proġetti, biex ikun hemm sinerġija u jiġi mnaqqas l-inkonvenjent. Hemm bżonn ukoll li jkun hemm punt wieħed ta' kuntatt li jikkordina l-awtoritajiet u l-aġenziji tal-Gvern biex titnaqqas il-burokrazija u x-xogħol jitlesta aktar malajr. B'hekk tittejjeb l-infrastruttura b'mod li x-xogħlijiet ifixklu mill-inqas lin-negozji u r-residenti eżistenti. Se titwaqqaf is-St George's Bay Regeneration Corporation, bil-għan li bi sħubija mas-settur privat interessat, tagħmel dan ix-xogħol ta' kordinament. Għall-ewwel żmien tagħha, din il-korporazzjoni se topera taħt il-GHRC. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018 | MOT | Implimentata |
| 31b | Barra minn hekk, hemm ukoll numru ta' proġetti kapitali kosponsorjati mill-ISF 2014-2020 li l-proċess tagħhom se jibda fl-2016 stmati li jiswew €75 miljun fuq ħames snin. Dawn jinkludu x-xiri ta' offshore patrol vessel ġdida għas-somma ta' madwar €38 miljun, upgrade lill-P61 għal valur ta' madwar €7 miljun u xiri ta' robot u vann għall-EOD stmati li jiswew mal-€0.5 miljun.<br><br>(a) Upgrade tal-P61 | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru 2017. | MHAS | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | META TWETTQET | MINISTERU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 273 | Mina bejn Malta u Għawdex: Matul din is-sena sar pass importanti 'l quddiem rigward l-għażliet li għandna quddiemna dwar il-mod li bih nistgħu ngħaqqdu Malta u Għawdex permezz ta' permanent link. Transport Malta u l-Gozo Business Chamber flimkien ikkummissjonaw studju, fejn ġew analizzati xenarji u metodi differenti. L-istudju jidentifika li fl-eventwalità li jsir proġett, l-aħjar għażla li tagħmel sens ekonomiku u finanzjarju tkun dik ta' sub-seabed tunnel. Jirriżulta wkoll li dan il-proġett jista' jsir anke bl-involviment dirett tas-settur privat. Il-pass li jmiss huwa li jsiru l-istudji ġeoloġiċi neċessarji li għandhom jitfgħu aktar dawl fuq il-vijabbiltà teknika tal-metodu identifikat. Huwa ppjanat li matul din is-sena nkomplu nżidu fir-ritmu bil-għan li nkunu f'pożizzjoni li nieħdu d-deċiżjonijiet finali. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar 2019. | MTIP | Implimentata |
| 66 | Matul is-snin inħolqu diversi anomaliji fis-sistema tal-pensjonijiet li laqtu diversi kategoriji ta' ħaddiema, fosthom il-ħaddiema tal-eks Korpi tax-Xogħol, tal-Electricity Board u oħrajn. Il-Gvern diġà indirizza numru minn dawn l-anomaliji. Iżda baqa' xi jsir. Dawn l-anomaliji qegħdin jiġu kkunsidrati bil-għan li naslu għal soluzzjoni xierqa u sostenibbli. Għalhekk, il-Gvern irid jerġa' jtenni l-impenn tiegħu li fuq medda ta' żmien raġonevoli, se jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jindirizza dawn l-anomaliji. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2017. | MFCS | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2017
# LI TWETTQU

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | META TWETTQET | MINISTERU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 318 | Is-sena li ġejja l-Awtorità tal-Gaming se tkun qed taħdem fuq riformi fil-qafas regolatorju li jagħrfu l-bżonnijiet tal-industrija u li permezz tagħhom ikollha l-mezzi u s-setgħat meħtieġa biex tilħaq l-għanijiet tagħha skont il-liġi. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu 2018. | OPM | Implimentata |
| 325 | Se nibdew proġett ieħor fl-2017 li se jwassal għal ċentru tas-saħħa ġdid f'Ħal Kirkop. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru 2018. | MFH | Implimentata |
| 58 | Se nibdew inħaddmu l-Kunsill għall-Ħiliet fejn inressqu l-imsieħba ekonomiċi ma' dawk edukattivi biex janalizzaw il-kompetenzi meħtieġa fis-suq tax-xogħol għas-snin li ġejjin biex l-istituzzjonijiet edukattivi tagħna jħarrġu studenti biex jiksbu dawn il-ħiliet għall-opportunitajiet ġodda ta' xogħol li qed noħolqu. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2017. | MEDE | Implimentata |
| 59 | L-Istitut għat-Tagħlim se jkompli jaħdem biex l-edukaturi kollha, kemm ġodda kif ukoll dawk fis-servizz, jingħataw taħriġ biex isaħħu l-pedagoġija u jkomplu jaġġornaw ruħhom ma' metodi ġodda ta' tagħlim b'mezzi moderni bħal korsijiet online biex ikunu jistgħu joffru kwalità ogħla ta' tagħlim. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2018. | MEDE | Implimentata |
| 238 | Bl-għajnuna tal-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà ser inkunu nistgħu wkoll ngħinu biex innaqqsu problemi assoċjati ma' aspetti partikolari ta' esklużjoni soċjali bħal, ngħidu aħna, dik li ġejja minn tfal li, għal xi raġuni jew oħra, jitilqu kmieni mill-iskola. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2017. | MEDE | Implimentata |
| 74 | Wara li sar Memorandum of Understanding bejn il-Gvern u l-kumpanija Huawei, se jsir Joint Innovation Centre bejn l-Università ta' Malta u l-Huawei għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tal-informatika. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018. | MOT | Implimentata |
| 111 | Ser isir ukoll xogħol fil-Ġnien Duminku Mintoff f'Raħal Ġdid, sabiex b'hekk ir-residenti jkunu jistgħu jgawdu ambjent isbaħ u b'faċilitajiet moderni. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju 2019. | MOT | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | META TWETTQET | MINISTERU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 282 | Il-Ministeru għat-Turiżmu, il-Fondazzjoni għaż-Żoni Turistiċi u Projects Malta se jvaraw proċessi kompetittivi biex operaturi privati jidħlu fi sħab mal-Gvern u jipprovdu aċċess aħjar għall-ibħra tagħna permezz ta' interventi riversibbli li ma jkollhomx impatt negattiv. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2017. | MOT | Implimentata |
| 259 | Se naħdmu biex aktar minn ħamsin teatru lokali f'Malta u f'Għawdex jiġu żviluppati u jservu għal provi u produzzjonijiet artistiċi. B'hekk sidien privati ta' dawn l-ispazji jistgħu b'mod indipendenti joħolqu pjanijiet strutturali għall-bini u għall-potenzjal artistiku tagħhom. L-għan huwa li tinħoloq skema ta' investiment biex dawn l-ispazji, uħud minnhom storiċi, jiġu żviluppati bħala spazji għal attività artistika. | Din il-miżura ġiet implimentata f'April 2019 | MJCL | Implimentata |
| 290 | Fl-2017 se nestendu l-ġbir tal-iskart organiku f'aktar lokalitajiet. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2018. | MESDC | Implimentata |
| 89 | Fir-rigward tal-Baħrija, is-sena d-dieħla se jitkompla x-xogħol ta' resurfacing ta' Triq in-Nigra kollha u jsir xogħol ieħor fuq id-dawl fit-triq prinċipali waqt li se jiġu rinovati faċilitajiet rikreattivi għat-tfal. | Din il-miżura ġiet implimentata fi Frar 2019. | MTIP | Implimentata |
| 104 | Ir-restawr taz-zuntier ta' isfel tal-Knisja ta' Santa Katerina fiż-Żejtun. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju 2019. | MTIP | Implimentata |
| 134 | Fl-istess ħin sar progress sostanzjali fuq il-konnessjoni permanenti bejn Malta u Għawdex. Kmieni fl-2017 għandhom isiru eżamijiet ġeoloġiċi biex b'dan it-tagħrif se nkunu nistgħu nibnu mudell ġeoloġiku ta' taħt qiegħ il-baħar. Intlaħaq ftehim bejn l-Università ta' Malta u Transport Malta, li bih fil-ġimgħat li ġejjin se jsiru testijiet siżmiċi. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar 2019. | MTIP | Implimentata |
| 165 | Flimkien mal-MDA se nwaqqfu entità bl-isem ta' Property Malta li tagħmilha ta' katalist biex inħajru barranin jiġu jgħixu u jinvestu fil-gżejjer tagħna. L-għan hu li Property Malta tieħu sehem f'attivitajiet internazzjonali ta' promozzjoni u reklamar biex nattiraw investituri u nies li jixtiequ jixtru holiday homes biex dawn in-nies jistabbilixxu ruħhom f'Malta. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru 2018. | MTIP | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | META TWETTQET | MINISTERU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 312 | Se jidħlu fis-seħħ provvedimenti legali li jiffaċilitaw it-trasferiment ta' art agrikola tal-Gvern favur bdiewa żgħażagħ. L-art inkwistjoni se tkun offruta lilhom bi ħlas ta' qbiela baxx għall-ewwel ħames snin. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu 2019. | MTIP | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2018 LI TWETTQU

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | META TWETTQET | MINISTERU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 192 | Matul is-sena 2018 il-Gvern se jkun qiegħed jinvesti aktar fil-ġlieda kontra d-dijabete, partikolarment bl-estensjoni tal-programm tal-glucose monitoring sticks u l-aċċess għall-analogue insulins. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju 2019. | MFH | Implimentata |
| 196 | Wara li permezz tas-servizz tal-IVF b'xejn diversi familji gawdew mit-twelid ta' wlied tant mistennija, l-impenn favur il-ħajja se jkompli. It-twessigħ u l-estensjoni ta' dan is-servizz se jkunu sostnuti b'tisħiħ fil-liġi li tkun tirrifletti aħjar l-avvanzi teknoloġiċi sabiex aktar koppji jkunu jistgħu jibbenefikaw minn din l-opportunità. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru 2018. | MFH | Implimentata |
| 168 | Se naraw li l-ambjent tal-iskejjel ikun idoneu għall-istudenti li għandhom il-kundizzjoni tal-awtiżmu biex huma jibdew iħossuhom aktar komdi u siguri meta jkunu fl-iskola. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018. | MEDE | Implimentata |
| 229 | Il-Gvern huwa impenjat li jkompli jaħdem favur it-tfal li għandhom il-kundizzjoni tal-awtiżmu. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018. | MEDE | Implimentata |
| 3 | Żieda ta' ġurnata oħra ta' leave: Bħalissa diġà bdew diskussjonijiet mal-imsieħba soċjali dwar kif jista' jintlaħaq l-akbar livell ta' kunsens biex din il-proposta tkompli tkun implimentata matul din il-leġiżlatura, kif imwiegħed. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018. | MEAE | Implimentata |
| 140 | Se nibdew nimplimentaw, fejn hu possibbli, sistema ta' offset bejn ħlasijiet li kumpanija jkollha tieħu mingħand il-Gvern ma' ħlasijiet li kumpanija jkollha tagħti lill-Gvern. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju 2019. | MFIN | Implimentata |
| 151 | Korp tal-Pulizija - Tisħiħ tas-sigurtà tal-pajjiż: Titkompla l-manutenzjoni tal-għases | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018. | MHAS | Implimentata |
| 52 | Se tkun qed tinfetaħ skema ta' fidi ta' ċnus li jkunu waslu biex jiskadu. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju 2019. | MTIP | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | META TWETTQET | MINISTERU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 60 | Ninsabu impenjati wkoll li ntejbu l-aċċessibbiltà tal-bus stops. Maħsub li jsir investiment f'bus shelters ġodda biex dawn ikunu mtejba għaż-żmien tal-lum. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018. | MTIP | Implimentata |
| 127 | Se nkunu qegħdin nallokaw fondi biex tinħoloq skema speċifika biex imprendituri Għawdxin li joperaw fis-settur tat-turiżmu jtejbu l-livell tal-istabbilimenti turistiċi. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2018. | MGOZ | Implimentata |
| 39 | Sabiex il-Gvern iħajjar sidien ta' residenzi mhux użati li jiġu rranġati u offruti bħala units għal skop ta' housing soċjali, l-Awtorità tad-Djar se toħroġ skema fejn se toffri assistenza finanzjarja sa massimu ta' €25,000 għal kull residenza fuq xogħlijiet ta' tiswija u riabilitazzjoni ta' proprjetajiet privati li jinsabu vojta u mitluqa. Biex tingħata din l-għajnuna, is-sidien iridu jintrabtu li jikru l-istess proprjetà lill-Awtorità tad-Djar b'rati ta' kera vantaġġjużi għal perjodu ta' 10 snin, għal skopijiet ta' housing soċjali. Dan l-inċentiv se jkun miftuħ għall-ewwel 100 residenza waqt li l-proprjetà trid tkun lesta u fi stat ta' abitazzjoni fi żmien sitt xhur minn meta tkun approvata l-għajnuna sabiex imbagħad tgħaddi għand l-Awtorità biex tinkera għal skopijiet ta' housing soċjali. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju 2018. | MFCS | Implimentata |

UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU